

Brussell, 30 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9317/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0193 (COD)

PECHE 177
CODEC 850
IA 157

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Mejju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 368 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1005/2008, u r-Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontroll tas-sajd

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2018) 368 final.

Mehmuż: COM(2018) 368 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.5.2018
COM(2018) 368 final

2018/0193 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1005/2008, u r-Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontroll tas-sajd

{SEC(2018) 267 final} - {SWD(2018) 279 final} - {SWD(2018) 280 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Raġunijiet għall-proposta u l-oġġettivi tagħha

L-oġġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS)¹ għandhom l-għan li jiżguraw li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u jkunu ġestiti b'mod konsistenti biex jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi. Is-suċċess ta' din jiddependu ħafna mill-implimentazzjoni ta' sistema effettiva ta' kontroll u ta' infurzar. Il-miżuri li jistabbilixxu Sistema ta' Kontroll tas-Sajd (FCS) tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-PKS huma pprovduti f'erba' atti legali differenti: 1) ir-Regolament dwar il-Kontroll tas-Sajd²; 2) ir-Regolament li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA)³; 3) ir-Regolament li jistabbilixxi sistema li tiġġieled kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ir-Regolament IUU)⁴; u 4) ir-Regolament dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-flotot esterni tas-sajd (SMEF)⁵. Il-proposta għandha l-għan li tirrevedi l-FCS, bl-eċċezzjoni tar-Regolament SMEF, li ġie rivedut riċentement.

Bl-eċċezzjoni tar-regolament SMEF, li ġie rivedut dan l-aħħar, is-Sistema ta' Kontroll tas-Sajd (FCS) kurrenti tal-Unjoni tfasslet qabel il-Politika Komuni tas-Sajd⁶ riformata (PKS) u, b'hekk, mhix koerenti għalkollox ma' din. Barra minn hekk, is-sistema tirrifletti strateġiji, metodoloġiji u sfidi ta' kontroll antiki aktar minn 10 snin, u mhix mgħammra biex tindirizza b'mod effettiv il-ħtiġijiet kurrenti u futuri f'termini tad-data dwar is-sajd u l-kontroll tal-flotot, biex iżżomm il-pass mal-evoluzzjoni kostanti tal-prattiki u tat-tekniki tas-sajd u biex tisfrutta teknoloġiji ta' kontroll u sistemi ta' skambju ta' data moderni u aktar kosteffiċjenti. Is-sistema kurrenti lanqas ma tirrifletti l-politiki ġodda u moderni adottati dan l-aħħar fl-Unjoni, bħall-istrateġija dwar il-plastik, l-istrateġija għal suq uniku diġitali, u l-governanza internazzjonali tal-oċeani.

Evalwazzjoni REFIT riċenti tal-Kummissjoni^{7,8}, rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri⁹ u Riżoluzzjoni mill-Parlament Ewropew¹⁰ ilkoll urew li l-FCS għandha nuqqasijiet u b'mod ġenerali mhix idonea.

Fil-Kunsill¹¹, fil-Parlament, fil-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA)¹², mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati saru diversi diskussjonijiet u

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, ĠU L 354, 28.12.2013, p.22.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005, ĠU L 128, 21.5.2005, p.1.

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008, ĠU L 268, 29.10.2008, p.1.

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 347, 28.12.2017, p. 1.

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 354, 28.12.2013, p.22.

⁷ COM(2017) 192 final.

⁸ SWD(2017) 134 final.

⁹ Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri "Il-kontrolli tas-sajd tal-UE: jenħtieġu sforzi addizzjonali".

¹⁰ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar kif armonizzaw il-kontrolli fuq is-sajd fl-Ewropa -<http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P8-TA-2016-0407+0+DOC+XML+V0//MT>.

¹¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 8/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri-<http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-13323-2017-INIT/mt/pdf>.

skambji tal-fehmiet mindu ġew ippubblikati dawn id-dokumenti kollha. Dawk id-diskussjonijiet ikkonfermaw li hemm qbil unanimu fost l-Istituzzjonijiet Ewropej u fost il-partijiet ikkonċernati diretti li s-Sistema ta' Kontroll tas-Sajd mhix effettiva u effiċjenti u li, għaldaqstant, mhix idonea għalkollox biex issostni l-kisbiet tal-objettivi tal-PKS. Barra minn hekk, f'Ġunju 2017, fl-opinjoni tagħha dwar l-istħarriġ tal-Gvern Finlandiż fost il-Partijiet Ikkonċernati rigward il-kontroll tas-sajd tal-UE¹³, anki l-Pjattaforma REFIT identifikat nuqqasijiet fil-qafas regolatorju kurrenti.

L-objettivi speċifiċi tal-proposta huma li: 1) Jitneħħew id-diskrepanzi mal-PKS u ma' politiki oħra tal-UE; 2) Jiġi ssimplifikat il-qafas leġiżlattivi u jitnaqqas il-piż amministrattiv żejjed; 3) Tittejjeb id-disponibbiltà, l-affidabilità u l-kompletezza tad-data u tal-informazzjoni dwar is-sajd, b'mod partikolari tad-data dwar il-qabdiet, u jkun possibbli l-iskambju u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni; u 4) Jitneħħew l-ostakli li jxekklu l-iżvilupp ta' kultura ta' konformità u t-trattament ekwitabbli tal-operaturi fl-Istati Membri u bejniethom.

Il-proposta hi waħda mill-inizjattivi leġiżlattivi taħt REFIT previsti għall-adozzjoni fl-2018.

Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-proposta hi konsistenti mal-qafas legali ġenerali stabbilit mill-PKS riformata u għandha l-għan li tneħħi d-diskrepanzi li hemm magħha, primarjament relatati mal-kontroll effettiv tal-obbligu ta' ħaqq l-art u mal-kontroll tal-kapaċità tas-sajd. Barra minn hekk, il-proposta hi konsistenti wkoll mal-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq, spiss imsejħa "OKS"¹⁴, hekk kif din tistabbilixxi sensiela ta' dispożizzjonijiet għall-kontrolli fil-katina ta' provvista, inklużi dispożizzjonijiet dwar it-traċċabilità li huma essenzjali biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' informazzjoni għall-konsumatur. Finalment, il-proposta għandha l-għan li timplimenta l-impenji meħuda riċentement mill-Kummissjoni rigward, b'mod partikolari, il-ġlieda kontra s-sajd illegali fil-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Governanza tal-Oċeani¹⁵.

Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Il-proposta mhix biss iżżomm il-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni, talli ssaħħa ukoll is-sinerġiji magħhom, billi ssostni l-implimentazzjoni ta': 1) l-Istrateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari¹⁶, f'dak li għandu x'jaqsam mal-irkapti tas-sajd; 2) l-istrateġija għal Suq Uniku Diġitali¹⁷, permezz tal-promozzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali u ta' sistemi interoperabbli; u 3) is-sħubija strateġika msaħħa u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE¹⁸, permezz ta' miżuri ta' kontroll imsaħħa. Barra minn hekk, il-proposta għandha l-għan li ttejjeb is-sinerġiji mal-liġi dwar l-ikel u l-għalf, permezz ta' allinjament aħjar tad-definizzjonijiet, u mal-leġiżlazzjoni ambjentali (id-Direttiva dwar il-Habitats), hekk kif tagħti s-setgħa lill-Istati Membri biex jikkontrollaw b'mod effettiv l-attivitajiet tas-sajd f'żoni ristretti għas-sajd.

¹² <https://www.efca.europa.eu/sites/default/files/EFCA%20Evaluation%20-%20Issuing%20of%20Recommendations.pdf>

¹³ https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/xiv3acontrol_of_eu_fisheries.pdf

¹⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1.

¹⁵ JOIN(2016) 49 final.

¹⁶ [COM\(2018\) 28 final 16.01.2018](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/com_memo_18_01)

¹⁷ SWD(2017) 155 final: Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa.

¹⁸ COM(2017) 623 final - http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/policy/themes/outermost-regions/pdf/rup_2017/com_rup_partner_en.pdf.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

Bażi ġuridika

Il-proposta hi bbażata fuq l-Artikolu 43(2) tat-TFUE dwar l-istabbiliment tad-dispożizzjonijiet neċessarji għall-ilħuq tal-oġġettivi tal-PKS, li hu qasam ta' kompetenza esklużiva tal-UE skont l-Artikolu 3(d) tat-Trattat.

Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Ma japplikax

Proporzjonalità

Il-proposta tipprowdi għal tibdiliet immirati li ma jmorrux lil hinn minn dak li hu neċessarju biex jinksbu l-oġġettivi stabbiliti. It-Taqsima 7.4.2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta tiddiskuti l-proporzjonalità tal-għażliet politiċi tal-proposta.

Għażla tal-istrument

L-istrument propost: emenda tar-Regolamenti kurrenti.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET “EX POST”, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Evalwazzjonijiet “ex post”/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Evalwazzjoni komprensiva tal-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Kontroll u l-impatti ta' dan fuq il-PKS, li tkopri l-perjodu 2010-2016, saret bħala parti mill-eżerċizzju REFIT u r-riżultati ta' din ġew ippubblikati fir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill¹⁹ u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li akkumpanjah “REFIT Evalwazzjoni tal-impatt tar-regolament tas-sajd”²⁰.

L-evalwazzjoni kkonfermat li r-Regolament dwar il-Kontroll hu ferm rilevanti biex tiġi żgurata konformità mal-PKS. It-test adottat fl-2009 indirizza n-nuqqasijiet ewlenin tas-sistema preċedenti, billi kkontribwixxa biex jiżied il-livell ġenerali ta' konformità mal-PKS, biex jittejjbu l-komunikazzjoni, l-iskambju u l-qsim ta' data fost id-diversi partijiet ikkonċernati, biex itejjeb b'mod ġenerali l-kwalità u l-kwantità ta' data dwar is-sajd, u biex irawwem kundizzjonijiet ekwi fost l-operaturi. Madankollu, l-evalwazzjoni wriet ukoll li għad hemm aktar xi jsir u li l-qafas leġiżlattiv kurrenti mhuwiex idoneu għalkollox, u b'hekk hemm bżonn li jiġi rivedut għaliex:

- Ir-regoli ta' infurzar mhumiex deterrenti biżżejjed;
- Id-dispożizzjonijiet huma inadegwati għad-data dwar is-sajd;
- Il-qafas leġiżlattiv hu kumpless u d-dispożizzjonijiet legali huma ambigwi;

¹⁹ COM(2017) 192 final, <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2017:192:FIN>

²⁰ SWD(2017) 134 final http://eur-lex.europa.eu/resource.html?uri=cellar:2c2f2554-0faf-11e7-8a35-01aa75ed71a1.0017.02/DOC_1&format=PDF

- Hemm nuqqas ta' miżuri għall-kontroll tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-PKS riformata u nuqqas ta' sinerġiji ma' politiki oħra.

Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Fil-kuntest tal-evalwazzjoni REFIT, fl-2016 saret konsultazzjoni pubblika estensiva. Ir-riżultati huma ppubblikati fuq il-paġna web Europa²¹. Aktar tard saru konsultazzjonijiet immirati addizzjonali bl-għan li (i) jintlaħaq qbil dwar il-problemi identifikati mill-Kummissjoni Ewropea fl-evalwazzjoni REFIT; (ii) jintlaħaq qbil dwar il-ħtieġa ta' azzjoni; u (iii) jinġabru l-kontributi u jinġabar feedback mill-akbar numru ta' partijiet ikkonċernati possibbli dwar l-elementi li jħarsu 'l quddiem tal-valutazzjoni tal-impatt tat-tnedija u dwar l-azzjonijiet proposti speċifiċi proposti mill-Kummissjoni biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet identifikati.

Il-konsultazzjonijiet involvew l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, il-Kunsilli Konsultattivi, organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet tal-UE u nazzjonali, NGOs ambjentali, l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) u l-Bord Amministrattiv ta' din, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), il-FRONTEx (kontroll fil-fruntieri tal-baħar). Saru diskussjonijiet f'diversi fora differenti biex tiġi żgurata kopertura wiesgħa u eżawrijenti tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Politika Interna u Esterna tas-Sajd, u l-Kumitat PECH tal-Parlament Ewropew.

Intlaħaq qbil komuni fost il-partijiet ikkonċernati dwar il-ħtieġa li tiġi riveduta s-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-UE. Il-kontribuzzjonijiet u l-feedbacks li waslu xeħtu dawl fuq in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Kontroll tas-Sajd, kif ukoll f'uħud mid-dispożizzjonijiet ta' dan. Il-partijiet ikkonċernati ġeneralment taw appoġġ lill-Kummissjoni fl-indirizzar tal-kwistjonijiet ewlenin li ġejjin: allinjament mal-PKS, diskrepanzi bejn l-applikazzjoni mill-Istati Membri tar-regoli, il-kumplessità tal-qafas leġislativ u n-nuqqas ta' ċarezza ta' wħud mid-dispożizzjonijiet rigward is-sistema ta' sanzjonar, id-disponibbiltà, il-kwalità u l-qsim ta' data, il-kontroll ta' bastimenti żgħar u tal-obbligu ta' ħatt l-art, kif ukoll il-ħtieġa li jittejbu s-sinerġiji ma' leġislazzjonijiet oħra, b'mod partikolari mar-regolament IUU, mal-liġi dwar l-ambjent u mal-liġi dwar l-ikel.

Il-kontribuzzjonijiet xeħtu wkoll dwak fuq kwistjonijiet bħas-simplifikazzjoni, ir-reġjonalizzazzjoni, il-kundizzjonijiet ekwi u l-ħtieġa ta' soluzzjonijiet kosteffiċjenti. Is-simplifikazzjoni u l-kjarifika legali tar-regoli kurrenti dwar il-kontroll thegħu ferm mill-partijiet ikkonċernati, għad li ċerti eżenzjonijiet mir-regoli ewlenin kultant huma meqjusa bħala neċessarji. Ir-reġjonalizzazzjoni tqieset bħala kunċett importanti minn ċerti partijiet ikkonċernati, filwaqt li tqieset li hi kunċett li mhuwiex allinjat mal-ispirtu u mal-objettivi ta' politika ta' kontroll tal-Unjoni minn diversi oħrajn. Il-ħtieġa li jinħolqu kundizzjonijiet ekwi fost l-operaturi tas-sajd u l-Istati Membri madwar l-UE tqieset kritika mill-partijiet ikkonċernati kollha. Finalment, il-partijiet ikkonċernati indikaw li, kull fejn possibbli, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv u l-kosteffiċjenza għandhom ikunu l-prinċipji ta' gwida tal-proċess ta' revizzjoni.

²¹ https://ec.europa.eu/info/consultations/evaluation-fisheries-control-regulation_mt

Rigward l-għażliet politiċi proposti, il-maġġoranza vasta tal-partijiet ikkonċernati tat appoġġ kbir jew uriet preferenza lejn emenda mmirata tas-Sistema ta' Kontroll tas-Sajd, inkluż ir-Regolament dwar il-Kontroll tas-Sajd, ir-Regolament IUU u r-Regolament li waqqaf l-EFCA.

L-Anness 2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt jipprovdi sommarju tal-konklużjonijiet minn dawn il-konsultazzjonijiet kollha, filwaqt li l-Anness 10 lista ta' kontribuzzjonijiet bil-miktub li waslu mingħand il-partijiet ikkonċernati. Il-kontribuzzjonijiet oriġinali bil-miktub mibgħuta mill-partijiet ikkonċernati u l-minuti tas-sessjonijiet ta' ħidma u s-seminars imsemmija hawn fuq huma ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea²².

Ġbir u użu tal-għarfien espert

Il-proposta legali u l-valutazzjoni tal-impatt huma bbażati fuq korp vast ta' materjal u ta' studji, kif imsemmi fl-Anness 1 tal-Valutazzjoni tal-Impatt²³.

L-għarfien espert estern intuża wkoll bħala appoġġ għall-Valutazzjoni tal-Impatt biex jiġu vvalutati l-impatti tal-għażliet politiċi proposti u t-tqabbil ta' dawn. L-istudju estern sar fil-ħarifa tal-2017²⁴ biex jivvaluta l-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-għażliet politiċi, it-tibdiliet fil-piż amministrattiv, u l-benefiċċji tas-simplifikazzjoni u jqabbel l-għażliet varji f'termini ta' effiċjenza, ta' effettività, ta' koerenza, mar-rakkomandazzjonijiet tal-Istituzzjonijiet rilevanti.

Valutazzjoni tal-impatt

Tliet għażliet politiċi ġew analizzati permezz tal-proċess ta' Valutazzjoni tal-Impatt: (1) Linja bażi, jiġifieri ebda tibdil fil-politika iżda infurzar sħiħ tar-regoli kurrenti; (2) Għażla 1: emendi mmirati tar-Regolament dwar il-Kontroll tas-Sajd; (3) Għażla 2: emendi mmirati tas-Sistema ta' Kontroll tas-Sajd (b'mod partikolari r-Regolamenti dwar: il-Kontroll tas-Sajd, is-Sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Irregolat u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd). L-għażla 2 uriet prestazzjoni ġenerali ferm imtejbja meta mqabbla mal-għażliet l-oħra u ntgħażlet bħala dik preferuta.

L-impatti ambjentali pożittivi tal-għażla preferuta jkunu jinkludu: tnaqqis tas-sajd eċċessiv, eliminazzjoni tal-iskartar fil-baħar, stokkijiet ta' ħut aktar b'saħħithom u kontroll xieraq ta' żoni protetti tal-baħar. Il-benefiċċji soċjoekonomiċi ewlenin jinkludu: pagi u kompetittività msaħħa tal-industrija tas-sajd, speċjalment għall-flotta ż-żgħira; promozzjoni tal-ħolqien tax-xogħol (speċjalment fl-ICT); konformità mtejbja mal-PKS u trattament indaqs tas-sajjieda.

L-ispejjeż ikunu "proporzjonati" għall-benefiċċji miksuba (speċjalment fid-dawl tal-iffrankar tal-ispejjeż) u kosteffiċjenti, b'benefiċċji konsiderevoli li jisbqu t-tibdiliet relattivament modesti fl-ispejjeż. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu jibbenefikaw ukoll mill-iffrankar tal-ispejjeż (EUR 157 miljun fuq ħames snin, meta mqabbla max-xenarju bażi) permezz ta' simplifikazzjoni u ta' interoperabbiltà.

Ma hu mistenni jseħħ ebda impatt soċjali jew ambjentali negattiv minħabba l-għażla preferuta.

²² https://ec.europa.eu/fisheries/cfp/control_mt

²³ Disponibbli [hawn](http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/?fuseaction=ia&language=mt): <http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/?fuseaction=ia&language=mt>.

²⁴ Disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/fisheries/cfp/control_mt

Fit-8 ta' Jannar 2018 il-valutazzjoni tal-impatt ġiet sottomessa lill-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju għar-rieżami tal-kwalità. Il-Bord analizza l-abbozz ta' rapport u ħareġ Opinjoni pożittiva akkumpanjata bir-rakkomandazzjonijiet tiegħu għal titjib fid-9 ta' Frar 2018²⁵.

Ħarsa ġenerali lejn ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord u t-tibdiliet li saru meta mqabbla mal-abbozz preċedenti hi pprovduta fl-Anness 1 għall-Valutazzjoni tal-Impatt.

Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni

L-azzjonijiet u l-emendi previsti taħt l-Għażla preferuta jkunu jappoġġjaw bis-saħħa t-tnaqqis fil-piż amministrattiv żejjed għall-awtoritajiet pubbliċi u, meta jitqies li ħafna mill-ispejjeż il-ġodda huma assoċjati mal-iżvilupp tal-ICT u ma' investimenti ta' darba, fuq terminu twil l-appoġġ jilħaq ukoll lill-UE kollha. L-Għażla preferuta hi mistennija tissimplifika u tnaqqas b'mod drastiku l-piż amministrattiv tas-sistema kurrenti, bl-iffrankar tal-ispejjeż stmat għal EUR 157 miljun tul 5 snin meta mqabbla mal-linja bażi. Ta' min jinnota li filwaqt li wħud mill-ispejjeż iffrankati jistgħu jiġu monetizzati, oħrajn ġew identifikati iżda ma kienu possibbli li jiġu kkwantifikati.

Kwalunkwe piż addizzjonali għal operaturi żgħar (sajjieda fuq skala żgħira) se jiġi evitat bl-introduzzjoni ta' sistemi ta' rapportar faċli u kosteffiċjenti għad-data dwar is-sajd, bl-isfruttar ta' teknoloġiji tal-mowbajls affordabbli u ferm mifruxa. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' ICT ġodda se tagħti spinta lill-innovazzjoni u tipprovdi twieqi ġodda għall-ħolqien tax-xogħol għall-SMEs u għan-negozji ġodda.

Drittijiet fundamentali

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Il-proposta tiċċara l-aċċess għad-data u l-iskopijiet għall-proċessar ta' data personali. Il-proċessar ta' data personali ser isir b'mod li jiġu rrispettati l-obbligi dwar il-protezzjoni ta' data personali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679 u fir-regolament li jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropeu u tal-Kunsill.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta mhu ser ikollha l-ebda impatt fuq l-approprijazzjonijiet ta' impenn, billi mhi qed tiġi proposta l-ebda bidla fl-ammonti massimi tal-finanzjament mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej previsti fil-programmi operazzjonali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

5. ELEMENTI OĦRA

Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar

Ir-Regolament kurrenti dwar il-Kontroll tas-Sajd diġà jipprovdi li l-Kummissjoni għandha tivvaluta l-implimentazzjoni tiegħu kull 5 snin, fuq il-bażi tar-rapporti sottomessi mill-Istati

²⁵ L-Opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju se tiġi ppubblikata mar-rapport ta' valutazzjoni tal-Impatt u l-proposta tal-Kummissjoni fir-Reġistru online ta' dokumenti tal-Kummissjoni (disponibbli [hawn: http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/?fuseaction=ia&language=mt](http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/?fuseaction=ia&language=mt)).

Membri. Din ir-regola se tinżamm. Spjegazzjoni dettaljat ta' kif se jiġu ssorveljati u evalwati l-impatti propji hi pprovduta fit-taqsimu 9 tal-valutazzjoni tal-impatt.

Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)

Mhux applikabbli.

Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

Il-proposta hi mqassma kif ġej:

Artikolu 1: Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1224/2009

Artikolu 2: Emendi għar-Regolament (KE) Nru 768/2005

Artikolu 3: Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1967/2006

Artikolu 4: Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1005/2008

Artikolu 5: Emendi għar-Regolament (UE) Nru 2016/1139

L-emendi jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej, skont is-suġġett ewlieni, is-suġġetti sekondarji, l-Artikoli kkonċernati u d-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta:

Emendi għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komunitas-Sajd		
SUĠĠETT 1: INFURZAR		
Suġġett sekondarju	Artikoli	Dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta
L-ispezzjonar u l-monitoraġġ	Emendati: 73, 74, 75, 76, 77, 78, 79, 80	Kjarifika tal-proċess ta' spezzjoni, tad-dmirijiet tal-ispetturi, u tad-dmirijiet tal-kaptani u tal-operaturi matul l-ispezzjonijiet. Diġitalizzazzjoni tar-rapporti tal-ispezzjonijiet permezz tal-użu obligatorju ta' Sistema Elettronika ta' Rapporti ta' Spezzjonijiet li se tippermetti li jsir użu aħjar u skambju tad-data bejn l-awtoritajiet rilevanti u l-Istati Membri. Kjarifika dwar ir-rwol u d-dmirijiet tal-osservaturi tal-kontroll.
Sanzjonijiet	Ġodda: 89a, 91a, 91b, 92a, 92b, Annessi III u IV Emendati: 82, 85, 90, 91, 92	Definizzjonijiet ġodda għall-fini ta' kjarifika u ta' titjib tal-“kapitolu dwar l-infurzar”. Lista ġdida ta' tipi ta' ksur tar-regoli tal-PKS, li għandhom jiġu kkwalfikati bħala ta' natura serja (bla ma jiġi applikat ebda kriterju). Lista dettaljata u eżawrijenti ġodda ta' kriterji għall-kwalifikazzjoni bħala serju ta' ċertu ksur ieħor tar-regoli tal-PKS. Dan se jiffavorixxi l-kundizzjonijiet ekwi filwaqt li jiżgura l-proporzjonalità. Introduzzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi obligatorji u livelli minimi ta' multi għal ksur serju tar-regoli tal-PKS,

		<p>biex is-sistema ta' sanzjonar issir aktar deterrenti u effettiva fl-Istati Membri kollha u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi.</p> <p>Iċċarar tal-miżuri immedjati ta' infurzar (jew tal-miżuri preventivi) li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri fil-każ ta' ksur serju.</p> <p>Iċċarar li l-punti għandhom jiġu assenjati kemm lid-detentur ta' liċenzja tas-sajd kif ukoll lill-kaptan f'każ li dawn l-entitajiet ikunu differenti.</p> <p>Iċċarar li l-proċedimenti u l-assenjament tal-punti fil-każ ta' ksur serju jistgħu jsiru mill-Istat Membru kostali iżda jridu jiġu infurzati b'mod sistematiku mill-Istat Membru tal-bandiera.</p> <p>Iċċarar li l-punti japplikaw sistematikament b'mod addizzjonali għas-sanzjoni(jiet) ewlenija/ewlenin fil-każ ta' ksur serju (bi ftit derogi meta l-ksur ma jitwettaqx minn detentur ta' liċenzja tas-sajd jew minn kaptan, eż. sajd rikreattiv).</p> <p>Għoti ta' possibbiltà biex l-Istati Membri jużaw aħjar u jiskambjaw data dwar ksur u sanzjonijiet.</p>
--	--	-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

SUĠĠETT 2: DISPONIBILITÀ, KWALITÀ U QSIM TA' DATA

Suġġett sekondarju	Artikoli	Dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta
Traċċar tal-bastimenti	Emendati: 4, 9, 10, 12 Ġdid: 9a	<p>Tiddaħħal flessibilità fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet ta' sistema ta' traċċar tal-bastimenti (mhux bilfors satellitari)</p> <p>Hi pprovduta kjarifika fir-rigward taċ-ċentri ta' monitoraġġ tal-bastimenti.</p> <p>Il-bastimenti kollha inklużi daww iqsar minn 12-il metru jrid ikollhom sistema ta' traċċar.</p> <p>Id-data rilevanti għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Aġenziji involuti f'operazzjonijiet ta' sorveljanza.</p>
Ġurnal ta' abbord	Emendat: 14	<p>L-eżenzjoni mir-rapportar fil-ġurnali ta' abbord ta' qabdiel ta' anqas minn 50 kg titneħħa għall-kategoriji kollha ta' bastimenti.</p> <p>Ir-regoli għall-hekk imsejjaħ "marġni ta' tolleranza" huma ċċarati u mfassla apposta għal sitwazzjonijiet/tipi ta' sajd speċifiċi.</p> <p>Il-kontenut tal-ġurnal ta' abbord hu allinjat mad-dispożizzjoni l-ġdida dwar it-traċċabilità (użu tal-identifikatur uniku tal-vjaġġ tas-sajd) u hi emendat biex tiżdied il-kwalità tad-data rreġistrata.</p>
Bastimenti iqsar minn 12-il metru	Emendati: 9, 14, 15 Ġodda: 15a	<p>Jitneħħew id-derogi kurrenti u jiġu ddefiniti żewġ kategoriji biss ta' bastimenti tas-sajd: > 12-il m u < 12-il m.</p> <p>Il-bastimenti tas-sajd kollha ta' < 12-il m iridu</p>

		jirrapportaw il-qabdiet tagħhom b'mod elettroniku.
Dikjarazzjoni ta' trasbord u dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art	Emendati: 20, 21, 22, 23, 24 Imħassra: 16, 25, 28	Id-data kollha rreġistrata b'mod diġitali u sottomessa b'mod elettroniku. Il-kontenut tad-dokumenti hu allinjat mad-dispożizzjoni l-ġdida dwar it-traċċabilità (użu tal-identifikatur uniku tal-vjaġġ tas-sajd) u hu emendat biex tizzied il-kwalità tad-data rreġistrata. Tħassru d-derogi kurrenti dwar id-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art. Hi meħtieġa awtorizzazzjoni għal trasbordi barra mill-ibħra tal-UE jew f'port ta' pajjiżi terzi mill-Istat Membru tal-bandiera.
Notifika minn qabel	Emendati: 17, 19 Imħassar: 18 Ġdid: 19a	In-notifiki minn qabel huma estenzi għall-bastimenti kollha >12-il m u ma għadhomx limitati għal stokkijiet skont pjanijiet pluriennali. Hi meħtieġa notifika minn qabel għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jħottu l-art f'portijiet f'pajjiżi terzi.
Kontroll tas-sajd rikreattiv	Emendati: 4, 55	L-Istati Membri huma meħtieġa jkollhom sistema biex jikkontrollaw il-parteċipanti f'sajd rikreattiv (reġistrazzjoni jew liċenzjar) u jiġbru informazzjoni dwar il-qabdiet. Għal speċijiet li huma soġġetti għal miżuri ta' konservazzjoni tal-Unjoni applikabbli għas-sajd rikreattiv, id-dikjarazzjonijiet tal-qabdiet iridu jintbagħtu lill-awtoritajiet kompetenti u trid tiġi stabbilita sistema għar-reġistrazzjoni jew għal-liċenzjar għall-bastimenti. Tinżamm il-projbizzjoni li jinbiegħu qabdiet u jitneħħew id-derogi kurrenti fil-Mediterran (ara l-emendi għar-Regolament (KE) Nru 1967/2006). Huma mfassla kundizzjonijiet biex jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kontroll u l-markar ta' rkapti tas-sajd applikabbli għas-sajd rikreattiv, dwar it-traċċar tal-bastimenti, dwar is-sistemi ta' reġistrazzjoni jew ta' liċenzjar u dwar ir-reġistrazzjoni tal-qabdiet. L-attivitajiet tas-sajd rikreattiv organizzati minn intrapriżi kummerċjali huma koperti.
Traċċabilità	Emendati: 4, 56, 57, 58 Ġdid: 56a	Huma ċċarati d-dispożizzjonijiet dwar it-traċċabilità u hu introdott Artikolu ġdid dwar il-lottijiet. Hi ċċarata l-informazzjoni dwar it-traċċabilità, biex ikunu jistgħu jinħolqu links bejn lott speċifiku ta' prodotti tas-sajd u ħatt l-art partikolari minn bastiment tas-sajd tal-UE. L-informazzjoni hi rreġistrata b'mod elettroniku biex il-kontrolli fil-katina ta' provvista fi ħdan is-suq intern ikunu aktar effettivi u effiċjenti. Titneħħa d-deroga għall-prodotti importati. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni dwar it-traċċabilità hu limitat għal ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura).

		Id-deroga għall-prodotti mibjugħa lil konsumaturi hi allinjata ma' dispożizzjonijiet oħra fir-Regolament (massimu ta' 5 kg ta' prodotti tas-sajd kull jum minflok 50 euro).
Proċeduri u data ta' wżin, ta' trasport u ta' bejgħ	Emendati: 59, 60, 62, 64, 65, 66, 68 Ġodda: 59a, 60a Imħassra: 61, 63, 67	L-eżenzjonijiet kurrenti li jxekklu l-użin u r-reġistrazzjoni preċiżi tal-ħut li jinħatt l-art huma ssimplifikati. Hi stabbilita sistema sempliċi u effettiva biex jiġi ggarantit użin preċiż matul il-ħatt l-art permezz tal-użin li jsir minn operatur reġistrat. Huma stabbiliti proċeduri mmirati għal ħatt l-art mhux imqassam. Id-derogi kurrenti għall-kwantitajiet mibjugħa/distribwiti għall-konsum privat, lil xerrejja mhux reġistri, huma emendati u allinjati mad-dispożizzjonijiet dwar il-kontroll fil-katina ta' provvista. Ir-responsabbiltajiet u r-responsabbiltà tal-operaturi fil-katina ta' provvista huma ċċarati. Huma introdotti rekwiżiti ta' reġistrazzjoni b'mod diġitali u ta' sottomissjoni b'mod elettroniku ta' noti tal-bejgħ, ta' noti ta' akkwiżizzjoni u ta' dokumenti tat-trasport. Ir-rapportar mill-operaturi lill-awtoritajiet kompetenti (stat tal-bandiera, stat tal-ħatt l-art, stat tal-bejgħ) hu ssimplifikat.
Disponibbiltà u skambju ta' data	Emendati: 33, 34, 109, 110, 111, 112, 114 u 115 Ġodda: 111a; 112a Imħassar: 116	Id-diġitalizzazzjoni tas-sistema tad-data tlestiet, u d-disponibbiltà, l-affidabilità u l-iskambju ta' data huma mtejba b'mod ġenerali. Id-dispożizzjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni ta' data mill-Istati Membri u s-sottomissjoni ta' data lill-Kummissjoni huma ssimplifikati u allinjati ma' emendi oħra. L-emendi jiċċaraw id-data miġbura mill-Istati Membri, il-passi ta' validazzjoni u l-aċċess mill-Kummissjoni għad-data miġbura u l-iskop ta' din. L-emendi jiċċaraw ukoll il-miżuri għall-protezzjoni ta' data personali u s-sigurtà tal-proċessar. Hu mħassar l-Artikolu dwar il-parti sigura tas-sit web.
SUĠĠETT 3: TNEĦĦIJA TAD-DISKREPANZI MAL-PKS		
Suġġett sekondarju	Artikoli	Dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta
Definizzjoni ta' "regoli tal-politika komuni tas-sajd"	Emendat:4	Id-definizzjoni ta' "regoli tal-politika komuni tas-sajd" hi ċċarata u allinjata mal-PKS.
Liċenzja tas-sajd u awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Emendati: 6, 7	Id-dispożizzjonijiet huma allinjati mal-PKS
Obbligu ta' ħatt l-	Ġdid: 25a	L-emendi jippermettu li jintużaw għodod elettroniċi

art		mbiegħda ta' monitoraġġ, b'mod partikolari CCTVs, għall-kontroll tal-obbligu ta' ħatt l-art. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda se jaffettwaw lil bastimenti individwali u lil segmenti tal-flotot skont il-valutazzjoni tar-riskju, u għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri f'livell reġjonali.
Kapaċità tas-sajd	Ġdid: 39a Emendati: 38, 41	Hu introdott Artikolu ġdid li jeħtieġ li ċerti bastimenti bi rkapti attivi jiġu attrezzati b'apparat li jissorvelja u jirreġistra s-saħħa tal-magna. Id-dispożizzjonijiet kurrenti dwar il-verifika tas-saħħa tal-magna huma s-simplifikati. Huma introdotti dispożizzjonijiet dwar il-verifika fiżika tat-tunnellaġġ tal-bastimenti tas-sajd.
Programmi nazzjonali ta' kontroll u rapporti annwali	Imħassra: 46, Anness 1 Emendat: 5 Ġdid: 93a	Il-programmi nazzjonali ta' kontroll huma estiżi biex ikopru l-kontroll tar-regoli tal-PKS u mhux biss il-kontroll tal-programmi pluriennali. Għaldaqstant jitħassar l-Anness 1 dwar il-parametri referenzjarji tal-ispezzjoni għall-pjanijiet pluriennali. Il-programmi nazzjonali ta' kontroll għandhom jinkludu wkoll il-kontroll tas-sajd rikreattiv. Huma meħtieġa rapporti annwali dwar l-ispezzjonijiet u l-kontrolli nazzjonali.
SUĠĠETT 4: SINERĠIJI MA' POLITIKI OĦRA		
Irkapti tas-sajd	Emendati: 14, 43, 55	Ir-rapportar ta' rkaptu tas-sajd mitluf hu ffaċilitat u mtejjeb, bl-użu ta' ġurnali (elettroniċi) ta' abbord għall-kategoriji kollha ta' bastimenti. Titneħħa d-deroga kurrenti applikabbli għall-bastimenti < 12-il m biex iġorru abbord it-tagħmir neċessarju għas-sejbien ta' rkaptu mitluf. Huma stipulati kundizzjonijiet biex jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar il-markar u l-kontroll tal-irkapti tas-sajd għas-sajd rikreattiv.
Żoni ristretti għas-sajd	Emendati: 4, 50	Id-definizzjoni ta' "żoni ristretti għas-sajd" u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 50 huma emendati biex jittieħdu f'kunsiderazzjoni ż-żoni ristretti għas-sajd taħt is-sovranià jew il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri kif ukoll barra mill-ibħra tal-UE.
SUĠĠETT 5: ALLINJAMENT MAT-TRATTAT TA' LISBONA		
Allinjament mat-Trattat ta' Lisbona	Diversi Artikoli emendati jew introdotti	Is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni taħt ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 huma allinjati mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dispożizzjonijiet li jikkonferixxu setgħat ta' teħid ta' deċizzjonijiet lill-Kunsill waħdu huma adattati wkoll biex jinġiebu konformi mal-proċeduri l-ġodda applikabbli għall-Politika Komuni tas-Sajd.

Emendi għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 li jistabbilixxi Aġenzija

Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd		
Suġġett	Artikoli	Dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta
Allinjament mal- PKS	Emendati: 2 u 3 Emendat:1 7	L-objettiv u l-missjonijiet tal-Aġenzija huma allinjati għalkollox mal-PKS il-ġdida. L-ambitu ġeografiku tas-setgħat ta' spezzjoni tal-Aġenzija ma għadux limitati għall-ibħra internazzjonali.
Skambju ta' data	Emendat:1 6	L-emendi li jiċċaraw ir-regoli dwar l-iskambju u l-proċessar ta' informazzjoni u l-miżuri għall-protezzjoni ta' data personali.
Allinjamnet mal- approċċ Komuni dwar l-Aġenziji deċentralizzati tal- UE	Emendati: 26, 29, 39	Huma introdotti diversi emendi biex ir-Regolament li jistabbilixxi l-EFCA jiġi allinjat aħjar mal-Approċċ Komuni.
Baġit	Emendat:3 5	Il-possibbiltajiet għad-dħul huma estenzi biex ikunu permessi ftehimiet ta' delegazzjoni u għotjiet ad hoc, f'konformità ma' dispożizzjonijiet simili fis-seħħ għal Aġenziji oħra (eż. Frontex).

Emenda għar-Regolament tal-Kunsill Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat		
Suġġett	Artikoli	Dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta
Diġitalizzazzjoni taċ-ċertifikat tal-qabdiet IUU (CATCH)	Ġodda: 12a sa 12e	L-Iskema ta' Ċertifikazzjoni tal-Qabda, kif stabbilita fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, hi bbażata fuq il-karti u, għalhekk, mhix effiċjenti. L-emendi għall-Iskema tal-Unjoni ta' Ċertifikazzjoni tal-Qabda jipprovdu għall-istabbiliment ta' bażi ta' data għall-ġestjoni taċ-ċertifikati tal-qabdiet (CATCH) ibbażata fuq is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Infurmazzjoni għal Kontrolli Uffiċjali, biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli bbażati fuq ir-riskju, jitnaqqsu l-opportunitajiet ta' importazzjonijiet frawdolenti u jitħaffef il-piż amministrattiv tal-Istati Membri. Il-funzjonijiet operazzjonali tal-CATCH se jiġu żviluppati f'fażijiet differenti. Il-Kummissjoni hi mogħtija setgħat ta' implimentazzjoni u delegati b'rabta mal-funzjonament u mal-iżvilupp ulterjuri tal-CATCH.
Spezzjonijiet	Emendat: 10	Allinjament tad-dispożizzjonijiet il-ġodda fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
Bastiment tas-sajd involut f' sajd IUU	Emendati: 2, 3, 11	Allinjament mad-dispożizzjonijiet il-ġodda fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u kontroreferenzi rilevanti.
Proċedimenti u	Ġdid: 42a,	Huma introdotti kontroreferenzi biex jiġi żgurat

miżuri ta' infurzar (inkluż ksur serju)	Emendati: 27, 42, 43 Imħassra: 44 sa 47	allinjament mad-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-proċedimenti u l-infurzar li jinkludu s-sanzjonijiet fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Jitħassru l-Artikoli li ma baqgħux applikabbli.
-----------------------------------------	--------------------------------------------	--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

Emenda għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran Emenda għar-Regolament (UE) 2016/1139 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet		
Suġġett	Artikoli	Dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta
Regolament (KE) Nru 1967/2006	Emendat: 17 Imħassra: 21, 23	Biex tiġi żgurata kompatibbiltà mar-Regolament 1224/2009, jitħassru ċerti dispożizzjonijiet dwar is-sajd rikreattiv u d-dispożizzjonijiet dwar it-trasbord.
Ir-Regolament (UE) Nru 2016/1139	Imħassra: 12, 13	Biex tiġi żgurata kompatibbiltà mar-Regolament 1224/2009, jitħassru d-dispożizzjonijiet dwar il-ġurnali ta' abbord u dwar il-marġni ta' tolleranza

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1005/2008, u r-Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontroll tas-sajd

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara konsultazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²⁶,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni²⁷,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġiżlattiva,

Billi:

- (1) Il-Politika Komuni tas-Sajd saritilha riforma permezz tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸. L-oġettivi tal-politika komuni tas-sajd u r-rekwiżiti għall-kontroll tas-sajd u għall-infurzar huma stabbiliti fl-Artikoli 2 u 36 ta' dak ir-Regolament. L-implimentazzjoni b'suċċess ta' din tiddependi mis-sistema effettiva u aġġornata ta' kontroll u ta' infurzar.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009²⁹ stabbilixxa sistema ta' kontroll tas-sajd tal-Unjoni li tipprovdi fost l-oħrajn għal ċentri ta' monitoraġġ, għat-traċċar ta'

²⁶ ĠU C , , p .

²⁷ ĠU C , , p .

²⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

²⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

bastimenti tas-sajd, għal obbligi ta' rapportar tal-qabdiet, għal notifikati minn qabel, għal awtorizzazzjonijiet għal trasbordi f'pajjiżi terzi, għall-pubblikazzjoni tal-għeluq taż-żoni tas-sajd, għall-kontroll tal-kapaċitajiet tas-sajd, għal programmi nazzjonali ta' kontroll, għall-kontroll tas-sajd rikreattiv, għal kontrolli fil-katina ta' provvista ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, għall-użin ta' prodotti tas-sajd, għad-dokumenti tat-trasport, għad-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art, għan-noti tal-bejgħ u għad-dikjarazzjonijiet ta' akkwizzizzjoni, għal spezzjonijiet u awditi, għas-sanzjonar ta' ksur u għall-aċċess għad-data.

- (3) Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 tfassal qabel l-adozzjoni tal-politika komuni tas-sajd il-ġdida. Għaldaqstant, għandu jiġi emendat biex jindirizza aħjar ir-rekwiżiti għall-kontroll u għall-infurzar tal-politika komuni tas-sajd f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u jisfrutta teknoloġiji moderni u aktar kosteffiċjenti ta' kontroll.
- (4) Fir-Regolament (EK) Nru 1224/2009, għandha ssir refrenza għad-definizzjonijiet fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u fir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰. FI-interess ta' ċarezza u ta' konsistenza, ċerti definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandhom jiġihassru jew jiġu emendati u għandhom jiġdiedu definizzjonijiet ġodda.
- (5) Id-definizzjoni ta' "regoli tal-politika komuni tas-sajd" għandha tiġi emendata biex jiġi ċċarat li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha jkopri d-dritt applikabbli kollu tal-Unjoni fis-settur tas-sajd, inklużi regoli dwar miżuri tekniċi u ta' konservazzjoni għal riżorsi bijoloġiċi marini, dwar il-ġestjoni u l-kontroll tal-flotot tal-Unjoni li jużaw it-tali riżorsi, dwar il-proċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, is-sistema tal-Unjoni għall-prevenzjoni, għad-deterrenza u għall-eliminazzjoni tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u l-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni.
- (6) It-termini "data tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti" għandhom jiġu ssostitwiti bl-espressjoni aktar ċara "data dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti". Id-definizzjoni ta' "data dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti" ma għandhiex tibqa' tirreferi għat-trażmissjoni b'apparati bi traċċar satellitari, peress li illum hemm teknoloġiji differenti għat-traċċar tal-bastimenti u għat-trażmissjoni tad-data dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti.
- (7) Id-definizzjoni ta' "lott" għandha tiġi allinjata mad-definizzjoni ta' "lott" stabbilita fil-liġi dwar l-ikel.
- (8) Id-definizzjonijiet ta' "pjanijiet pluriennali" għandhom jiġu aġġornati biex jieħdu f'kunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-pjanijiet pluriennali.
- (9) Fid-definizzjonijiet ta' "liċenzja tas-sajd", "żoni ristretti għas-sajd" u "sajd rikreattiv", it-termini "riżorsi akkwatiċi marini haġġin" għandhom jiġu ssostitwiti b'"riżorsi

³⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).

bijoloġiċi marini” biex dik id-definizzjoni tiġi allinjata mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

- (10) Definizzjoni ta’ “bastimenti tas-sajd” hi pprovduta fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u tinkludi bastimenti mgħammra għal użu kummerċjali ta’ riżorsi bijoloġiċi marini bħal bastimenti tal-qbid, bastimenti ta’ appoġġ, bastimenti ta’ proċessar tal-ħut, bastimenti involuti fit-trasbord u bastimenti trasportaturi mgħammra għat-trasportar ta’ prodotti tas-sajd, bl-eċċezzjoni ta’ bastimenti tal-kontejners. Għaldaqstant, id-definizzjoni “bastiment tas-sajd” fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandha titħassar.
- (11) Biex jissaħħaħ l-infurzar tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd, għandhom jiddaħħlu definizzjonijiet ġodda għal “bastiment tal-qbid” u għal “tħarrib”.
- (12) Entitajiet tas-sajd fuq skala żgħira jaqdu rwol importanti fl-Unjoni, minn perspettiva bijoloġika, ekonomika u soċjali. Fid-dawl tal-impatti possibbli tal-entitajiet tas-sajd fuq skala żgħira fuq l-istokkijiet, importanti li jiġi kkontrollat li l-attivitajiet tas-sajd u l-isforzi tas-sajd ta’ bastimenti iżgħar huma konformi mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd. Għal dan l-għan, hemm bżonn li tinkiseb data dwar il-pożizzjoni ta’ daww il-bastimenti. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jitraċċaw il-bastimenti tas-sajd kollha, inklużi l-bastimenti tas-sajd li huma iqsar minn 12-il metru. Għal bastimenti twal 12-il metru issa hu possibbli li jintużaw apparati mobbli li huma anqas għaljin u li faċli biex tużahom.
- (13) Biex jiġi ċċarat ir-rwol taċ-ċentri ta’ monitoraġġ tas-sajd, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 li jikkonċernaw daww iċ-ċentri għandhom jitqiegħdu f’ Artikolu separat.
- (14) Ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 ġie emendat mir-Regolament (UE) 2015/812 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹ biex uħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu jiġu allinjati mal-obbligu ta’ ħatt l-art stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Biex ikun jista’ jsir il-kontroll xieraq tal-obbligu ta’ ħatt l-art, hemm bżonn li, fuq il-bażi ta’ valutazzjoni tar-riskju, ċertu perċentwal ta’ bastimenti tas-sajd jiġi mgħammar b’apparati elettroniki ta’ monitoraġġ b’reġistrazzjoni kontinwa li jinkludu Televiżjonijiet b’Ċirkwit Magħluq (CCTV). Id-data tas-CCTV tista’ tiġi ssupplimentata b’data minn apparati elettroniki oħra ta’ monitoraġġ. Id-data minn dawn l-apparati, inkluż mis-CCTV, se tipprovi lill-uffiċjali tal-Istati Membri b’mezzi biex jikkontrollaw il-konformità mal-obbligu ta’ ħatt l-art fuq il-baħar. Il-filmat tas-CCTV għandu jikkonċerna biss l-irkaptu u l-partijiet tal-bastimenti fejn il-prodotti tas-sajd jittellgħu abbord, jiġu mmaniġġjati u jinħażnu. Il-filmati mis-CCTV għandhom jiġu rreġistrati lokalment u għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni b’mod esklużiv tal-uffiċjali tal-Istati Membri jew tal-ispetturi tal-Unjoni meta jintalbu fil-kuntest ta’ spezzjonijiet, ta’ investigazzjonijiet jew ta’ awditi.

³¹ Ir-Regolament (UE) 2015/812 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2015 li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2187/2005, (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 2347/2002 u (KE) Nru 1224/2009, u r-Regolamenti (UE) Nru 1379/2013 u (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, rigward l-obbligu tal-ħatt u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1434/98 (ĠU L 133, 29.5.2015, p. 1).

- (15) Biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika komuni tas-sajd, l-affidabbiltà u l-ġbir komprensiv tad-data dwar il-qabdiet huma ta' importanza assoluta.
- (16) Is-sottomissjoni tad-data dwar ir-reġistrazzjoni tal-qabdiet fuq formats fuq karta wasslet għal rapportar inkomplut u inaffidabbli u, finalment, għal rapportar inadegwat tal-qabdiet mill-operaturi lill-Istati Membri u mill-Istati Membri lill-Kummissjoni, u xekklet l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Għaldaqstant, hu meqjus neċessarju li l-kaptani jirreġistraw data rigward il-qabdiet b'mod diġitali u jissottomettuha b'mod elettroniku, b'mod partikolari l-ġurnali ta' abbord, id-dikjarazzjonijiet ta' trasbord u d-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art.
- (17) L-assenza ta' obbligi ta' rapportar tal-qabdiet mill-kaptani ta' bastimenti iqsar minn 10 metri wasslet għal data inkompluta u inaffidabbli għat-tali bastimenti peress li l-ġbir tad-data għal dawk il-bastimenti kien ibbażat fuq pjanijiet ta' kampjunar. Għaldaqstant, importanti li jkun meħtieġ ir-rapportar il-qabdiet għall-bastimenti tas-sajd kollha mingħajr kunsiderazzjoni tad-daqs tagħhom. B'dan il-mod, ir-regoli se jiġu ssimplifikati wkoll u l-konformità u l-kontrolli jiġu mtejbja.
- (18) Għal bastimenti ta' 12-il metru jew aktar, hu importanti li l-informazzjoni fil-ġurnal ta' abbord issir aktar preċiża u tinkludi data dwar il-qabdiet bil-ġbir jew bl-operat, peress li din issaħħaħ l-effettività tal-kontrolli. Fil-każ ta' bastimenti iqsar minn 12-il metru, l-obbligi li jappartjenu għat-tlestija u għas-sottomissjoni tal-ġurnal ta' abbord għandhom jiġu ssimplifikati u l-kaptani għandhom ikunu meħtieġa jissottomettu l-informazzjoni li tinsab fil-ġurnal ta' abbord darba biss, qabel jaslu fil-port.
- (19) Id-dispożizzjonijiet dwar il-marġni ta' tolleranza fl-istimi mniżżla fil-ġurnal ta' abbord tal-kwantitajiet ta' ħut miżmum abbord għandhom jiġu emendati biex iqisu r-regoli l-ġodda rigward ir-rapportar ta' qabdiet ta' anqas minn 50 kg fil-ġurnali ta' abbord. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet dwar il-marġni ta' tolleranza għandhom jiġu emendati biex jindirizzaw l-ispeċifità tal-qabdiet li jinħattu l-art mhux imqassma.
- (20) Meta bastiment tas-sajd jitlaq, dan minnufih għandu jibda ġurnal ta' abbord elettroniku u għal dak il-vjaġġ jiġi assenjat numru identifikatur uniku tal-vjaġġ tas-sajd. Il-ġurnal ta' abbord, id-dikjarazzjonijiet ta' trasbord u d-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art għandhom jinkludu referenza għal dan in-numru identifikatur uniku tal-vjaġġ tas-sajd biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli msaħħa u titjeb il-validazzjoni tad-data mill-Istati Membri u t-traċċabilità tal-prodotti tas-sajd fil-katina ta' provvista. Biex tittejjeb u tiġi ssimplifikata t-trażmissjoni ta' informazzjoni dwar it-telf tal-irkaptu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, il-format tal-ġurnal ta' abbord għandu jinkludi l-informazzjoni dwar l-irkaptu mitluf.
- (21) In-notifika minn qabel ta' ħatt l-art tippermetti li jsir kontroll aħjar mill-uffiċjali rigward il-konformità mar-regoli dwar ir-reġistrazzjoni tal-qabdiet u l-attivitajiet tas-sajd. Biex titjeb il-konformità mar-regoli dwar ir-reġistrazzjoni tal-qabdiet, id-dispożizzjonijiet dwar in-notifiki minn qabel għandhom japplikaw għall-bastimenti kollha ta' aktar minn 12-il metru u mhux biss għal bastimenti tas-sajd immirati lejn stokkijiet skont il-pjanijiet pluriennali. L-Istati Membri għandhom ikunu intitolati jistabbilixxu perjodu iqsar ta' notifika minn qabel għall-bastimenti tagħhom li jtajru l-bandiera tagħhom u li joperaw b'mod esklużiv fi ħdan l-ibħra territorjali tagħhom, dment li dan ma jxekklix il-ħila tagħhom li jispezzjonaw il-bastimenti malli jaslu.
- (22) Bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jħottu l-art prodotti tas-sajd f'pajjiżi terzi jew li jittrasbordaw prodotti tas-sajd f'ibħra ta' pajjiżi terzi jew f'ibħra internazzjonali għandhom jissottomettu notifika minn qabel jew jiksbu awtorizzazzjoni mingħand l-

Istati Membri tal-bandiera. It-tali notifikati u awtorizzazzjonijiet minn qabel huma meħtieġa b'kunsiderazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri tal-bandiera b'rabta mal-prevenzjoni ta' prodotti tas-sajd miksuba minn sajd IUU milli jidħlu fi swieq internazzjonali.

- (23) Dispożizzjonijiet fuq ir-reġistrazzjoni tad-data dwar il-qabdiet u l-isforzi tas-sajd mill-Istati Membri għandhom jiġu emendati biex jinkludu data li tidher fir-rekords tal-użin, fin-noti ta' akkwizzizzjoni, u fid-dokumenti tat-trasport.
- (24) Ir-regoli dwar is-sottomissjoni ta' data aggregata dwar il-qabdiet u tal-isforzi tas-sajd lill-Kummissjoni għandhom jiġu ssimplifikati billi jiġi pprovdut għal data waħda għas-sottomissjonijiet kollha.
- (25) Dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni ta' għeluq ta' entitajiet tas-sajd wara l-eżawriment ta' kwoti tas-sajd jew tal-isforzi tas-sajd massimi permissibbli għandhom jiġu ssimplifikati biex it-tali għeluq ikun jista' jiġi ppubblikat b'mod puntwali. Barra minn hekk, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom isiru b'mod konsistenti mal-obbligu ta' ħatt l-art stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013.
- (26) Id-dispożizzjonijiet dwar il-kapaċità tas-sajd għandhom jiġu aġġornati biex jirreferu għar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.
- (27) Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-verifika tat-tunnellaġġ tal-bastimenti tas-sajd għall-finijiet ta' kontrolli tal-kapaċità tas-sajd għandhom jiġu ssimplifikati u d-dispożizzjonijiet rigward il-verifika tas-saħħa tal-magna għandhom jiġu ċċarati. Jekk il-bastimenti tas-sajd mgħammra bi rkapti attivi tas-sajd joperaw b'magni li jaqbsu s-saħħa tal-magna ddikjarata fir-reġistrazzjoni tagħhom, ikun impossibbli li tiġi żgurata konformità mal-limiti tal-kapaċità stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Għaldaqstant hu importanti li tiġi kkontrollata b'mod effettiv is-saħħa tal-magna tal-bastimenti tas-sajd mgħammra bi rkapti attivi tas-sajd, bl-użu ta' apparati li jissorveljaw is-saħħa tal-magna b'mod kontinwu.
- (28) Biex tiġi żgurata konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd, kull Stat Membru għandu jkun meħtieġ jistabbilixxi u jaġġorna b'mod regolari programm nazzjonali annwali jew pluriennali ta' kontroll li jkopri r-regoli kollha tal-politika komuni tas-sajd. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontrolli uffċjali jsiru b'mod ibbażat fuq ir-riskji. Għandhom ikunu meħtieġa wkoll rapporti annwali dwar l-ispezzjonijiet u l-kontrolli nazzjonali.
- (29) Żoni ristretti għas-sajd huma stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ftehimiet internazzjonali. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet dwar il-kontroll ta' żoni ristretti għas-sajd mill-Istati Membri għandhom japplikaw għal żoni ristretti għas-sajd kull fejn ikunu jinsabu. Anki s-sajd rikreattiv b'bastimenti f'żoni ristretti għandu jkun ikkontrollat, fejn xieraq.
- (30) Entitajiet tas-sajd rikreattiv jaqdu rwol importanti fl-Unjoni minn perspettiva bijoloġika, ekonomika u soċjali. Fid-dawl tal-impatti sinifikanti tas-sajd rikreattiv fuq ċerti stokkijiet, hemm bżonn li jiġi pprovdut għal għodod speċifiċi li jippermettu li jsir kontroll effettiv tas-sajd rikreattiv mill-Istati Membri. Sistema ta' reġistrazzjoni jew ta' liċenzjar għandhom jippermettu għal ċens preċiż tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jieħdu sehem fis-sajd rikreattiv u l-ġbir ta' data affidabbli dwar il-qabdiet u l-prattiki. Il-ġbir ta' data suffiċjenti u affidabbli dwar is-sajd rikreattiv hu neċessarju biex jiġi evalwat l-impatt tat-tali Prattiki tas-sajd fuq l-istokkijiet u biex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġu pprovduti bl-informazzjoni neċessarja għal ġestjoni u għal kontroll effettivi tar-riżorsi bijoloġiċi marini.

- (31) Taħt il-politika komuni tas-sajd diġà ġew stabbiliti diversi miżuri speċifiċi ta' konservazzjoni applikabbli għas-sajd rikreattiv. Is-sistemi ta' reġistazzjoni jew liċenzjar u ta' reġistrazzjoni tal-qabdiet għandhom jippermettu li jsir il-kontroll effettiv ta' dawk il-miżuri ta' konservazzjoni speċifiċi.
- (32) Id-dispożizzjonijiet dwar il-kontrolli fil-katina ta' provvista għandhom jiġu ċċarati biex l-Istati Membri jwettqu kontrolli u spezzjonijiet fl-istadji kollha tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, mill-ewwel bejgħ sal-bejgħ fil-livell tal-konsumatur, inkluż it-trasport.
- (33) Ir-regoli applikabbli għat-tqegħid ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura f'lottijiet għandhom jiġu ċċarati. Għandu jiġi ċċarat li l-lottijiet għandhom ikunu komposti minn prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura ta' speċi waħda, ħlief fejn dawn ikunu jikkonsistu fi kwantitajiet żgħar ħafna.
- (34) F'konformità mar-rekwiżiti ta' traċċabilità stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³², ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 931/2011³³ jistabbilixxi ċerti regoli dwar it-traċċabilità għas-settur speċifiku tal-ikel li joriġina mill-annimali, jiġifieri sett speċifiku ta' informazzjoni jrid jinżamm irrekordjat mill-operaturi, jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fuq talba, u jiġi ttrasferit lill-operatur li lilu jiġi fornit il-prodott tas-sajd. Fis-settur tas-sajd, it-traċċabilità hi importanti mhux biss għall-finijiet ta' sikurezza alimentari iżda anki biex ikunu jistgħu jsiru konrolli u tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi.
- (35) Għaldaqstant hu xieraq li bħala bażi jintużaw ir-regoli eżistenti dwar it-traċċabilità li huma stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 931/2011. Sett speċifiku ta' informazzjoni dwar il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura għandu jinżamm irreġistrat mill-operaturi, jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fuq talba, u jiġi ttrasferit lill-operatur li lilu hu fornit il-prodott tas-sajd. Fil-każ ta' prodotti tas-sajd li mhumiex importati, dik l-informazzjoni dwar it-traċċabilità għandha tinkludi n-numru identifikatur uniku tal-vjaġġ tas-sajd peress li dan se jippermetti li ssir link bejn lott speċifiku ta' prodotti tas-sajd ma' ħatt l-art partikolari minn bastiment tas-sajd tal-Unjoni jew minn diversi bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-istess żona ġeografika rilevanti.
- (36) F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 931/2011, l-informazzjoni dwar it-traċċabilità li hi rilevanti għall-kontroll tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura għandha tkun disponibbli sa mill-ewwel bejgħ sal-istadju fil-livell tal-konsumatur. Din se tippermetti b'mod partikolari li l-informazzjoni pprovduta lill-konsumatur rigward l-ispeċi u l-orġini tal-prodott tas-sajd jew tal-akkwakultura tkun preċiża.

³² Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

³³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 931/2011 tad-19 ta' Settembru 2011 dwar ir-rekwiżiti tat-traċċabilità stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 242, 20.9.2011, p. 2).

- (37) Għandhom ikunu japplikaw l-istess regoli għal prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura importati minn pajjiżi terzi. Fil-każ ta' prodotti importati, l-informazzjoni obbligatorja dwar it-traċċabilità għandha tinkludi referenza għaċ-ċertifikat tal-qabda stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1005/2008³⁴.
- (38) Biex tiġi żgurata trażmissjoni effettiva u puntwali tal-informazzjoni dwar it-traċċabilità rigward prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, dik l-informazzjoni għandha tiġi rreġistrata b'mod diġitalizzat u tintbagħat b'mod elettroniku fi ħdan il-katina ta' provvista u lill-awtoritajiet kompetenti fuq talba tagħhom.
- (39) Fil-każ ta' prodotti tas-sajd mibjugħa direttament mill-bastimenti tas-sajd lill-konsumaturi, ir-regoli dwar it-traċċabilità, ix-xerrejja rreġistrati, u n-noti tal-bejgħ ma japplikawx għal kwantitajiet anqas minn ċerti limiti. Dawk il-limiti għandhom ikunu armonizzati u għandhom jitbaxxew biex jiġi mminimizzat it-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd li ma jistgħux jiġu traċċati u, għaldaqstant, ma jistgħux jiġu kkontrollati.
- (40) Biex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika komuni tas-sajd, l-affidabbiltà u l-ġbir komprensiv tad-data dwar il-qabdiet huma ta' importanza assoluta. B'mod partikolari, ir-reġistrazzjoni tal-qabdiet fil-mument tal-ħatt l-art għandha ssir bl-aktar mod affidabbli possibbli. Għal dak l-għan, hemm bżonn li jissaħħu l-proċeduri rigward l-użin tal-prodotti tas-sajd fil-mument tal-ħatt l-art.
- (41) L-użin għandu jsir fuq sistemi approvati mill-awtoritajiet kompetenti u mill-operaturi rreġistrati mill-Istati Membri biex iwettqu dak il-kompitu. Il-prodotti kollha għandhom jintiżnu għal kull speċi malli jinħattu peress li dan se jiggarrantixxi rapportar aktar preċiż tal-qabdiet. Barra minn hekk, ir-rekords tal-użin għandhom jiġu rreġistrati b'mod elettroniku u jinżammu għal tliet snin.
- (42) Il-ħatt l-art ta' speċijiet mhux imqassma għandu jitħalla jsir biss jekk jiġu ssodisfati kundizzjonijiet stretti, inkluż l-użin fuq sistemi operati jew ikkontrollati minn awtoritajiet tal-Istati Membri.
- (43) Biex jittejbu l-kontrolli u ssir il-validazzjoni rapida tad-data dwar ir-reġistrazzjoni tal-qabdiet u l-iskambju rapidu ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, għem bżonn li l-operaturi kollha jirreġistraw id-data b'mod diġitali u jissottomettu dik id-data b'mod elettroniku fi żmien 24 siegħa lill-Istati Membri. Dan jikkonċerna, b'mod partikolari, id-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art, in-noti tal-bejgħ u n-noti ta' akkwizzizzjoni.
- (44) Minħabba d-disponibbiltà ta' għodod teknoloġiċi adegwati, ir-rekwiżit ta' reġistrazzjoni tad-data b'mod diġitali u ta' sottomissjoni ta' din b'mod elettroniku fi żmien 24 siegħa lill-Istati Membri għandu japplika għax-xerrejja kollha ta' prodotti tas-sajd.

³⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jstabilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

- (45) It-trażmissjoni tad-dokumenti tat-trasport lill-Istati Membri rilevanti għandha tiġi ssimplifikata u għandha ssir qabel it-tluq biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jagħmlu l-kontrolli.
- (46) Id-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art, in-noti tal-bejgħ, id-dikjarazzjonijiet ta' akkwizzizzjoni u d-dokumenti ta' trasport għandhom jinkludu referenza għan-numru identifikatur uniku tal-vjaġġ tas-sajd biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli msaħħa u jitjiebu l-validazzjoni tad-data mill-Istati Membri u t-traċċabilità tal-prodotti tas-sajd fil-katina ta' provvista.
- (47) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 rigward il-monitoraġġ ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-monitoraġġ tal-arranġamenti tal-prezzijiet u ta' intervent ma għadhomx rilevanti u għandhom jitħassru peress li t-tali monitoraġġ issa hu stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 1379/2013.
- (48) Biex jittejbu l-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali meta jippjanaw l-attivitajiet ta' kontroll u l-effettività tal-ispezzjonijiet, ir-rekwiżiti rigward ir-reġistru nazzjonali dwar il-każijiet ta' ksur għandhom jissaħħu.
- (49) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-Istati Membri rigward it-trattament ġudizzjarju tat-trasgressuri kollha tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd, id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw id-determinazzjoni tal-imġibiet li jikkostitwixxu ksur serju tat-tali regoli għandhom jiġu ċċarati u msaħħa.
- (50) Biex tiġi żgurata deterrenza effettiva kontra l-aktar imġibiet dannużi, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, hemm bżonn li tiġi stabbilita lista eżawrijenti ta' ksur li għandu jitqies li hu serju fi kwalunkwe ċirkustanza. Barra minn hekk, biex tiġi żgurata proporzjonalità, hemm bżonn li tiġi stabbilita lista eżawrijenti ta' kriterji li għandha tintuża mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti meta jiddeterminaw is-serjetà ta' ċertu ksur ieħor.
- (51) Biex jiġi żgurat rispons aktar veloċi, effettiv u aktar disważiv għall-ksur serju, l-Istati Membri għandhom jintroduċu proċedimenti amministrattivi kontra tali ksur serju mingħajr ħsara għall-proċedimenti kriminali eżistenti. L-istabbiliment ta' livelli minimi standardizzati ta' multi u t-titjib tas-sistema ta' punti li tista' twassal għas-suspensjoni jew għall-irtirar ta' liċenzji tas-sajd jew tad-dritt ta' kmandar ta' bastiment, ser iżidu wkoll l-effett deterrent tas-sistemi ta' sanzjonar tal-Istati Membri kollha u jipprevjenu r-reċidiviżmu.
- (52) L-entitajiet nazzjonali inkarigati mill-attivitajiet ta' kontroll tas-sajd kif ukoll kwalunkwe korp ġudizzjarju rilevanti għandu jkollhom aċċess għar-reġistru nazzjonali dwar il-każijiet ta' ksur. Skambju ta' informazzjoni trasparenti għalkollox li jinsab fir-reġistri nazzjonali bejn l-Istati Membri ser itejjeb l-effettività wkoll u jiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-attivitajiet ta' kontroll.
- (53) Il-validazzjoni hi pass importanti fl-iżgurar li d-data miġbura mill-Istati Membri skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 tkun affidabbli u kompluta. Is-sett ta' data li għandu jiġi vvalidat u l-obbligi tal-Istati Membri fil-każ ta' inkonsistenzi għandhom jiġu ċċarati.
- (54) Biex tikkonforma mad-dmirijiet tagħha skont ir-regoli tal-politika komuni tas-sajd, il-Kummissjoni jrid ikollha aċċess għad-data varja miġbura mill-Istati Membri. Għandu jiġi ċċarat liema data għandha tkun aċċessibbli għall-Kummissjoni u liema kompiti għandha twettaq il-Kummissjoni bl-użu ta' dik id-data.

- (55) Id-data miġbura mill-Istati Membri hi ta' tassew siewja għal skopijiet xjentifiċi wkoll. Għandu jiġi ċċarat li l-korpi xjentifiċi tal-Istati Membri u l-korpi xjentifiċi tal-Unjoni jistgħu jiġu pprovduti aċċess għad-data miġbura f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, b'mod partikolari għal data dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti u għal data dwar l-attivitajiet tas-sajd. Finalment, id-data dwar l-attivitajiet tas-sajd miġbura mill-Istati Membri hi wkoll ta' valur għall-uffiċċju statistiku tal-Unjoni Ewropea (Eurostat) li jista' jużaha biex jipprovdi statistiki dwar is-sajd.
- (56) Peress li l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri hu kruċjali għall-obbligi ta' kontroll u ta' infurzar skont ir-regoli tal-politika komuni tas-sajd, id-dispożizzjonijiet relatati mat-tali skambji għandhom jiġu ċċarati. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jagħtu aċċess lil xulxin għar-reġistri tagħhom ta' ksur peress li dan se jippermettilhom itejbu l-infurzar tar-regoli fir-rigward tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru ieħor fl-ibħra tagħhom u fir-rigward tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bnadar tagħhom li wettqu ksur fl-ibħra ta' Stati Membri oħra.
- (57) Is-sett ta' data miġbura mill-Istati Membri li għalih għandu jkollha aċċess il-Kummissjoni, bħad-data dwar l-attivitajiet tas-sajd, id-data ta' kontroll, bażijiet ta' data elettroniċi oħra dwar is-sajd u r-reġistru nazzjonali dwar il-każijiet ta' ksur, jista' jinkludi data personali. Peress li n-numru ta' identifikazzjoni tal-vjaġġ tas-sajd jew l-isem tal-bastiment tas-sajd jista' jippermetti biex jiġu identifikati persuni fiżiċi bħas-sid jew il-kaptan ta' bastiment tas-sajd, informazzjoni li fiha data bħal din tista' wkoll, taħt ċerti ċirkustanzi, tikkostitwixxi data personali.
- (58) Il-proċessar ta' data personali hu neċessarju għall-kontroll tas-sajd u għall-infurzar. B'mod partikolari, għall-fini ta' monitoraġġ tal-opportunitajiet tas-sajd, inkluż il-konsum tal-kwoti, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tipproċessa data mill-ġurnali ta' abbord, mid-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art, min-noti ta' bejgħ u minn data oħra dwar l-attivitajiet tas-sajd biex twettaq il-validazzjoni tad-data aggregata sottomessa mill-Istati Membri. Biex tagħmel il-verifiki, l-awditi u tissorvelja l-attivitajiet ta' kontroll tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandu jkollha aċċess u għandha tipproċessa informazzjoni bħal rapporti tal-osservaturi ta' spezzjonijiet u ta' kontrolli u l-bażi ta' data ta' ksur. Fil-kuntest tat-tnejjija ta' ftehimiet internazzjonali u ta' miżuri ta' konservazzjoni u fil-kuntest tal-konformità ma' dawn, il-Kummissjoni għandha tipproċessa, fejn ikun hemm bżonn, data dwar l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni barra mill-ibħra tal-Unjoni, inklużi n-numri ta' identifikazzjoni tal-bastimenti, l-isem tas-sid tal-bastiment u l-kaptan tal-bastiment.
- (59) Data personali proċessata għall-kontroll tas-sajd u għall-infurzar għandha tinħażen b'mod ġenerali għal perjodu ta' 5 snin għaliex għall-fini tal-monitoraġġ tal-opportunitajiet tas-sajd, il-Kummissjoni tagħmel validazzjoni tad-data aggregata sottomessa mill-Istati Membri fi żmien 5 snin mit-trażmissjoni tagħha. Fil-każ tas-segwitu ta' ksur, ta' spezzjonijiet, ta' verifiki, ta' lmenti jew ta' awditi, jew fil-każ ta' proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi kurrenti, perjodu ta' żamma speċifiku itwal ta' 10 snin hu neċessarju minħabba t-tul tat-tali proċessi u l-ħtieġa li dik id-data tintuża matul il-perjodu sħiħ meta t-tali proċessi jkunu kurrenti.

- (60) Għandu jiġi żgurat f'kull ħin u f'kull livell li, l-obbligi dwar il-protezzjoni ta' data personali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵, fir-Regolament (UE) 2018/XX³⁶, u, fejn applikabbli, fid-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva (UE) 2016/680³⁷ jiġu rrispettati.
- (61) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 jagħti setgħat lill-Kummissjoni biex timplimenta xi wħud mid-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.
- (62) Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, jeħtieġ li s-setgħat ikkonferiti lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jkunu allinjati mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (63) Is-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1224/2009 b'regoli speċifiċi li jirregolaw il-kontrolli, f'dak li jikkonċerna:
- l-eżenzjoni ta' ċerti bastimenti tas-sajd mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni għas-sajd;
 - id-dispożizzjonijiet applikabbli f'każ ta' nuqqas ta' sistemi elettroniċi ta' reġistrazzjoni u ta' rapportar, rigward sistemi ta' traċċar, ġurnal ta' abbord, notifiki minn qabel, trasbordi, dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art;
 - l-eżenzjoni ta' ċerti kategoriji ta' bastimenti tas-sajd mill-obbligu li jimlew u jissottomettu notifika minn qabel u dikjarazzjoni ta' trasbord;
 - ir-regoli dettaljati li jikkonċernaw il-funzjonament tas-sistemi ta' traċċabilità;
 - il-kriterji u l-proċedura għar-reġistrazzjoni ta' piżaturi u tal-kontenut tar-rekords tal-użin;
 - ir-regoli dwar il-proċeduri tal-użin u r-regoli speċjali għal speċijiet pelaġiċi żgħar;
 - ir-regoli dwar l-osservaturi tal-kontroll;
 - ir-regoli dwar l-ispezzjonijiet għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u għall-operaturi;
 - id-definizzjoni ta' skattatur għas-sospensjoni jew għall-irtirar tal-liċenzja tas-sajd, is-segwitu għal sospensjoni jew għal irtirar, it-tħassir tal-punti;

³⁵ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

³⁶ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi, mill-uffiċċji u mill-aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu tat-tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (COM (2017)8 final, 10.1.2017)

³⁷ Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, L 119, 4.5.2016, p. 89.

- ir-reqwiżiti minimi għal programmi ta' azzjoni nazzjonali ta' kontroll, għar-rapporti annwali u għall-issettjar ta' parametri referenzjarji;
- l-issettjar tal-iskadenza għall-Istati Membri biex juru li l-istokkijiet jistgħu jintużaw b'mod sikur;

Hu ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (1). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

(64) Is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni biex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, f'dak li jikkonċerna:

- il-liċenzji tas-sajd u l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd;
- il-markar u l-identifikazzjoni tal-bastimenti tas-sajd, tal-irkaptu u tal-inġenji;
- ir-reqwiżiti tekniċi u l-karatteristiċi tal-apparati ta' traċċar;
- il-marġni ta' tolleranza;
- il-fatturi ta' konverżjoni biex il-piż tal-ħut maħżun jew proċessat jiġi kkonvertit f'piż ta' ħut ħaj;
- il-kontenut tad-data dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti u l-kontenut u l-format, ir-regoli li jikkonċernaw it-tlestija u r-reġistrazzjoni u t-trażmissjoni diġitali tal-ġurnali ta' abbord, in-notifiki minn qabel, id-dikjarazzjonijiet ta' trasbord, u d-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art;
- ir-reqwiżiti tekniċi u l-karatteristiċi tas-sistemi elettroniċi ta' apparati ta' monitoraġġ li jinkludu s-CCTV;
- il-format għas-sottomissjoni ta' data dwar ir-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd lill-Kummissjoni;
- ir-rimedju fil-każ ta' preġudizzju kkawżat lil Stat Membru;
- il-verifiki tas-saħħa tal-magna, it-tunnellaġġ tal-bastiment tas-sajd, il-verifika tat-tip, in-numru u l-karatteristiċi tal-irkaptu tas-sajd;
- ir-reqwiżiti tekniċi u l-karatteristiċi tal-apparati għall-monitoraġġ kontinwu tas-saħħa tal-magna;
- ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-magna;
- is-sistema ta' reġistrazzjoni jew ta' liċenzjar, it-traċċar ta' bastimenti, u l-kontroll tal-irkapti għal ċerti tipi ta' sajd rikreattiv;
- il-pjanijiet ta' kampjunar għall-ħatt l-art mhux imqassam;
- ix-xerrejja reġistrati;
- ir-rapporti ta' sorveljanza u r-rapporti ta' spezzjoni;
- l-operat tal-bażi ta' data għar-rapport ta' spezzjoni u ta' sorveljanza;

- l-iffissar tal-kwantitajiet fuq il-bażi tal-kwoti fil-każ ta' miżuri korrettivi;
- l-operat tas-sistema ta' punti għad-detenturi ta' liċenzji u għall-kaptani;
- programmi speċifiċi ta' kontroll u ta' spezzjoni;
- it-tnaqqis tal-kwoti;
- l-aċċess għad-data u l-iskambju ta' data;
- ir-rapportar mill-Istati Membri;
- l-għajnuna reċiproka;

Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁸.

- (65) Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, jeħtieġ li jiġu adattati xi dispożizzjonijiet li jikkonferixxu setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet fuq il-Kunsill waħdu sabiex jinġiebu konformi mal-proċeduri l-ġodda applikabbli għall-politika komuni tas-sajd. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 rigward l-elementi li ġejjin għandhom jinkitbu mill-ġdid:
- l-adozzjoni f'kull pjan pluriennali ta' limitu massimu tal-qabdiet li jekk jinqabeż ikun irid jintuża port magħżul jew post qrib il-kosta u l-frekwenza tal-komunikazzjoni tad-data;
 - l-istabbiliment ta' skema tal-osservatur ta' kontroll.
- (66) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandu jiġi emendat skont dan.
- (67) Għal raġunijiet ta' konsistenza mal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-oġettivi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005³⁹ għandhom jitwessgħu. Il-missjonijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għandhom ikopru l-armonizzazzjoni tal-applikazzjoni tal-politika komuni tas-sajd fis-sħuħija tagħha. Dawn għandhom jinkludu r-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tat-tekniki ta' kontroll u ta' spezzjoni u l-għoti ta' assistenza lill-Kummissjoni f'oqsma speċifiċi.
- (68) Għandu jiġi żgurat li l-obbligi li jikkonċernaw il-protezzjoni ta' data personali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/XX jiġu rrispettati mill-Aġenzija fil-kuntest tal-proċessar u tal-iskambju ta' data.
- Ir-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandu jkollhom il-possibbiltà li jieħdu sehem fil-laqgħa tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija.
- (69) Għandu jiġi ċċarat li kemm l-abbozz tal-programmi ta' ħidma annwali kif ukoll l-abbozz tal-programmi ta' ħidma pluriennali tal-Aġenzija li jitħejjew mid-Direttur eżekuttiv ta' din għandhom jiġu sottomessi lill-Bord amministrattiv tal-Aġenzija.

³⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

³⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 tas-26 ta' April 2005 li jistabbilixxi Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1).

- (70) Għandu jiġi ċċarat li l-Aġenzija tista' tirċievi wkoll fondi fil-forma ta' ftehimiet ta' delegazzjonijiet jew ta' għotjiet ad-hoc mingħajr preġudizzju għal tipi oħra ta' introjtu.
- (71) Finalment, id-dispożizzjonijiet dwar l-evalwazzjoni tal-Aġenzija mill-Kummissjoni għandhom jiġu ċċarati wkoll.
- (72) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 768/2005 għandu jiġi emendat skont dan.
- (73) Biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn id-dispożizzjonijiet dwar il-kontroll, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006⁴⁰ u r-Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹ għandhom jiġu emendati. B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-kontroll tas-sajd rikreattiv, ir-reġistrazzjoni u r-rapportar ta' trasbordi u r-reġistrazzjonijiet tal-qabdiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 u d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-ġurnali ta' abbord u l-marġni ta' tolleranza fl-istimi rreġistrati fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 2016/1139 għandhom jitħassru u, minflok, għandhom ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
- (74) L-Iskema ta' Ċertifikazzjoni tal-Qabda, kif stabbilita fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, hi bbażata fuq il-karti u, għalhekk, mhix effiċjenti u mhix konformi ma' sistema diġitalizzata ta' traċċabilità għall-prodotti tas-sajd. F'konformità mal-impenji internazzjonali tiegħu u biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-iskema, ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 għandu jiġi emendat biex tiġi stabbilita bażi ta' data għall-ġestjoni taċ-ċertifikati tal-qabdiet (CATCH) ibbażata fuq is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Infurmazzjoni għal Kontrolli Uffiċjali, biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli bbażati fuq ir-riskju, jitnaqqsu l-opportunitajiet ta' importazzjonijiet frawdolenti u jitħaffef il-piż amministrattiv tal-Istati Membri. Il-funzjonijiet operazzjonali tal-CATCH se jiġu żviluppati f'fażi differenti.
- (75) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, b'mod partikolari biex ikunu jistgħu jsiru l-ġestjoni integrata, l-immaniġġjar, il-ħżin u l-iskambju ta' infurmazzjoni u ta' dokumenti rilevanti għall-ispezzjonijiet, għall-verifiki u għall-kontrolli uffiċjali u għal attivitajiet uffiċjali rilevanti oħra li jikkonċernaw l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti tas-sajd kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1005/2008, is-setgħat ta' implimentazzjoni u delegati għandhom jingħataw lill-Kummissjoni b'raba mal-funzjonament u mal-iżvilupp tal-CATCH fuq il-bażi tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Infurmazzjoni għall-Kontrolli Uffiċjali.
- (76) Biex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-istrumenti legali tal-Unjoni li jirregolaw il-kontroll tas-sajd, ċerti dispożizzjonijiet dwar ksur serju stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 għandhom jitħassru u, jekk ikun hemm bżonn, jitmexxew għar-

⁴⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11).

⁴¹ Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).

Regolament (KE) Nru 1224/2009, li hu l-istrument legali ewlieni fil-qasam tal-kontroll tas-sajd. Għaldaqstant, fir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 għandha ssir referenza għad-dispożizzjonijiet dwar ksur serju li jinsabu fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

(77) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1224/2009

ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 hu emendat kif ġej:

- (1) l-Artikolu 4 hu emendat kif ġej:
 - (a) Is-sentenza ta' introduzzjoni hija sostitwita b'dan li ġej:

“Għall-fini ta' dan ir-regolament, id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 għandhom japplikaw sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dan ir-regolament.”
 - (b) il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. “regoli tal-politika komuni tas-sajd” tfisser atti legalment vinkolanti tal-Unjoni, li jinkludu ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, dwar il-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-isfruttament ta' riżorsi bijoloġiċi marini, dwar l-akkwakultura u dwar il-proċessar, it-trasport u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;”
 - (c) il-punt 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“9. “liċenzja tas-sajd” tfisser dokument uffiċjali li jikkonferixxi lid-detentur tiegħu d-dritt, kif iddeterminat mir-regoli nazzjonali, li juża ċerta kapacià tas-sajd għall-isfruttament kummerċjali tar-riżorsi bijoloġiċi marini. Din fiha rekwiżiti minimi dwar l-identifikazzjoni, il-karatteristiċi tekniċi u l-armar ta' bastiment tas-sajd;”
 - (d) il-punt 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“12. “data dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti” tfisser id-data dwar l-identifikazzjoni, il-pożizzjoni ġeografika, id-data, il-ħin, ir-rotta u l-veloċità tal-bastiment tas-sajd li l-apparat ta' traċċar abbord il-bastiment tas-sajd jittrażmetti liċ-ċentru tal-monitoraġġ tas-sajd tal-Istat Membru tal-bandiera;”
 - (e) il-punt 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“14. “żona ristretta għas-sajd” tfisser kwalunwke żona marina fejn l-attivitajiet tas-sajd huma ristretti jew ipprojbiti b'mod temporanju jew permanenti;”
 - (f) il-punt 20 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“20. “lott” tfisser lott ta' unitajiet ta' prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura;”
 - (g) il-punt 24 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“24. “pjanijiet pluriennali” tfisser pjanijiet imsemmija fl-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) 1380/2013, pjanijiet ta' ġestjoni adottati f'konformità

mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 1380/2013 kif ukoll miżuri oħra tal-Unjoni adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 43(3) tat-Trattat u li jipprovdu għall-ġestjoni speċifika jew għall-irkupru ta' stokkijiet ta' ħut partikolari għal aktar minn sena;”

- (h) jitħassar il-punt 23 .
- (i) il-punt 28 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“28. “sajd rikreattiv” tfisser attivitajiet ta' sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi akkwatiċi bijoloġiċi għar-rikreazzjoni, għat-turiżmu jew għall-isport,”
- (j) jitħassar il-punt 31 .
- (k) jiddaħħlu l-punti 33 u 34 li ġejjin:

“33. “tħarrib” tfisser il-prattika ta' ħlus intenzjonat tal-ħut mill-irkaptu tas-sajd qabel ma l-irkaptu jittella' abbord kollu kemm hu fuq bastiment tas-sajd;

34. “bastiment tal-qbid” tfisser bastiment tas-sajd użat bl-għan tal-qbid ta' riżorsi bijoloġiċi marini.”
- (2) Fl-Artikolu 5, jitħassar il-paragrafu 6.
- (3) l-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 6

Liċenzja tas-sajd

1. Bastiment tas-sajd tal-Unjoni jista' jintuża għall-isfruttament kummerċjali tar-riżorsi bijoloġiċi marini biss jekk ikollu liċenzja valida tas-sajd.
 2. L-Istat Membru tal-bandiera li jtajjar il-bastiment għandu jiżgura li l-informazzjoni li fiha l-liċenzja tas-sajd hi eżatta u konsistenti ma' dik fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.
 3. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jissospendi temporanjament il-liċenzja tas-sajd ta' bastiment li jkun soġġett għall-immobilizzazzjoni temporanja deċiża minn dak l-Istat Membru jew li kellu l-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu sospiża f'konformità mal-Artikolu 91b.
 4. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jirtira permanentement il-liċenzja tas-sajd ta' bastiment li hu soġġett għal miżura ta' aġġustament tal-kapaċità msemmija fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew li kellu l-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu rtirata skont l-Artikolu 91b.
 5. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tistabilixxi regoli dwar il-validità tal-liċenzji tas-sajd maħruġa mill-Istat Membru tal-bandiera kif ukoll l-informazzjoni minima li għandha tkun tinsab fihom. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2).”
- (4) l-Artikolu 7 hu emendat kif ġej:
 - (a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Fejn Stat Membru jkollu skema nazzjonali speċifika għall-awtorizzazzjoni tas-sajd għal bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu, dan għandu

jibgħat lill-Kummissjoni fuq it-talba tagħha sommarju tal-informazzjoni li hemm fl-awtorizzazzjoni mogħtija u ċ-ċifri aggregati relatati fuq l-isforz tas-sajd.”

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“5. Permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista’ tistabbilixxi regoli dwar il-validità tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd maħruġa mill-Istat Membru tal-bandiera kif ukoll l-informazzjoni minima li għandha tkun tinsab fihom. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemija fl-Artikolu 119(2).”

(c) jiddaħħal il-paragrafu 6:

“6. Il-Kummissjoni hi mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 119a li jipprovdu għal derogi mill-obbligu ta’ kisba ta’ awtorizzazzjonijiet tas-sajd għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b’tul totali ta’ anqas minn 10 metri.”

(5) l-Artikolu 8 hu emendat kif ġej:

(a) l-intestatura tal-Artikolu 8 hija sostitwita b’dan li ġej:

“Artikolu 8

Il-markar u l-identifikazzjoni ta’ bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u tal-irkaptu”

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. Il-Kummissjoni tista’, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, tistipula regoli dwar:

- (a) il-markar u l-identifikazzjoni tal-bastimenti
- (b) id-dokumenti ta’ identifikazzjoni tal-bastimenti li jridu jinġarru abbord;
- (c) il-markar u l-identifikazzjoni ta’ ingeni u ta’ apparati li jaggregaw is-sajd;
- (d) il-markar u l-identifikazzjoni tal-irkapti tas-sajd;
- (e) it-tikketti għall-markar tal-irkapti;
- (f) il-markar tal-bagi u tal-irbit tal-ħbula.

Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemija fl-Artikolu 119(2).”

(6) l-Artikolu 9 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 9*

Is-sistemi tal-monitoraġġ tal-bastimenti

1. L-Istati Membri għandhom joperaw sistemi ta’ monitoraġġ tal-bastimenti għall-monitoraġġ effettiv tal-pożizzjoni u tal-moviment tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom ikunu fejn ikunu dawk il-bastimenti, u tal-bastimenti tas-sajd fl-ibħra tal-Istati Membri permezz tal-ġbir u tal-analiżi tad-data dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti. Kull Stat Membru tal-bandiera għandu jiżgura l-monitoraġġ kontinwu u sistematiku u l-kontroll tal-preċiżjoni tad-data dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandu jkollhom installat abbord apparat li jaħdem għalkollox li jippermetti li l-bastiment jiġi lokalizzat u identifikat awtomatikament minn sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti permezz tat-trażmissjoni ta' data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment f'intervalli regolari.
Is-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti għandhom jippermettu wkoll liċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd imsemmi fl-Artikolu 9a tal-Istat Membru tal-bandiera biex jieħu d-dettalji tal-bastiment tas-sajd fi kwalunkwe ħin. It-trażmissjoni tad-data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment u t-teħid tad-dettalji għandhom jgħaddu permezz ta' konnessjoni satellitari, jew inkella jistgħu jużaw netwerk mobbli bbażat fuq l-art meta jkunu f'post kopert mit-tali netwerk.
3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' anqas minn 12-il metru jistgħu jgħorru abbord apparat mobbli li jippermetti li l-bastiment jiġi lokalizzat u identifikat b'mod awtomatiku minn sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti permezz tar-reġistrazzjoni u tat-trażmissjoni ta' data dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti f'intervalli regolari. F'każ li l-apparat ma jkunx f'inħawi koperti minn netwerk mobbli, id-data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment għandha tiġi rreġistrata matul dak il-perjodu ta' żmien u għandha tintbagħat malli l-bastiment jidħol f'żona koperta mit-tali netwerk u sa mhux aktar tard minn qabel ma jidħol fil-port.
4. Meta bastiment tas-sajd tal-Unjoni jkun fl-ibħra ta' Stat Membru ieħor, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jagħmel disponibbli d-data dwar il-pożizzjoni ta' dak il-bastiment permezz tat-trażmissjoni awtomatika liċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd tal-Istati Membri kostali. Id-data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment għandha tkun disponibbli wkoll għall-Istat Membru li l-portijiet tiegħu probabbli se jintużaw mill-bastiment tas-sajd għall-ħatt l-art tal-qabdiet tiegħu jew li l-ilmijiet tiegħu probabbli se jintużaw mill-bastiment tas-sajd biex ikompli l-attivitajiet tas-sajd tiegħu.
5. Jekk bastiment tas-sajd tal-Unjoni jopera fl-ibħra ta' pajjiż terz jew f'ibħra fejn ir-riżorsi tas-sajd huma ġestiti minn organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd kif imsemmija fl-Artikolu 3(1), u jekk il-ftehim ma' dak il-pajjiż terz jew ir-regoli applikabbli ta' dik l-organizzazzjoni jipprovdu hekk, id-data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' dak il-pajjiż jew dik l-organizzazzjoni.
6. Il-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi li joperaw f'ibħra tal-Unjoni għandu jkollhom installat abbord apparat li jaħdem għalkollox li jippermetti biex it-tali bastiment jiġi lokalizzat u identifikat awtomatikament minn sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti permezz tat-trażmissjoni ta' data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment f'intervalli regolari bl-istess mod bħall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni skont dan l-Artikolu.
7. Il-Kummissjoni hi mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 119a li jstabilixxi regoli dettaljati dwar il-monitoraġġ ta' attivitajiet tas-sajd u tal-isforz tas-sajd miċ-ċentri ta' monitoraġġ tas-sajd, b'mod partikolari rigward ir-responsabbiltajiet tal-kaptani li jikkonċernaw l-apparati ta' monitoraġġ tal-bastimenti.
8. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tistabilixxi regoli ddettaljati dwar
 - (a) il-format u l-kontenut tad-data dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti;

- (b) ir-reqwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' apparati ta' monitoraġġ tal-bastimenti;
- (c) il-frekwenza tat-trażmissjoni tad-data rigward il-pożizzjoni u l-moviment tal-bastimenti tas-sajd inkluż f'żoni ristretti għas-sajd;
- (d) it-trażmissjoni tad-data lill-Istati Membri kostali.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2).”

(7) Jiddaħħal l-Artikolu 9a li ġej:

“Artikolu 9a

Ċentri ta' monitoraġġ tas-sajd

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u joperaw ċentri ta' monitoraġġ tas-sajd, li għandhom jissorveljaw l-attivitajiet tas-sajd u l-isforz tas-sajd. Iċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd ta' Stat Membru partikolari għandu jissorvelja l-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu, ikunu xi jkunu l-ibzra li qed joperaw fihom jew il-port li qegħdin fih, kif ukoll bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru bandiera ta' Stati Membri oħra u bastiment tas-sajd ta' pajjiżi terzi li japplikaw għalihom id-dispożizzjonijiet dwar is-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti u li joperaw f'ibħra taħt is-sovraniżat jew il-ġurisdizzjoni ta' dak l-Istat Membru partikolari.
2. Kull Stat Membru għandu jaħtar l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għaċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd u għandu jieħu l-miżuri xierqa biex jiżgura li ċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd tiegħu jkollu r-riżorsi xierqa f'dak li għandu x'jaqsam mal-persunal u li jkun mgħammar bil-ħardwer u bis-softwer tal-kompjuter li jippermettu l-proċessar awtomatiku tad-data u t-trażmissjoni tad-data elettronika. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal proċeduri ta' riżerva u ta' rkupru fil-każ ta' ħsara fis-sistema. L-Istati Membri jistgħu joperaw ċentru konġunt ta' monitoraġġ tas-sajd.
3. L-Istati Membri tal-bandiera għandhom jiżguraw li ċ-ċentri ta' monitoraġġ tas-sajd ikollhom l-aċċess għad-data rilevanti kollha u b'mod partikolari kif elenkat fl-Artikoli 109 u 110 u joperaw 7 ijiem fil-ġimgħa u 24 siegħa kuljum.
4. Il-Kummissjoni hi mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 119a li jikkonċerna regoli dettaljati dwar il-monitoraġġ ta' attivitajiet tas-sajd u tal-isforz tas-sajd miċ-ċentri ta' monitoraġġ tas-sajd, b'mod partikolari rigward
 - (a) il-monitoraġġ tad-dħul f'żoni speċifiċi kif ukoll tal-ħruġ minnhom;
 - (b) il-monitoraġġ u r-reġistrazzjoni tal-attività tas-sajd;
 - (c) id-dispożizzjonijiet applikabbli fil-każ ta' ħsara teknika jew tal-komunikazzjoni jew jekk ma jiffunzjonax l-apparat ta' monitoraġġ tal-bastimenti;
 - (d) il-miżuri li għandhom jittieħdu fil-każ li ma tasalx data rigward il-pożizzjoni u l-moviment tal-bastimenti tas-sajd.”

(8) l-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 10

Sistema awtomatika ta' identifikazzjoni

F'konformità mad-Direttiva 2002/59/KE, bastiment tas-sajd li jaqbeż tul totali ta' 15-il metru għandu jżomm operattiva u jkun mgħammar b'sistema awtomatika ta' identifikazzjoni li tissodisfa l-istandards ta' rendiment imfassla mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.”

- (9) l-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 12

Trażmissjoni tad-data għal operazzjonijiet ta' sorveljanza

Id-data mis-sistema/i ta' monitoraġġ tal-bastimenti, mis-sistema awtomatika ta' identifikazzjoni u mis-sistema ta' detezzjoni tal-bastimenti miġbura fil-kuntast ta' dan ir-Regolament għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, tal-aġenziji tal-Unjoni u tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri involuti fl-operazzjonijiet ta' sorveljanza għall-fini tas-sikurezza u tas-sigurtà marittima, tal-kontroll tal-fruntieri, tal-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u tal-infurzar ġenerali tal-liġi.”

- (10) jitħassar l-Artikolu 13.

- (11) l-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 14

Kompletar tal-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd”

1. Il-kaptan ta' kull bastiment tal-qbid tal-Unjoni għandu jżomm ġurnal ta' abbord elettroniku dwar is-sajd għall-fini ta' reġistrazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd.
2. Il-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun fih b'mod partikolari l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) numru identifikatur uniku tal-vjaġġ tas-sajd;
 - (b) in-numri ta' identifikazzjoni tal-bastiment u l-isem tal-bastiment tas-sajd;
 - (c) il-kodiċi alfa-3 tal-FAO ta' kull speċi u ż-żona ġeografika rilevanti li fiha ttieħdu l-qabdiet;
 - (d) id-data u, fejn xieraq, il-ħin tal-qabdiet;
 - (e) id-data u l-ħin tat-tluq minn u dawk tal-wasla f'port, u t-tul ta' żmien tal-vjaġġ tas-sajd;
 - (f) it-tip ta' rkaptu, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u d-dimensjonijiet;
 - (g) il-kwantitajiet stmati ta' kull speċi f'kilogrammi ta' piż ħaj, jew, fejn xieraq, in-numru ta' individwi, inklużi l-kwantitajiet jew l-individwi taħt id-daqs ta' referenza minimu għall-konservazzjoni applikabbli, bħala entrata separata; għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' 12-il metru jew aktar, din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta għal kull vjaġġ jew għal kull operazzjoni tas-sajd;
 - (h) ir-rimi stmat tal-ekwivalenti ta' piż ħaj f'volum għal kwalunkwe speċi mhux soġġetta għall-obbligu ta' ħatt l-art;

- (i) ir-rimi stmat f'volum għal kwalunkwe speċi mhux soġġetta għall-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15(4) u (5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - (j) il-fatturi ta' konverżjoni użati;
 - (k) id-data meħtieġa b'applikazzjoni tal-ftehimiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 3.
3. Fil-każ ta' rkapti tas-sajd mitlufa fil-baħar, il-ġurnal ta' abbord għandu jkun fih ukoll:
- (a) it-tip ta' rkaptu mitluf;
 - (b) id-data u l-ħin ta' meta ntilef l-irkaptu;
 - (c) il-pożizzjoni ta' fejn intilef l-irkaptu;
 - (d) il-miżuri li ttieħdu biex jiġi rkuprat l-irkaptu.
4. Meta mqabbel mal-kwantitajiet li nħattu l-art jew mar-riżultat ta' spezzjoni, il-marġni ta' tolleranza permiss fi stimi reġistrati fil-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd tal-kwantitajiet f'kilogrammi ta' ħut miżmum abbord għandu jkun ta' 10 % għal kull speċi. Għal speċijiet miżmuma abbord li ma jaqbżux il-50kg f'ekwivalenti ta' piż ħaj, il-marġni ta' tolleranza permiss għandu jkun ta' 20% għal kull speċi.

B'deroga għall-ewwel subparagrafu għall-ispeċijiet imsemmija fl-ewwel u fit-tielet inċiżi tal-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 li jinħattu l-art mhux imqassma, il-limitazzjonijiet ta' tolleranza stabbiliti f'dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw għal qabdiet ta' speċijiet li jissodisfaw dawn iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) dawn jirrappreżentaw anqas minn 1% f'piż tal-ispeċijiet kollha li nħattu l-art; u
 - (b) il-piż totali tagħhom hu anqas minn 100 kg.
5. F'sajd soġġett għal reġim tal-Unjoni tal-isforz tas-sajd, il-kaptani tal-bastimenti tal-qbid tal-Unjoni, għaż-żmien li jqattgħu f'żona, għandhom jirreġistraw u jżommu akkont fil-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd tagħhom dan li ġej:
- (a) f'dak li għandu x'jaqsam mal-irkaptu rmunkat:
 - (i) dħul ġewwa, u ħruġ mill-port li jinsab f'dik iż-żona;
 - (ii) kull dħul ġewwa, u ħruġ minn żoni marittimi li għalihom japplikaw regoli speċifiċi dwar l-aċċess għall-ilmijiet u għar-riżorsi;
 - (iii) il-qabda li tinżamm abbord skont l-ispeċi f'kilogrammi ta' piż ħaj fil-ħin tal-ħruġ minn dik iż-żona jew qabel id-dħul f'port li jinsab f'dik iż-żona;
 - (b) f'dak li għandu x'jaqsam mal-irkaptu statiku:
 - (i) dħul ġewwa, u ħruġ mill-port li jinsab f'dik iż-żona;
 - (ii) kull dħul ġewwa, u ħruġ minn żoni marittimi li għalihom japplikaw regoli speċifiċi dwar l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi;

- (iii) id-data u l-ħin tal-kalar jew il-kalar mill-ġdid tal-irkaptu statiku f' dawn iż-żoni;
 - (iv) id-data u l-ħin tat-tmiem ta' operazzjonijiet ta' sajd bl-użu tal-irkaptu statiku;
 - (v) il-qabda li tinżamm abbord skont l-ispeċi f'kilogrammi ta' piż ħaj fil-ħin tal-ħruġ minn dik iż-żona jew qabel id-dħul f'port li jinsab f'dik iż-żona.
6. Biex il-piż tal-ħut maħżun jew ipproċessat jiġi kkonvertit f'piż ta' ħut ħaj għall-finijiet tal-ġurnal ta' abbord, il-kaptani ta' bastimenti tal-qbid tal-Unjoni għandhom japplikaw fattur ta' konverżjoni stabbilit f'konformità mal-paragrafu 9.
 7. Il-kaptani tal-bastimenti tal-qbid ta' pajjiż terz li joperaw fl-ibħra tal-Unjoni għandhom jirreġistraw l-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu bl-istess mod bħall-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni.
 8. L-eżattezza tad-data rreġistrata fil-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd għandha tkun ir-responsabbiltà tal-kaptan.
 9. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni,
 - (a) tistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-marġni ta' tolleranza kif definit fil-paragrafu 3;
 - (b) tistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-użu ta' fatturi ta' konverżjoni;
 - (c) tistabbilixxi fatturi ta' konverżjoni.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2).”
- (12) l-Artikolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 15

Sottomissjoni elettronika tal-ġurnal ta' abbord

1. Kaptani ta' bastimenti tal-qbid tal-Unjoni b'tul totali ta' 12-il metru jew aktar għandhom jissottomettu permezz ta' mezzi elettroniċi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14 lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tagħhom:
 - (a) tal-anqas darba kuljum u, fejn applikabbli, wara kull vjaġġ; u
 - (b) wara li titlesta l-aħħar operazzjoni tas-sajd u qabel id-dħul fil-port.
2. Il-kaptani tal-bastimenti tal-qbid tal-Unjoni b'tul totali ta' anqas minn 12-il metru għandhom jissottomettu b'mezzi elettroniċi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera wara li jlestu l-aħħar operazzjoni tas-sajd u qabel ma jidħlu fil-port.
3. Il-kaptani ta' bastimentni tal-qbid tal-Unjoni għandhom jibagħtu b'mod elettroniku wkoll l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14 fil-mument ta' kwalunkwe spezzjoni u fuq talba tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tagħhom.

4. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru kostali għandhom jaċċettaw rapporti elettroniċi li jkunu rċivew mingħand l-Istat Membru tal-bandiera li jkun fihom id-data minn bastimenti tas-sajd imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3.
5. Kaptani ta' bastimenti tal-qbid ta' pajjiżi terz li joperaw fl-ibħra tal-Unjoni għandhom jissottomettu permezz ta' mezzi elettroniċi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14 lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tagħhom.”

(13) jiddaħħal l-Artikolu 15a li ġej:

“Artikolu 15a

Atti delegati u ta' implimentazzjoni rigward ir-rekwiżiti tal-ġurnal ta' abbord

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 119a rigward:
 - (a) id-dispożizzjonijiet applikabbli fil-każ ta' ħsara teknika jew ta' komunikazzjoni jew ta' nuqqas ta' funzjonament tas-sistemi elettroniċi ta' reġistrazzjoni u ta' rapportar għad-data tal-ġurnal ta' abbord;
 - (b) miżuri li għandhom jittieħdu fil-każ li ma tasalx id-data tal-ġurnal ta' abbord;
 - (c) l-aċċess għad-data tal-ġurnal ta' abbord u l-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' nuqqas ta' aċċess għad-data.
2. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli ddettaljati dwar:
 - (a) il-format, il-kontenut u s-sottomissjoni tal-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd;
 - (b) il-kompletar u r-reġistrazzjoni diġitali tal-informazzjoni fil-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd;
 - (c) il-funzjonament tas-sistema elettronika ta' reġistrazzjoni u ta' rapportar għad-data tal-ġurnal ta' abbord;
 - (d) ir-rekwiżiti għat-trażmissjoni tad-data tal-ġurnal ta' abbord minn bastiment tas-sajd tal-Unjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-bandiera tiegħu u l-messaġġi ta' ritorn mill-awtoritajiet;
 - (e) ir-rekwiżiti u l-format għall-iskambju tal-informazzjoni tal-ġurnal ta' abbord bejn l-Istati Membri;
 - (f) il-kompiti tal-awtorità unika msemmija fl-Artikolu 5(5) fir-rigward tal-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd;
 - (g) il-frekwenza tat-trażmissjonijiet tad-data tal-ġurnal ta' abbord;

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2).”

(14) jitħassar l-Artikolu 16.

(15) l-Artikolu 17 hu emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
 - “1. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet speċifiċi li jinsabu fil-pjanijiet pluriennali, il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' 12-il

metru jew aktar għandhom jinnotifikaw b'mezzi elettroniċi l-informazzjoni li għejja lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tagħhom tal-anqas erba' sigħat qabel il-ħin stmat tal-wasla fil-port:

- (a) in-numru uniku ta' identifikazzjoni tal-vjaġġ kif indikat fil-ġurnal ta' abbord;
- (b) in-numri ta' identifikazzjoni tal-bastiment u l-isem tal-bastiment tas-sajd;
- (c) l-isem tal-port ta' destinazzjoni u l-iskopijiet taż-żjara, bħall-ħatt l-art, it-trasbord jew l-aċċess għas-servizzi;
- (d) id-dati tal-vjaġġ tas-sajd u ż-żoni ġeografiċi rilevanti fejn ittieħdu l-qabdiet;
- (e) id-data u l-ħin tat-tluq mill-port u d-data u l-ħin stmati tal-wasla fil-port;
- (f) il-kodiċi alfa-3 tal-FAO ta' kull speċi;
- (g) il-kwantitajiet ta' kull speċi reġistrata fil-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd, inkluż, bħala entrata separata, dawk taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni applikabbli;
- (h) il-kwantitajiet ta' kull speċi li tinħatt jew tiġi trasbordata, inklużi, bħala entrata separata, dawk taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni applikabbli.”

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a:

“1a. L-Istat Membru kostali jista' jstabbilixxi perjodu iqsar ta' notifika minn qabel għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu u li joperaw b'mod esklużiv fi ħdan l-ibħra territorjali tiegħu, dment li dan ma jxekkilk il-ħila ta' Stat Membru li jagħmel l-ispezzjonijiet.”

(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“6. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 119a rigward

- (a) l-eżenzjoni ta' ċerti kategoriji ta' bastimenti tas-sajd mill-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1, b'kunsiderazzjoni tal-kwantitajiet u tat-tip ta' prodotti tas-sajd li għandhom jinħattu l-art;
- (b) l-estensjoni tal-obbligu ta' notifika minn qabel stabbilit fil-paragrafu 1 għall-bastimenti tas-sajd b'tul totali ta' anqas minn 12-il metru għal entitajiet speċifiċi tas-sajd;
- (c) id-dispożizzjonijiet applikabbli fil-każ ta' ħsara teknika jew ta' komunikazzjoni jew ta' nuqqas ta' funzjonament tas-sistemi elettroniċi ta' reġistrazzjoni u ta' rapportar għan-notifika minn qabel;
- (d) miżuri li għandhom jittieħdu fil-każ li ma tasalx id-data tan-notifiki minn qabel;
- (e) l-aċċess għad-data tan-notifika minn qabel u l-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' nuqqas ta' aċċess għad-data.”

(16) jitħassar l-Artikolu 18.

(17) fl-Artikolu 19, il-kliem “fl-Artikoli 17 u 18” huwa sostitwit bil-kliem “fl-Artikolu 17”.

(18) jiddaħħal l-Artikolu 19a:

“Artikolu 19a

Notifika minn qabel tal-ħatt l-art f’portijiet ta’ pajjiżi terzi

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu awtorizzati biss biex iħottu l-art f’portijiet barra mill-ibħra tal-Unjoni jekk ikunu nnotifikaw b’mezzi elettroniċi l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 3 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tagħhom tal-anqas 3 ijiem qabel iż-żmien stmat tal-wasla fil-port, u l-Istat Membru tal-bandiera ma jkunx ċaħad l-awtorizzazzjoni ta’ ħatt l-art f’dan il-perjodu.
2. L-Istat Membru tal-bandiera jista’ jistabbilixxi perjodu iqsar, ta’ mhux anqas minn erba’ sigħat, għan-notifika minn qabel imsemmija fil-paragrafu 1 għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li twettaq l-attivitajiet tas-sajd f’ibħra ta’ pajjiżi terzi, u dan wara li jqis it-tip ta’ prodotti tas-sajd u d-distanza bejn iż-żoni tas-sajd u l-port.
3. Il-kaptani ta’ bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jissottomettu lill-Istat Membru tal-bandiera l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) in-numru uniku ta’ identifikazzjoni tal-vjaġġ kif ipprovdut fil-ġurnal ta’ abbord f’konformità mal-Artikolu 14(2)(a);
 - (b) in-numru ta’ identifikazzjoni tal-bastiment u l-isem tal-bastiment tas-sajd;
 - (c) l-isem tal-port ta’ destinazzjoni u l-iskopijiet taż-żjara, bħall-ħatt l-art jew l-aċċess għas-servizzi;
 - (d) iż-żoni ġeografiċi rilevanti li fihom saru l-qabdiet;
 - (e) id-data u l-ħin tat-tluq mill-port u d-data u l-ħin stmati tal-wasla fil-port;
 - (f) il-kodiċi alfa-3 tal-FAO ta’ kull speċi;
 - (g) il-kwantitajiet ta’ kull speċi reġistrata fil-ġurnal ta’ abbord dwar is-sajd.
 - (h) il-kwantitajiet ta’ kull speċi li għandha titniżżel.
4. Fejn, fuq il-bażi tal-analiżi tal-informazzjoni sottomessa u ta’ informazzjoni oħra disponibbli, ikun hemm motivazzjonijiet raġonevoli għaliex jitwemmen li l-bastiment tas-sajd mhuwiex qed jikkonforma mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera għandhom jitolbu l-kooperazzjoni tal-pajjiż terz fejn il-bastiment ikun biħsiebu jiżbarka bl-għan ta’ spezzjoni possibbli. Għal dan l-għan, l-Istat Membru tal-bandiera jista’ jitlob lill-bastiment tas-sajd jiżbarka f’port differenti, jew jittardja ż-żmien tal-wasla f’port jew tal-iżbark.”

(19) Fl-Artikolu 20, jiddaħħlu l-paragrafi 2a u 2b li ġejjin:

“2a. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 4(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 u għall-Artikolu 43(3) ta’ dan ir-Regolament, il-bastimenti donaturi tal-Unjoni u l-bastimenti riċevituri tal-Unjoni għandhom ikunu awtorizzati jittrasbordaw fuq il-baħar barra mill-ibħra tal-Unjoni jew f’portijiet ta’ pajjiżi terzi soġġetti għal awtorizzazzjoni mibgħuta mingħand l-Istat(i) Membru/i tal-bandiera tagħhom.

2b. Biex japplikaw għal awtorizzazzjoni ħalli jittrasbordaw skont il-paragrafu 2a, il-kaptani ta' bastimenti tal-Unjoni għandhom jissottomettu b'mod elettroniku lill-Istat Membru tal-bandiera tagħhom, tal-anqas 3 ijiem qabel l-operazzjoni ppjanata ta' trasbord, l-informazzjoni li ġejja:

- (a) in-numru uniku ta' identifikazzjoni tal-vjaġġ kif ipprovdut fil-ġurnal ta' abbord f'konformità mal-Artikolu 14(2)(a);
- (b) in-numri ta' identifikazzjoni tal-bastiment u l-isem kemm tal-bastimenti tas-sajd donaturi kif ukoll ta' daww riċevituri tal-bastiment tas-sajd;
- (c) il-kodiċi alfa-3 tal-FAO ta' kull speċi u ż-żona ġeografika rilevanti li fiha ttieħdu l-qabdiet;
- (d) il-kwantitajiet stmati ta' kull speċi f'kilogrammi f'piż tal-prodott u f'piż ħaj, imqassma skont it-tip ta' preżentazzjoni tal-prodott;
- (e) il-port ta' destinazzjoni tal-bastiment tas-sajd riċeventi;
- (f) id-data u l-ħin tat-trasbord ippjanat;
- (g) il-pożizzjoni ġeografika jew l-isem speċifiku tal-port li fih hi ppjanata l-operazzjoni ta' trasbord."

(20) l-Artikolu 21 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 21

Kompletar tad-dikjarazzjoni ta' trasbord

1. Il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' 10 metri jew aktar involuti f'operazzjoni ta' trasbord għandhom jimlew dikjarazzjoni elettronika ta' trasbord.
2. Id-dikjarazzjoni ta' trasbord imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun fiha tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) in-numru uniku ta' identifikazzjoni tal-vjaġġ kif ipprovdut fil-ġurnal ta' abbord f'konformità mal-Artikolu 14(2)(a);
 - (b) in-numri ta' identifikazzjoni tal-bastiment u l-isem kemm tal-bastimenti tas-sajd donaturi kif ukoll ta' daww riċevituri tal-bastiment tas-sajd;
 - (c) il-kodiċi alfa-3 tal-FAO ta' kull speċi u ż-żona ġeografika rilevanti li fiha ttieħdu l-qabdiet;
 - (d) il-kwantitajiet stmati ta' kull speċi f'kilogrammi f'piż tal-prodott u f'piż ħaj, imqassma skont it-tip ta' preżentazzjoni tal-prodott jew, fejn xieraq, l-għadd ta' individwi inklużi, bħala entrata separata, il-kwantitajiet jew l-individwi taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni applikabbli;
 - (e) il-port ta' destinazzjoni tal-bastiment tas-sajd riċevitur u d-data u l-ħin stmati tal-wasla;
 - (f) id-data u l-ħin tat-trasbord;
 - (g) iż-żona ġeografika jew il-port iddeżinjat tat-trasbord;
 - (h) il-fatturi ta' konverżjoni użati.

3. Meta mqabbel mal-kwantitajiet li nħattu l-art jew mar-riżultat ta' spezzjoni, il-marġni ta' tolleranza permess fi stimi reġistrati fid-dikjarazzjoni ta' trasbord tal-kwantitajiet f'kilogrammi ta' ħut miżmum abbord għandu jkun ta' 10 % għal kull speċi.
4. Il-kaptani kemm tal-bastiment tas-sajd donatur kif ukoll ta' dak riċevitur għandhom il-koll ikunu responsabbli għall-akkuratezza tad-data reġistrata fid-dikjarazzjonijiet ta' trasbord rispettivi tagħhom.
5. Biex il-piż tal-ħut maħżun jew ipproċessat jiġi kkonvertit f'piż ta' ħut ħaj għall-finijiet tad-dikjarazzjoni ta' trasbord, il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd għandhom japplikaw fattur ta' konverżjoni stabbilit skont l-Artikolu 14(9).
6. Il-Kummissjoni hi mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 119a biex teżenta lil ċerti kategoriji ta' bastimenti tas-sajd mill-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1, b'kunsiderazzjoni tal-kwantitajiet u/jew tat-tip ta' prodotti tas-sajd."

(21) l-Artikoli 22, 23 u 24 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 22

Trażmissjoni elettronika tad-data tad-dikjarazzjoni ta' trasbord

1. Kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' 10 metri jew aktar għandhom jibagħtu permezz ta' mezzi elettroniċi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21 lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tagħhom fi żmien 24 siegħa wara t-tlestija tal-operazzjoni ta' trasbord.
2. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru kostali għandhom jaċċettaw rapporti elettroniċi li jkunu rievew mingħand Stat Membru tal-bandiera li jkun fihom id-data minn bastimenti tas-sajd imsemmija fil-paragrafi 1.
3. Meta bastiment tas-sajd tal-Unjoni jittrasborda l-qabdiet tiegħu fi Stat Membru li hu differenti mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera malli jirċievu d-data tad-dikjarazzjoni tat-trasbord għandhom jibagħtuha permezz ta' mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn il-qabda tkun ġiet trasbordata u fejn il-qabda tkun iddestinata.
4. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 119a rigward:
 - (a) id-dispożizzjonijiet applikabbli fil-każ ta' ħsara teknika jew ta' komunikazzjoni jew ta' nuqqas ta' funzjonament tas-sistemi elettroniċi ta' reġistrazzjoni u ta' rapportar għad-data tat-trasbord;
 - (b) miżuri li għandhom jittieħdu fil-każ li ma tasalx id-data tat-trasbord;
 - (c) l-aċċess għad-data tat-trasbord u l-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' nuqqas ta' aċċess għad-data.
5. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli ddettaljati dwar:
 - (a) il-format u l-kontenut tad-dikjarazzjoni ta' trasbord;
 - (b) il-kompletar u r-reġistrazzjoni elettronika tad-data tat-trasbord;

- (c) il-funzjonament tas-sistema elettronika ta' reġistrazzjoni u ta' rapportar għad-data tat-trasbord;
- (d) ir-reqwiziti għat-trażmissjoni tad-data tat-trasbord minn bastiment tas-sajd tal-Unjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tiegħu u l-messaġġi ta' ritorn mill-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-bandiera;
- (e) ir-reqwiziti u l-format għall-iskambju tal-informazzjoni tat-trasbord bejn l-Istati Membri;
- (f) il-kompiti tal-awtorità unika msemmija fl-Artikolu 5(5) fir-rigward tat-trasbord;
- (g) il-frekwenza tat-trażmissjonijiet tad-data tat-trasbord;

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2).

Artikolu 23

Kompletar tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art

1. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni, jew ir-rappreżentant ta' dan, għandu jimla dikjarazzjoni elettronika tal-ħatt l-art.
2. Id-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun fiha tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) in-numru identifikatur uniku tal-vjaġġ tas-sajd;
 - (b) in-numri ta' identifikazzjoni tal-bastiment u l-isem tal-bastiment tas-sajd;
 - (c) il-kodiċi alfa-3 tal-FAO ta' kull speċi li tinħatt l-art u ż-żona ġeografika rilevanti li fiha ttieħdu l-qabdiet;
 - (d) il-kwantitajiet ta' kull speċi li tinħatt l-art f'kilogrammi ta' piż tal-prodott f'konformità mal-Artikolu 60 u f'piż ħaj, imqassma skont it-tip ta' preżentazzjoni tal-prodott jew, fejn xieraq, l-għadd ta' individwi inklużi, bħala entrata separata, il-kwantitajiet jew l-individwi taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni applikabbli;
 - (e) il-port tal-ħatt l-art;
 - (f) id-data u l-ħin tal-ħatt l-art;
 - (g) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-piżatur;
 - (h) il-fatturi ta' konverżjoni użati.
3. L-akkuratezza tad-data rreġistrata fid-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art għandha tkun ir-responsabbiltà tal-kaptan.
5. Biex il-piż tal-ħut maħżun jew proċessat jiġi kkonvertit f'piż ta' ħut ħaj għall-finijiet tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art, il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd għandhom japplikaw fattur ta' konverżjoni stabbilit skont l-Artikolu 14(9).

Artikolu 24

Trażmissjoni elettronika tad-data tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art

1. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni jew ir-rappreżentant ta' dan għandu jissottometti permezz ta' mezzi elettroniċi l-informazzjoni msemmija fl-

Artikolu 23 lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tagħhom fi żmien 24 siegħa wara t-tlestija tal-ħatt l-art.

2. Permezz ta' deroga għall-prodotti tas-sajd għall-konsum mill-bniedem li jinħattu l-art mhux imqassma u li jintiżnu f'konformità mal-Artikolu 60(5)(c), il-kaptan għandu jissottometti l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 23 kif aġġornata minnufih wara t-tieni wżin, biex jiġi inkluż ir-riżultat tat-tieni wżin.
3. Meta bastiment tas-sajd tal-Unjoni jħott il-qabdiet tiegħu fi Stat Membru li hu differenti mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu, l-awtorijiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera malli jirċievu d-data tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art għandhom jibagħtuha permezz ta' mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn il-qabda tkun inħattet.
4. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru kostali għandhom jaċċettaw rapporti elettroniċi li jkunu rċevew minn Stat Membru tal-bandiera li jkun fihom id-data minn bastimenti tas-sajd imsemmija fil-paragrafi 1 u 2.
5. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 119a rigward:
 - (a) derogi dwar is-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art;
 - (b) id-dispożizzjonijiet applikabbli fil-każ ta' ħsara teknika jew ta' komunikazzjoni jew ta' nuqqas ta' funzjonament tas-sistemi elettroniċi ta' reġistrazzjoni u ta' rapportar għad-data tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art;
 - (c) miżuri li għandhom jittieħdu fil-każ li ma tasalx id-data tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art;
 - (d) l-aċċess għad-data tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art u l-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' nuqqas ta' aċċess għad-data.
6. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli ddettaljati dwar:
 - (a) il-format u l-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art;
 - (b) il-kompletar u r-reġistrazzjoni diġitali tad-data tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art;
 - (c) il-funzjonament tas-sistema elektronika ta' reġistrazzjoni u ta' rapportar għad-data tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art;
 - (d) ir-rekwiżiti għat-trażmissjoni tad-data tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art minn bastiment tas-sajd tal-Unjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-bandiera tiegħu u l-messaġġi ta' ritorn mill-awtoritajiet;
 - (e) ir-rekwiżiti u l-format għall-iskambju tal-informazzjoni tad-data tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art bejn l-Istati Membri;
 - (f) il-kompiti tal-awtorità unika msemmija fl-Artikolu 5(5), fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art;
 - (g) il-frekwenza tat-trażmissjonijiet tad-data tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2).”

(22) jitħassar l-Artikolu 25.

(23) Fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu 1 tat- Titolu IV, jiddaħħal l-Artikolu 25a li ġej:

“Artikolu 25a

Kontroll tal-obbligu ta’ ħatt l-art

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kontroll effettiv tal-obbligu ta’ ħatt l-art. Għal dan l-għan, perċentwal minimu ta’ bastimenti tas-sajd li jistadu għal speċijiet soġġetti għall-obbligu ta’ ħatt l-art u li jtajru l-bandiera tagħhom stabbilita f’konformità mal-paragrafu 2, għandu jkun mgħammar b’sistemi li jirrekordjaw kontinwament ta’ Televiżjoni b’Ċirkwit Magħluq (CCTV) li jinkorporaw fihom il-ħżin tad-data.
2. Il-perċentwal ta’ bastimenti tas-sajd imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi stabbilit għal kategoriji ta’ riskju differenti fi programmi speċifiċi ta’ kontroll u ta’ spezzjoni adottati skont l-Artikolu 95. Dawk il-programmi għandhom jiddeterminaw ukoll il-kategoriji ta’ riskju u t-tipi ta’ bastimenti tas-sajd inklużi fit-tali kategoriji.
3. Minbarra s-sistemi ta’ CCTV imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jitolbu l-użu ta’ sistemi elettroniċi oħra ta’ monitoraġġ għall-fini ta’ kontroll tal-obbligu ta’ ħatt l-art.
4. Permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista’ tistabilixxi regoli dettaljati dwar ir-rekwiżiti, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, l-installazzjoni u l-funzjonament tas-sistemi elettroniċi ta’ monitoraġġ għall-kontroll tal-obbligu ta’ ħatt l-art, inklużi s-sistemi ta’ CCTV li jirrekordjaw il-ħin kollu.

Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 119(2).”

(24) jitħassar l-Artikolu 28.

(25) fl-Artikolu 29(3), titħassar l-aħħar sentenza.

(26) jitħassar l-Artikolu 32.

(27) l-Artikolu 33 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 33

Reġstrar ta’ qabdiet u tal-isforz tas-sajd

1. Kull Stat Membru tal-bandiera għandu jirreġistra d-data kollha relatata mal-qabdiet u mal-isforz tas-sajd imsemmija f’dan ir-Regolament, b’mod partikolari d-data msemmija fl-Artikoli 14, 21, 23, 55, 59a, 62, 66 u 68, u għandu jżomm l-oriġinali ta’ dik id-data għal perjodu minimu ta’ tliet snin f’konformità mar-regoli nazzjonali.
2. Qabel il-15-il jum ta’ kull xahar, kull Stat Membru tal-bandiera għandu jissottometti b’mod elettroniku lill-Kummissjoni jew lill-korp iddeżinjat minnha, id-data aggregata:
 - (a) dwar il-kwantitajiet ta’ kull stokk jew grupp ta’ stokkijiet maqbuda u miżmuma abbord, u dwar il-kwantitajiet ta’ kull speċi mormija, f’ekwivalenti ta’ piż ħaj, matul ix-xahar preċedenti, inklużi, bħala entrati separati, dawk li huma anqas mid-daqs minimu ta’ referenza għall-konservazzjoni applikabbli;

- (b) dwar l-isforz tas-sajd użat matul ix-xahar preċedenti għal kull żona tas-sajd soġġetta għal reġim tal-isforz tas-sajd jew, fejn xieraq, għal kull sajd soġġett għal reġim tal-isforz tas-sajd.
3. F'każijiet li fihom id-data sottomessa minn Stat Membru f'konformità mal-paragrafu 2 tkun ibbażata fuq stimi għal stokk jew għal grupp ta' stokkijiet, l-Istat Membru għandu jipprovi lill-Kummissjoni l-kwantitajiet korretti stabbiliti fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-data tal-ħatt l-art.
 4. Fil-każ li fih Stat Membru jindividwa inkonsistenzi bejn l-informazzjoni sottomessa lill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 u r-riżultati tal-validazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 109, l-Istat Membru għandu jipprovi lill-Kummissjoni l-kwantitajiet korretti stabbiliti fuq il-bażi ta' dik il-validazzjoni malli jkunu disponibbli u mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-data tal-ħatt l-art.
 5. Il-qabdiet kollha ta' stokk jew ta' grupp ta' stokkijiet soġġetti għal kwota li jsiru mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jingħaddu b'rabta mal-kwoti applikabbli għall-Istat Membru tal-bandiera tagħhom għall-istokk jew għall-grupp ta' stokkijiet ikkonċernati, irrispettivament mill-post tal-ħatt l-art.
 6. Il-qabdiet meħuda fil-qafas ta' riċerka xjentifika li huma kkummerċjalizzati u mibjugħa inklużi, fejn xieraq, dawk taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni applikabbli, għandhom jiġu rreġistrati mill-Istati Membri u d-data dwar it-tali qabdiet għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni. Dawn għandhom jingħaddu b'rabta mal-kwota applikabbli għall-Istat Membru tal-bandiera sa fejn dawn jaqbu t-2 % tal-kwoti kkonċernati. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal qabdiet meħuda matul sħarriġijiet ta' riċerka fil-baħar kif imsemmija fl-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).
 7. Għajr għall-isforz użat mill-bastimenti tas-sajd li huma esklużi mill-applikazzjoni ta' reġim tal-isforz tas-sajd, l-isforzi kollha tas-sajd użati mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni waqt li jgħorru abbord jew, fejn xieraq, jużaw irkaptu jew irkapti tas-sajd soġġetti għal reġim tal-isforz tas-sajd jew joperaw f'sajd soġġett għal reġim tal-isforz tas-sajd f'żona ġeografika soġġetta għal dak ir-reġim tal-isforz tas-sajd għandhom jiġu attribwiti għall-isforz tas-sajd massimu permissibbli relatat ma' tali żona ġeografika u ma' tali rkaptu tas-sajd jew ma' tali sajd disponibbli għall-Istat Membru tal-bandiera.
 8. L-isforz tas-sajd użat fil-kuntest tar-riċerka xjentifika minn bastiment li jgħorr irkaptu jew irkapti tas-sajd soġġett għal reġim tal-isforz tas-sajd jew li jopera f'sajd soġġett għal reġim tal-isforz tas-sajd f'żona ġeografika soġġetta għal dak ir-reġim tal-isforz tas-sajd għandu jiġi attribwit għall-isforz tas-sajd massimu permissibbli relatat ma' tali rkaptu jew irkapti tas-sajd u ma' tali żona ġeografika tal-Istat Membru tal-bandiera jekk il-qabdiet meħuda matul l-użu ta' dan l-isforz jiġu kkummerċjalizzati u mibjugħin sa fejn jeċċedu t-2 % tal-isforz tas-sajd allokat. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal qabdiet meħuda matul sħarriġijiet ta' riċerka fil-baħar kif imsemmija fl-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1004.
 9. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta formati għat-trażmissjoni tad-data msemmija f'dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta'

implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2).

- (*) Ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 (ĠU L 157, 20.6.2017, p. 1)."

(28) l-Artikolu 34 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 34

Data dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd

Il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru biex jissottometti informazzjoni aktar dettaljata u aktar frekwenti minn dik ipprovduta fl-Artikolu 33 fil-każ li jiġi stabbilit li 80 % ta' kwota għal stokk jew għal grupp ta' stokks titqies li hi eżawrita."

(29) fl-Artikolu 35, il-paragrafi 2 u 3 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"2. Mid-data msemmija fil-paragrafu 1, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprojbixxi attivitajiet tas-sajd għall-istokk jew għall-grupp ta' stokkijiet li l-kwota tagħhom tkun ġiet eżawrita, fis-sajd rilevanti jew meta jinġarr abbord l-irkaptu tas-sajd fiż-żona ġeografika fejn l-isforz tas-sajd massimu permessibbli jkun intlaħaq, mill-bastimenti kollha jew parti mill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu, u għandu jiddeċiedi dwar data sa meta t-trasbordi, it-trasferimenti u l-ħatt l-art jew id-dikjarazzjonijiet finali tal-qabdiet huma permessi.

3. Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir pubblika mill-Istat Membru kkonċernat u għandha tiġi kkomunikata immedjatement lill-Kummissjoni. Din għandha tiġi ppubblikata wkoll fuq is-sit web pubbliku tal-Kummissjoni. Mid-data li fiha d-deċiżjoni ssir pubblika mill-Istat Membru kkonċernat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma sseħħ ebda attività tas-sajd li tikkonċerna l-istokk jew il-grupp ta' stokkijiet ikkonċernati, minn bastimenti tas-sajd jew minn grupp tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru kkonċernat, fl-ibħra tagħhom u fit-territorju tagħhom."

(30) fl-Artikolu 36, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fejn il-Kummissjoni ssib li l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni, għal Stat Membru, jew għal grupp ta' Stati Membri jitqiesu li jkunu ġew eżawriti, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati dwar dan u tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tipprojbixxi l-attivitajiet tas-sajd għaż-żona, għall-irkaptu, għall-istokk, għall-grupp ta' stokkijiet jew għall-flotta rispettivi involuti f'dawk l-attivitajiet tas-sajd speċifiċi."

(31) l-Artikolu 37 hu emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Jekk il-preġudizzju li jsofri Stat Membru li ġie pprojbit milli jistad qabel ma ġew eżawriti l-opportunitajiet tas-sajd tiegħu ma jkunx tneħħa, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri bl-għan li jiġi rrimedjat b'mod xieraq il-preġudizzju kkawżat, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2). Dawk il-miżuri

jistgħu jinvolvu tnaqqis mill-opportunitajiet tas-sajd ta' kwalunkwe Stat Membru li kien involut f'sajd eċċessiv, u li jiġu allokatu b'mod xieraq il-kwantitajiet imnaqqsin b'dan il-mod lill-Istati Membri li l-attivitajiet tas-sajd tagħhom ġew ipprojbti qabel l-opportunitajiet tas-sajd tagħhom ġew eżawriti.”

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Il-Kummissjoni għandha tispeċifika, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:

- (a) in-notifika ta' preġudizzju mġarrab,
- (b) l-identifikazzjoni tal-Istati Membri li ġarrbu preġudizzju u l-ammont tal-preġudizzju,
- (c) l-identifikazzjoni tal-Istati Membri li stadi b'mod eċċessiv u l-kwantitajiet ta' ħut maqbuda b'mod eċċessiv,
- (d) it-tnaqqis li għandu jsir mill-opportunitajiet tas-sajd tal-Istati Membri li stadi b'mod eċċessiv b'mod proporzjonat għall-opportunitajiet tas-sajd misbuqa,
- (e) iż-żidiet li għandhom isiru mal-opportunitajiet tas-sajd tal-Istati Membri ppreġudikati b'mod proporzjonat għall-ħsara li ġarrbu,
- (f) id-dati li fihom iseħħu ż-żidiet jew it-tnaqqisiet, u
- (g) fejn hu xieraq, kwalunkwe miżura oħra meħtieġa dwar kif tiġi rrimedjata l-ħsara li ġarrbu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2).”

(32) fit-Titolu IV, l-intestatura tal-Kapitolu II hi sstitwita b'dan li ġej:

“KAPITOLU II

Kontroll tal-kapaċità tas-sajd”

(33) l-Artikolu 38 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“*Artikolu 38*

Kapaċità tas-sajd

- “ 1. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jagħmlu l-kontrolli meħtieġa bl-għan li jiżguraw li l-kapaċità totali li tikkorrispondi għal-liċenzji tas-sajd maħruġa mill-Istat Membru, f'TG u f'kW, fl-ebda mument ma tkun oġġla mil-livelli massimi ta' kapaċità għal dak l-Istat Membru stabbilit f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.
- 2. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu rigward:
 - (a) il-verifika tal-qawwa tal-magna tal-bastimenti tas-sajd;
 - (b) il-verifika tat-tunnellaġġ tal-bastimenti tas-sajd;
 - (c) il-verifika tat-tip, tal-għadd u tal-karatteristiċi tal-irkaptu tas-sajd.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2).”

- (34) fil-Kapitolu II tat- Titolu IV, l-intestatura tat-Taqsima 2 hija sostitwita b’ dan li ġej:
“Taqsima 2

Saħħa tal-magna u tunnellaġġ”

- (35) jiddaħħal l-Artikolu 39a li ġej:

“*Artikolu 39a*

Monitoraġġ kontinwu tas-saħħa tal-magna

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti li jużaw l-irkapti tas-sajd attivi li ġejjin: xbieki tat-tkarkir, tartaruni u xbieki tat-tidwir, ikunu mgħammra b’apparati installati b’mod permanenti li jkejlu u jirreġistraw is-saħħa tal-magna f’każijiet li fihom:
 - (a) il-bastimenti jkunu mgħammra b’ magni propulsivi b’ saħħa ċertifikata tal-magna li taqbeż il-221 kilowatt; jew
 - (b) il-bastimenti jkunu mgħammra b’ magni propulsivi b’ saħħa ċertifikata tal-magna ta’ bejn 120 u 221 kilowatt u joperaw f’żoni soġġetti għal reġimi ta’ sforz jew għal restrizzjonijiet fuq is-saħħa tal-magna.
 2. L-apparati msemmija fil-paragrafu 1, b’mod partikolari tensjometri tax-xaft u kuntjaturi tad-dawriet imqabbda b’mod permanenti, għandhom jiżguraw il-kejl kontinwu tas-saħħa tal-magna propulsiva f’kilowatts.
 3. Il-kaptani għandhom jiżguraw li l-apparati msemmija fil-paragrafu 1 jaħdmu f’kull ħin u li l-informazzjoni mill-kejl kontinwu tas-saħħa tal-magna propulsiva tiġi rreġistrata u maħżuna abbord u tkun aċċessibbli għall-uffiċjali f’kull ħin.
 4. Permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista’ tistabilixxi regoli dettaljati rigward ir-rekwiżiti tekniċi u l-karatteristiċi tal-apparati msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 119(2).”
- (36) fl-Artikolu 40, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b’ dan li ġej:
- “6. Permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista’ tistabilixxi regoli dettaljati dwar iċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-magna ta’ propulsjoni. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 119(2).”
- (37) l-Artikolu 41 huwa sostitwit b’ dan li ġej:

“*Artikolu 41*

Verifika tas-saħħa tal-magna u tat-tunnellaġġ

F’każijiet li fihom ikun hemm indikazzjonijiet mid-data miġbura bħal data dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti, data tal-ġurnal ta’ abbord dwar is-sajd, jew kejl kontinwu tas-saħħa tal-magna propulsiva, li s-saħħa tal-magna ta’ bastiment tas-sajd tkun akbar mis-saħħa ddikjarata stabbilita fil-liċenzja tas-sajd, jew fir-reġistru tal-flotta tal-Unjoni jew nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jipproċedu għal verifika fiżika tas-saħħa tal-magna.

F’każijiet li fihom ikun hemm indikazzjonijiet mid-data miġbura bħal ġurnali ta’ abbord dwar is-sajd, dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art jew informazzjoni rilevanti oħra, li t-tunnellaġġ ta’ bastiment tas-sajd ikun akbar minn dak iddikjarat fil-liċenzja, jew fir-

reġistru tal-flotta tal-Unjoni jew nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jipproċedu għal verifika fiżika tat-tunnellaġġ.”

(38) fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 42, il-kliem li ġej “Artikoli 60 u 61” huwa sostitwit b’“Artikolu 60”.

(39) l-Artikolu 43 hu emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Pjan pluriennali jista’ jistabbilixxi limitu massimu applikabbli għall-piż ħaj ta’ speċijiet soġġetti għal dak il-pjan, li fil-każ li jinqabeż il-bastiment tas-sajd għandu jkun meħtieġ li jħott l-art il-qabdiet tiegħu f’port magħżul jew f’post qrib ix-xatt.”

(b) jitħassar il-paragrafu 7.

(40) jitħassar l-Artikolu 45.

(41) jitħassar l-Artikolu 46.

(42) l-Artikolu 48 hu emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“3. Jekk l-irkaptu mitluf ma jistax jinstab, il-Kaptan tal-bastiment għandu jinkludi l-informazzjoni dwar l-irkaptu mitluf fil-ġurnal ta’ abbord skont l-Artikolu 14(3). L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kostali.”

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“5. L-Istati Membri għandom jiġbru u jirreġistraw l-informazzjoni li tikkonċerna l-irkaptu mitluf u jipprovdu din l-informazzjoni lill-Kummissjoni fuq talba.”

(43) l-Artikolu 50 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 50

Kontroll ta’ Żoni Ristretti għas-Sajd

1. L-attivitajiet tas-sajd f’żoni ristretti għas-sajd li jinsabu fl-ibħra tal-Unjoni għandhom ikunu kkontrollati mill-Istat Membru kostali. L-Istat Membru kostali għandu jkollu sistema biex jindividwa u jirreġistra d-dħul tal-bastimenti tas-sajd f’żoni ristretti għas-sajd u l-ħruġ ta’ dawn mit-tali żoni li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni jew is-sovranità tiegħu.

2. L-attivitajiet tas-sajd ta’ bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f’żoni ristretti għas-sajd li jinsabu f’ibħra internazzjonali jew f’ibħra ta’ pajjiżi terzi għandhom ikunu kkontrollati mill-Istati Membri tal-bandiera.

3. It-tranżitu minn żona ristretta għas-sajd hu permess għall-bastimenti tas-sajd li ma jkunux awtorizzati jistadu f’tali żoni soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-irkaptu kollu abbord għandu jkun marbut u stivat matul it-tranżitu; u

(b) il-veloċità matul it-tranżitu ma tkunx anqas minn sitt mili nawtiċi ħlief fil-każ ta’ forza maġġuri jew ta’ kundizzjonijiet avversi. F’każijiet bħal dawn, il-kaptan għandu jinforma minnufih liċ-Ċentru ta’ Monitoraġġ tas-Sajd tal-Istat Membru tal-bandiera tiegħu li mbaġhad għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kostali.

- (c) l-apparat ta' traċċar li jipprovdi l-pożizzjoni tal-bastimenti f'konformità mal-Artikolu 9 qed jaħdem.”

(44) L-Artikolu 55 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 55

Sajd rikreattiv

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sajd rikreattiv fit-territorju tagħhom u fl-ibħra tal-Unjoni jsir b'mod kompatibbli mal-oġettivi u r-regoli tal-politika komuni tas-sajd.

Għal dan l-għan l-Istati Membri għandhom:

- (a) idaħħlu fis-seħħ sistema ta' reġistrazzjoni jew ta' liċenzjar li tissorvelja n-numru ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi involuti fis-sajd rikreattiv; u
- (b) jiġbru data dwar il-qabdiet mit-tali sajd permezz ta' rapportar tal-qabdiet jew mekkaniżmi oħra ta' ġbir tad-data bbażati fuq metodoloġija li għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.
2. Rigward stokkijiet, gruppi ta' stokkijiet u speċijiet li huma soġġetti għal miżuri ta' konservazzjoni tal-Unjoni applikabbli għas-sajd rikreattiv, l-Istati Membri għandhom
- (a) jiżguraw li l-persuni fiżiċi u ġuridiċi involuti fis-sajd rikreattiv għat-tali stokkijiet jew speċijiet jirreġistraw u jibagħtu d-dikjarazzjonijiet tal-qabdiet b'mod elettroniku lill-awtoritajiet kompetenti fuq bażi ta' kuljum jew wara kull vjaġġ tas-sajd; u
- (b) idaħħlu fis-seħħ sistema ta' reġistrazzjoni jew ta' liċenzjar għal bastimenti użati fit-tali sajd rikreattiv, minbarra s-sistema ta' reġistrazzjoni jew ta' liċenzjar għal persuni fiżiċi u ġuridiċi msemmija fil-paragrafu 1.
3. Il-bejgħ tal-qabdiet mis-sajd rikreattiv għandu jkun projbit.
4. Il-programmi nazzjonali ta' kontroll imsemmija fl-Artikolu 93a għandhom jinkludu attivitajiet speċifiċi ta' kontroll li jikkonċernaw is-sajd rikreattiv.
5. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta regoli dettaljati dwar:
- (a) is-sistemi ta' reġistrazzjoni jew ta' liċenzjar għas-sajd rikreattiv għal speċijiet jew għal stokkijiet speċifiċi,
- (b) il-ġbir ta' data u r-reġistrazzjoni u s-sottomissjoni tad-data dwar il-qabdiet,
- (c) it-traċċar ta' bastimenti użati għas-sajd rikreattiv, u
- (d) il-kontroll u l-markar ta' rkapti użati għas-sajd rikreattiv.
- Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2).
6. Dan l-Artikolu għandu japplika għal kwalunkwe attività tas-sajd rikreattiv, inklużi attivitajiet tas-sajd organizzati minn entitajiet kummerċjali fis-settur tat-turiżmu u fis-settur tal-kompetizzjonijiet sportivi.”

(45) L-intestatura tat-Titolu V hija sostitwita b'dan li ġej:

“TITOLU V

KONTROLLI FIL-KATINA TA’ PROVVISTA”.

(46) fit-Titolu V, il-Kapitolu I huwa sostitwit b’ dan li ġej:

“Kapitolu I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 56

Prinċipji għall-kontroll tal-kummerċjalizzazzjoni

1. Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għall-kontroll fit-territorju tiegħu tal-applikazzjoni tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd fl-istadji kollha tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, mit-tqegħid tagħhom fis-suq sal-bejgħ bl-immnut, inkluż it-trasport. L-Istati Membri għandhom jieħdu b’mod partikolari miżuri li jiżguraw li l-użu ta’ prodotti tas-sajd taħt id-daqs minimu ta’ referenza għall-konservazzjoni li huma soġġetti għall-obbligu ta’ ħatt l-art stipulat fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jiġi ristrett għal skopijiet oħra għajr dak tal-konsum dirett mill-bniedem.
2. Meta jkun iffissat daqs minimu għal speċi partikolari fil-leġislazzjoni tal-Unjoni, l-operaturi responsabbli għax-xiri, għall-bejgħ, għall-ħżin jew għat-trasport għandhom ikunu kapaċi jippruvaw iż-żona ġeografika rilevanti tal-orijini tal-prodotti.

Artikolu 56a

Lottijiet

1. Il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mill-qbid jew mill-ġbir għandhom jitqiegħdu f’lottijiet qabel ma jitqiegħdu fis-suq.
2. Lott għandu jkun fih prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura ta’ speċi waħda biss, bl-istess preżentazzjoni u li ġejjin mill-istess żona ġeografika rilevanti u mill-istess bastiment tas-sajd, jew grupp ta’ bastimenti tas-sajd, jew mill-istess unità ta’ produzzjoni tal-akkwakultura.
3. Permezz ta’ deroga mill-paragrafu 2, il-kwantitajiet ta’ prodotti tas-sajd li b’kollox jiżnu anqas minn 30kg fi prodotti tas-sajd ta’ diversi speċijiet u li jiġu mill-istess żona ġeografika rilevanti u bl-istess preżentazzjoni, għal kull bastiment u għal kull jum, jistgħu jitqiegħdu fl-istess lott mill-operatur tal-bastiment tas-sajd, li fl-organizzazzjoni ta’ produttori tiegħu l-operatur tal-bastiment tas-sajd hu membru jew xerrej reġistrat, qabel it-tqegħid fis-suq.
4. Permezz ta’ deroga mill-paragrafu 2, il-kwantitajiet ta’ prodotti tas-sajd ta’ diversi speċijiet, li jikkonsistu f’individwi iżgħar mid-daqs minimu ta’ referenza għall-konservazzjoni applikabbli u li jiġu mill-istess żona ġeografika rilevanti u mill-istess bastiment tas-sajd, jew grupp ta’ bastimenti tas-sajd, jistgħu jitqiegħdu f’lottijiet qabel ma jitqiegħdu fis-suq għal skopijiet oħra apparti konsum dirett mill-bniedem.
5. Wara li jitqiegħed fis-suq, lott ta’ prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura jista’ jingħaqad ma’ lott ieħor jew jinqasam, jekk il-lott maħluq mit-tgħaqdid jew il-lottijiet maħluqa mill-qsim jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) dawn fihom prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura ta' speċi waħda u bl-istess preżentazzjoni;
 - (b) l-informazzjoni dwar it-traċċabilità elenkata fil-paragrafi 5 u 6 tal-Artikolu 58 hi pprovduta għal-lott(ijiet) maħluq(a) ġdid/ġodda;
 - (c) l-operatur responsabbli għat-tqegħid tal-lott maħluq ġdid fis-suq kapaċi jipprovdni l-informazzjoni relatata mal-kompożizzjoni tal-lott maħluq ġdid, b'mod partikolari l-informazzjoni relatata ma' kull wieħed mill-lottijiet ta' prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura li fih u mal-kwantitajiet ta' prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura li ġejjin minn kull wieħed mill-lottijiet li jiffurmaw il-lott il-ġdid.
6. Dan l-Artikolu għandu japplika biss għal prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li jaqgħu taħt il-Kapitolu 3 u taħt l-intestaturi 1604 u 1605 tal-Kapitolu 16 tan-Nomenklatura Magħquda stabbilita permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87*.

Artikolu 57

Standards komuni tal-kummerċjalizzazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw li l-prodotti li għalihom japplikaw l-istandards komuni ta' kummerċjalizzazzjoni jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq f'konformità ma' dawn l-istandards.
2. Il-kontrolli jistgħu jsiru fl-istadji kollha fil-katina ta' provvista, inkluż fit-trasport. Fil-każ ta' prodotti li għalihom l-istandards komuni ta' kummerċjalizzazzjoni japplikaw matul it-tqegħid fis-suq biss, il-kontrolli mwettqa fi stadji ulterjuri fil-katina ta' provvista jistgħu jkunu ta' natura dokumentarja.
3. L-operaturi fl-istadji kollha tal-katina ta' provvista responsabbli għax-xiri, għall-bejgħ, għall-ħżin jew għat-trasport tal-lottijiet tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura għandhom ikunu kapaċi juru bil-prvi li l-prodotti jikkonformaw mal-istandards minimi tal-kummerċjalizzazzjoni.

Artikolu 58

Traċċabilità

1. Mingħajr ħsara għar-rekwiżiti dwar it-traċċabilità stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002, il-lottijiet tal-prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura għandhom ikunu traċċabbli fl-istadji kollha tal-produzzjoni, tal-proċessar u tad-distribuzzjoni, mill-qbid jew mill-ġbir sal-istadju tal-bejgħ bl-immnut, inklużi l-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li huma destinati għall-esportazzjoni.
2. L-operaturi fl-istadji kollha tal-produzzjoni, tal-proċessar u tad-distribuzzjoni, mill-qbid jew mill-ħsad sal-istadju tal-bejgħ bl-immnut, għandhom jiżguraw li għal kull lott ta' prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura, l-informazzjoni elenkata fil-paragrafi 5 u 6:
 - (a) tinżamm irreġistrata b'mod diġitalizzat;
 - (b) titqiegħed għad-dispożizzjoni fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti;
 - (c) tintbagħat jew titqiegħed għad-dispożizzjoni b'mod elettroniku, għall-operatur kummerċjali li lilu jiġi fornit il-prodott tas-sajd jew tal-akkwakultura.

3. Il-lottijiet tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mqiegħda fis-suq jew li x'aktarx ikunu se jitqiegħdu fis-suq fl-Unjoni, jew esportati jew li x'aktarx ikunu se jiġu esportati, għandhom jiġu markati jew tikkettati b'mod adegwat biex tkun żgurata t-tracçabbiltà ta' kull lott.
4. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw li l-operaturi jkollhom fis-seħħ sistemi u proċeduri diġitalizzati għall-identifikazzjoni ta' kwalunkwe operatur li jkun fornihom b'lottijiet tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura u li lili jkunu ġew furniti dawn il-prodotti. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti.
5. L-informazzjoni dwar il-lottijiet ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, ħliet il-prodotti importati fl-Unjoni, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tinkludi:
 - (a) in-numru ta' identifikazzjoni tal-lott;
 - (b) in-numru/i identifikatur(i) uniku/uniċi tal-vjaġġ tas-sajd imsemmi(ja) fl-Artikolu 14(2)(a) tal-prodotti tas-sajd kollha inklużi fil-lott, jew l-isem u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-unità ta' produzzjoni tal-akkwakultura;
 - (c) il-kodiċi alfa-3 tal-FAO tal-ispeċijiet u l-isem xjentifiku;
 - (d) iż-żona/i ġeografika/ġeografiċi rilevanti għall-prodotti tas-sajd maqbuda mill-baħar, jew iż-żona tal-qabda jew tal-produzzjoni kif definita fl-Artikolu 38(1) tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 għal prodotti tas-sajd maqbuda fl-ilma ħelu u għall-prodotti tal-akkwakultura;
 - (e) għal prodotti tas-sajd, il-kategorija ta' rkaptu kif stabbilita fl-ewwel kolonna tal-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 1379/2013;
 - (f) id-data tal-qabdiet għall-prodotti tas-sajd jew id-data tal-ġbir għall-prodotti tal-akkwakultura, u d-data tal-produzzjoni fejn applikabbli;
 - (g) il-kwantitajiet f'kilogrammi espressi f'piż nett jew, fejn xieraq, in-numru ta' individwi;
 - (h) jekk ikun hemm prodotti tas-sajd iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni preżenti fil-kwantitajiet imsemmi(ja) fil-punt (g), informazzjoni separata dwar il-kwantitajiet f'kilogrammi espressi f'piż nett, jew in-numru ta' individwi iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni;
 - (i) għal lottijiet ta' prodotti soġġetti għal standards komuni ta' kummerċjalizzazzjoni, id-daqs jew il-piż individwali, il-kategorija tad-daqs, il-preżentazzjoni u l-freskezza.
6. L-informazzjoni dwar il-lottijiet ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura importati fl-Unjoni, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tinkludi:
 - (a) in-numru ta' identifikazzjoni tal-lott;
 - (b) ir-referenza taċ-ċertifikat(i) tal-qabda sottomess(i) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 għall-prodotti kollha tas-sajd inklużi fil-lott, fejn applikabbli, jew l-isem u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-unità ta' produzzjoni tal-akkwakultura;
 - (c) il-kodiċi alfa-3 tal-FAO tal-ispeċijiet u l-isem xjentifiku;

- (d) iż-żona/i ġeografika/ġeografiċi rilevanti għall-prodotti tas-sajd maqbuda mill-baħar, jew iż-żona tal-qabda jew tal-produzzjoni kif definita fl-Artikolu 38(1) tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 għal prodotti tas-sajd maqbuda fl-ilma ħelu u għall-prodotti tal-akkwakultura;
 - (e) il-kategorija ta' rkaptu kif stabbilita fl-ewwel kolonna tal-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 għall-prodotti tas-sajd;
 - (f) id-data tal-qabdiet għall-prodotti tas-sajd jew id-data tal-ġbir għall-prodotti tal-akkwakultura, u d-data tal-produzzjoni fejn applikabbli;
 - (g) il-kwantitajiet f'kilogrammi espressi f'piż nett jew, fejn xieraq, in-numru ta' individwi;
 - (h) għal lottijiet ta' prodotti soġġetti għal standards komuni ta' kummerċjalizzazzjoni, kif xieraq, id-daqs jew il-piż individwali, il-kategorija tad-daqs, il-preżentazzjoni u l-freskezza.
7. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu kwantitajiet żgħir ta' prodotti li jinbiegħu direttament mill-bastimenti tas-sajd lill-konsumaturi, dment li dawn ma jaqbżux il-5kg ta' prodott tas-sajd għal kull konsumatur kull jum.
8. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 119a rigward:
- (a) id-diġitalizzazzjoni tal-informazzjoni dwar it-traċċabilità u t-trażmissjoni elettronika ta' din;
 - (b) it-twaħħil fiżiku ta' informazzjoni dwar it-traċċabilità fuq il-lottijiet ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;
 - (c) il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-aċċess għall-informazzjoni li takkumpanja lott u l-metodi ta' markar jew ta' tikkettar tal-lottijiet;
 - (d) ir-rekwiżiti tat-traċċabilità għal-lottijiet li jirriżultaw mill-fużjoni jew mill-qsim ta' lottijiet differenti msemmija fl-Artikolu 56(5) u għal-lottijiet li fihom diversi speċijiet imsemmija fl-Artikolu 56(3);
 - (e) l-informazzjoni dwar iż-żona ġeografika rilevanti.
9. Dan l-Artikolu għandu japplika biss għal prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li jaqgħu taħt il-Kapitolu 3 u taħt l-intestaturi 1604 u 1605 tal-Kapitolu 16 tan-Nomenklatura Magħquda stabbilita permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87*.
10. Dan l-artikolu ma għandux japplika għal ħut, krustaċji u molluski ornamentalni.”
- (47) fl-Artikolu 59, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “3. Konsumaturi li jixtru sa ammont ta' 5kg fi prodotti tas-sajd kull jum li wara ma jitqegħdux fis-suq iżda jintużaw biss għall-konsum privat għandu jkun eżentat minn dan l-Artikolu.”
- (48) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
- “*Artikolu 59a*

Is-sistemi tal-użin

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li hemm proċeduri fis-seħħ li jippermettu biex il-prodotti kollha tas-sajd jintiżnu mal-ħatt l-art fuq sistemi approvati mill-awtoritajiet kompetenti u li l-użin isir minn operaturi reġistrati għall-użin tal-prodotti tas-sajd.
2. Qabel ir-reġistrazzjoni ta' operatur biex jagħmel l-użin tal-prodotti tas-sajd, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operatur ikun kompetenti u attrezzat b'mod adegwat biex iwettaq l-attivitajiet tal-użin. L-Istati Membri għandu jkollhom ukoll sistema fis-seħħ li biha l-operaturi li ma jibqgħux konformi mal-kundizzjonijiet għat-twettiq tal-attivitajiet tal-użin ma jibqgħux reġistrati.
3. L-Istati Membri jistgħu jirrekjedu s-sottomissjoni tar-rekords tal-użin f'intervalli regolari.
4. Il-Kummissjoni hi mogħtija s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 119a rigward il-kriterji għar-reġistrazzjoni tal-operaturi intitolati jwettqu l-użin tal-prodotti tas-sajd, u l-kontenut tar-rekords tal-użin."

(49) L-Artikolu 60 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 60

Użin ta' prodott tas-sajd

1. Il-kaptani għandhom jiżguraw li l-kwantitajiet kollha ta' prodotti tas-sajd jintiżnu għal kull speċi fuq sistemi tal-użin u minn operaturi reġistrati skont l-Artikolu 59a eżatt wara l-ħatt l-art, qabel ma l-prodotti tas-sajd jinżammu maħżuna, jiġu ttrasportati jew jitqiegħdu fis-suq.
2. L-operaturi reġistrati biex iwettqu l-użin tal-prodotti tas-sajd għandhom ilestu rekord tal-użin għal kull ħatt l-art u għandhom ikunu responsabbli għall-akkuratezza tal-użin. Il-piżatur reġistrat għandu jżomm rekords tal-użin għal perjodu ta' tliet snin.
3. Iċ-ċifra mir-rekord tal-użin għandha tintbagħat lill-kaptan u tintuża għall-mili tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art u tad-dokument tat-trasport.
4. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jitolbu li kwalunkwe kwantità ta' prodotti tas-sajd li l-ewwel tinħatt l-art f'dak l-Istat Membru tintiżen minn uffiċjal jew fil-preżenza ta' dan qabel ma tiġi trasportata xi mkien ieħor mill-post tal-ħatt l-art.
5. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jippermettu biex il-prodotti tas-sajd jintiżnu mhux imqassma matul il-ħatt l-art jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) L-użin tal-prodott tas-sajd mhux imqassam isir mal-ħatt l-art fuq sistema operata jew ikkontrollata mill-awtoritajiet kompetenti qabel it-trasport, il-ħżin jew it-tqegħid fis-suq;
 - (b) Fil-każ ta' ħatt l-art mhux miqassam mhux maħsub għall-konsum mill-bniedem: l-Istat Membru jkun adotta pjan ta' kampjunar ibbażat fuq ir-riskju u l-Kummissjoni tkun approvat dak il-pjan;
 - (c) Fil-każ ta' prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem: it-tieni użin għal kull speċi ta' prodotti tas-sajd isir minn piżatur reġistrat. It-tieni użin jista' jsir, wara t-trasport, f'ċentru tal-irkant, fil-bini ta' xerrej

reġistrat jew ta' organizzazzjoni ta' produttori. Ir-riżultat ta' dak it-tieni użin għandu jintbagħat lill-kaptan.

6. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tiddetermina metodoloġija bbażata fuq ir-riskji għall-istabbiliment tal-pjanijiet ta' kampjunar imsemmija fil-paragrafu 5(b) u tapprova dawk il-pjanijiet. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2)."

(50) jiddaħħal l-Artikolu 60a li ġej:

“Artikolu 60a

Regoli dettaljati dwar l-użin

1. Il-Kummissjoni hi mogħija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 119a biex tistabbilixxi regoli ġenerali għall-użin. Dawn ir-regoli għandhom jikkonċernaw:
 - (a) id-determinazzjoni tal-proċeduri tal-użin;
 - (a) ir-reġistri tal-użin;
 - (b) il-ħin tal-użin;
 - (c) is-sistemi tal-użin;
 - (d) l-użin ta' prodotti tas-sajd iffriżati;
 - (e) it-tnaqqis tas-silġ u tal-ilma;
 - (f) l-aċċess tal-awtoritajiet kompetenti għas-sistemi tal-użin, ir-reġistri tal-użin, id-dikjarazzjonijiet bil-miktub u l-postijiet fejn il-prodotti tas-sajd huma maħżuna jew proċessati;
2. Il-Kummissjoni hi mogħija s-setgħa wkoll li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 119a biex tistabbilixxi regoli speċjali għall-użin ta' ċerti speċijiet pelaġiċi. Dawn ir-regoli għandhom jikkonċernaw:
 - (a) l-istabbiliment ta' proċedura tal-użin għall-qabdiet tal-aringsi, tal-kavalli u tas-sawrell;
 - (b) il-portijiet tal-użin;
 - (c) l-informazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti qabel id-dħul fil-port;
 - (d) il-ħatt l-art
 - (e) l-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd;
 - (f) il-faċilitajiet tal-użin imħaddma pubblikament;
 - (g) il-faċilitajiet tal-użin imħaddma privatament;
 - (h) l-użin ta' ħut iffriżat;
 - (i) iż-żamma tar-reġistri tal-użin;
 - (j) in-nota tal-bejgħ u d-dikjarazzjoni tal-akkwist tal-kontroll;
 - (k) il-kontroverifiki;
 - (l) il-monitoraġġ tal-użin.”

(51) jitħassar l-Artikolu 61.

(52) l-Artikolu 62 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“*Artikolu 62*

Kompletar u preżentazzjoni tan-noti tal-bejgħ

1. Xerrejja reġistrati, stabbilimenti tal-irkant reġistrati jew korpi jew persuni oħra awtorizzati mill-Istati Membri li huma responsabbli għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd li jinħattu l-art fi Stat Membru għandhom jirreġistraw b'mezzi elettroniċi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 64(1) u għandhom jissottomettu b'mezzi elettroniċi, fi żmien 24 siegħa wara t-tqegħid fis-suq, nota tal-bejgħ li jkun fiha t-tali informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jseħħ l-ewwel bejgħ. L-akkuratezza tan-nota tal-bejgħ għandha tkun ir-responsabbiltà ta' dawn ix-xerrejja, l-istabbilimenti tal-irkant, il-korpi jew il-persuni.
2. Jekk l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jitqiegħed fis-suq il-prodott tas-sajd ma jkunx l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd li jkun ħatt l-art il-ħut, hu għandu jiżgura li tiġi sottomessa b'mod elettroniku kopja tan-nota tal-bejgħ lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera malli jirċievi l-informazzjoni rilevanti.
3. Meta t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tas-sajd ma jseħħx fl-Istat Membru fejn ikunu nħattu l-art il-prodotti, l-Istat Membru responsabbli għall-ikkontrollar tal-ewwel tqegħid fis-suq għandu jiżgura li tiġi sottomessa b'mod elettroniku kopja tan-nota tal-bejgħ lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-ikkontrollar tal-ħatt l-art tal-prodotti kkonċernati u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd malli jirċievi n-nota tal-bejgħ.
4. Meta l-ħatt l-art isir barra mill-Unjoni u l-ewwel bejgħ isir f'pajjiż terz, il-kaptan tal-bastiment tas-sajd jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jibgħat b'mod elettroniku kopja tan-nota tal-bejgħ, jew kwalunkwe dokument ekwivalenti li jkun fih l-istess livell ta' informazzjoni, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera fi żmien 48 siegħa wara l-ewwel bejgħ.
5. Fejn nota tal-bejgħ ma taqbilx mal-fattura jew ma' dokument ieħor minflokha, kif imsemmi fl-Artikoli 218 u 219 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KEE(*), l-Istat Membru kkonċernat għandu jadotta d-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jiżgura li l-informazzjoni fuq il-kwantitajiet u fuq il-prezz, eskluża t-taxxa għall-kunsinni tal-oġġetti lix-xerrej, tkun l-istess bħal dik indikata fuq il-fattura.
6. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi regoli dettaljati dwar ir-reġistrazzjoni tax-xerrejja, l-indikazzjoni tal-prezz fin-noti tal-bejgħ, il-format tan-noti tal-bejgħ, ir-reġistrazzjoni elettronika u s-sottomissjoni elettronika tan-noti tal-bejgħ. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2).

(*) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.”

(53) jiħassar l-Artikolu 63.

(54) l-Artikoli 64, 65 u 66 huma ssostitwiti b'dan li ġejj:

“Artikolu 64

Kontenut tan-noti tal-bejgħ

In-noti tal-bejgħ imsemmija fl-Artikolu 62 għandu jkollhom numru uniku ta' identifikazzjoni u jkun fihom id-data li ġejja:

- (a) l-identifikatur uniku tal-vjaġġ tas-sajd, kif imsemmi fl-Artikolu 14(2)(a);
- (b) l-isem tal-operatur jew tal-kaptan tal-bastiment tas-sajd u, jekk differenti, l-isem tal-bejgiegh;
- (c) l-isem tax-xerrej u n-numru tal-VAT tiegħu, in-numru ta' identifikazzjoni fiskali tiegħu, jew identifikatur uniku ieħor;
- (d) il-kodiċi alfa-3 tal-FAO ta' kull speċi u ż-żona ġeografika rilevanti li fiha ttieħdu l-qabdiet;
- (e) il-kwantitajiet ta' kull speċi mqiegħda fis-suq jew reġistrata fi rkant f'kilogrammi ta' piż tal-prodott, maqsuma skont it-tip ta' preżentazzjoni u ta' preservazzjoni tal-prodott jew, fejn xieraq, in-numru ta' individwi;
- (f) għall-prodotti kollha soġġetti għall-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, kif xieraq, id-daqs individwali jew il-piż, il-kategorija tad-daqs, il-preżentazzjoni u l-freskezza;
- (g) fejn xieraq, il-kwantitajiet imqiegħda fis-suq jew reġistrati fi rkant f'kilogrammi espressi f'piż nett, jew l-għadd ta' individwi, taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni applikabbli, u d-destinazzjoni tagħhom;
- (h) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-piżatur;
- (i) il-post u d-data tal-bejgħ;
- (j) fejn possibbli, in-numru ta' referenza u d-data tal-fattura u fejn adatt, il-kuntratt tal-bejgħ;
- (k) fejn applikabbli, ir-referenza għad-dikjarazzjonijiet ta' akkwist imsemmija fl-Artikolu 66, jew id-dokument tat-trasport imsemmi fl-Artikolu 68;
- (l) il-prezz esklużi t-taxxi u l-munita.

Artikolu 65

Eżenzjonijiet mir-reqwiziti tan-noti tal-bejgħ

Konsumatur li jakkwista prodotti li ma jaqbżux il-5 kg fi prodott tas-sajd għal kull konsumatur kull jum li wara dakinhar ma jitqegħdux fis-suq iżda jintużaw biss għall-konsum privat, għandu jkun eżentat mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 62 u 64.

Artikolu 66

Kompletar u sottomissjoni tad-dikjarazzjoni ta' akkwiżizzjoni

1. Meta l-prodotti tas-sajd ikunu maħsuba għall-bejgħ fi stadju aktar tard, ix-xerrejja reġistrati, l-irkanti reġistrati jew korpi jew persuni oħra li huma responsabbli għall-ħżin jew għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti tas-sajd li jinħattu l-art fi Stat Membru għandhom jirreġustraw b'mezzi elettroniċi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 u għandhom jissottomettu dikjarazzjoni ta' akkwiżizzjoni b'mezzi elettroniċi, fi żmien 24 siegħa wara t-tlestija tal-ħatt l-art, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn isseħħ l-akkwiżizzjoni. Il-

preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' akkwist u l-akkuratezza tagħha għandha tkun ir-responsabbiltà ta' dawn ix-xerrejja, stabbilimenti tal-irkant jew korpi jew persuni oħra.

2. Jekk l-Istat Membru fejn issir l-akkwiżizzjoni ma jkunx l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd li jkun ħatt l-art il-ħut, dan għandu jiżgura li tiġi sottomessa b'mod elettronika dikjarazzjoni ta' akkwizzizzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera malli jirċievi l-informazzjoni rilevanti.
3. Id-dikjarazzjoni ta' akkwizzizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollha numru uniku ta' identifikazzjoni u jkun fiha tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) l-identifikatur(i) uniku/uniċi tal-vjaġġ tas-sajd, kif imsemmi fl-Artikolu 14(2)(a);
 - (b) il-port u d-data tal-ħatt l-art;
 - (c) l-isem tas-sid jew il-kaptan tal-bastiment;
 - (d) il-kodiċi alfa-3 tal-FAO ta' kull speċi u ż-żona ġeografika rilevanti tagħha li fiha ttieħdu l-qabdiet;
 - (e) il-kwantitajiet ta' kull speċi maħżunin f'kilogrammi ta' piż tal-prodott, maqsumin skont it-tip ta' preżentazzjoni u ta' preservazzjoni tal-prodott jew, fejn adatt, in-numru ta' individwi;
 - (f) għall-prodotti kollha soġġetti għall-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, kif xieraq, id-daqs individwali jew il-piż, il-kategorija tad-daqs, il-preżentazzjoni u l-freskezza;
 - (g) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-piżatur;
 - (h) l-isem u l-indirizz tal-faċilitajiet fejn il-prodotti huma maħżuna u l-identifikatur uniku tagħhom;
 - (i) fejn applikabbli, ir-referenza għad-dokument tat-trasport speċifikat fl-Artikolu 68;
 - (j) fejn xieraq, il-kwantitajiet f'kilogrammi espressi f'piż nett jew l-għadd ta' individwi taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni applikabbli.”

(55) jitħassar l-Artikolu 67.

(56) l-Artikolu 68 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“*Artikolu 68*

Trasport ta' prodotti tas-sajd u kompletar u sottomissjoni tad-dokument tat-trasport

1. Il-prodotti tas-sajd meta ttrasportati qabel ma jitqiegħdu fis-suq jew qabel l-ewwel bejgħ f'pajjiż terz għandhom ikunu akkumpanjati minn dokument tat-trasport li jkopri l-prodotti tas-sajd u l-kwantitajiet trasportati.
2. Qabel ma jibda t-trasport, it-trasportatur għandu jibgħat id-dokument tat-trasport b'mod elettroniku lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera, tal-Istat Membru tal-ħatt l-art, tal-Istat(i) Membru ta' tranżitu, tal-Istat Membru ta' destinazzjoni tal-prodott tas-sajd, kif xieraq.

3. It-trasportatur għandu jkun responsabbli għall-akkuratezza tad-dokument tat-trasport.
4. Id-dokument tat-trasport għandu jindika:
 - (a) il-post(ijiet) tad-destinazzjoni tal-konsenja/i u l-identifikazzjoni tal-vettura tat-trasport u tat-trasportatur;
 - (b) l-identifikatur uniku tal-vjaġġ tas-sajd, kif imsemmi fl-Artikolu 14(2)(a);
 - (c) il-kodiċi alfa-3 tal-FAO ta' kull speċi u ż-żona ġeografika rilevanti li fiha tteħdu l-qabdiet;
 - (d) il-kwantitajiet ta' kull speċi trasportata f'kilogrammi ta' piż tal-prodott, maqsuma skont it-tip ta' preżentazzjoni tal-prodott jew, fejn xieraq, in-numru ta' individwi u, fejn xieraq, skont il-postijiet ta' destinazzjoni;
 - (e) għall-prodotti kollha soġġetti għall-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, kif xieraq, id-daqs individwali jew il-piż, il-kategorija tad-daqs, il-preżentazzjoni u l-freskezza;
 - (f) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-piżatur;
 - (g) l-isem/ismijiet, in-numru uniku ta' identifikazzjoni u l-indirizz(i) tal-konsenjatarju/i u l-post u l-indirizz tad-destinazzjoni;
 - (h) il-post u d-data u l-ħin tat-tagħbija;
 - (i) fejn xieraq, il-kwantitajiet f'kilogrammi espressi f'piż nett jew l-għadd ta' individwi taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni applikabbli.
5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 jekk il-prodotti tas-sajd jiġu ttrasportati f'żona ta' port jew mhux aktar minn 20 km 'l bogħod mill-post tal-ħatt l-art.
6. Meta l-prodotti tas-sajd li ġew dikjarati bħala mibjugħin f'nota tal-bejgħ jiġu ttrasportati għal post differenti minn dak tal-ħatt l-art, it-trasportatur għandu jkun jista' juri bil-provi li tkun saret transazzjoni tal-bejgħ.”

(57) jitħassar il-Kapitolu III tat-Titolu V.

(58) fl-Artikolu 71, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi regoli dwar il-format tar-rapport ta' sorveljanza. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2).”

(59) l-Artikolu 73 hu emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

“1. Fejn skema tal-osservaturi tal-kontroll tal-Unjoni tkun ġiet stabbilita f'konformità mat-Trattat, l-osservaturi tal-kontroll abbord il-bastimenti tas-sajd maħtura mill-Istati Membri għandhom jissorveljaw il-konformità tal-bastiment tas-sajd mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd. Huma għandhom iwettqu l-kompiti kollha tal-iskema tal-osservaturi u b'mod jirreġistraw l-attivitajiet tas-sajd u jeżaminaw id-dokumenti rilevanti tal-bastiment.

2. L-osservaturi tal-kontroll
 - (a) għandhom ikunu ċertifikati u mħarrġa fil-kompiti tagħhom mill-Istat Membru;
 - (b) għandhom ikunu indipendenti mis-sid, mid-detentur ta' liċenzja, mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd u minn kwalunkwe membru tal-ekwipaġġ;
 - (c) ma għandhomx ikollhom xi rabta ekonomika mal-operatur;
 - (d) iwettqu l-kompitu tagħhom b'mod nondiskriminatorju;
 - (e) ikunu mgħammra b'apparat ta' komunikazzjoni bidirezzjonali indipendentement mill-bastiment li jbaħħar.”

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. F'każ li l-osservaturi tal-kontroll jinnotaw ksur serju, li jinkludi l-att ta' ostruzzjoni jew ta' prevenzjoni b'xi mod ieħor tat-twettiq mill-osservaturi tal-kontroll ta' dmirijiethom, dawn għandhom jinformaw mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera.”

(c) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“9. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 119a rigward:

- (a) l-identifikazzjoni tal-bastimenti għall-applikazzjoni ta' skema tal-osservaturi tal-kontroll;
- (b) il-format u l-kontenut tar-rapporti tal-osservaturi;
- (c) is-sistema ta' komunikazzjoni għall-osservaturi tal-kontroll;
- (d) ir-regoli li jappartjenu għas-sigurtà tal-osservaturi tal-kontroll fuq il-bastimenti;
- (e) miżuri li jiżguraw l-indipendenza tal-osservaturi tal-kontroll li jinkludu l-modalitajiet tar-remunerazzjoni tagħhom;
- (f) id-dmirijiet tal-osservaturi tal-kontroll inklużi fil-każ ta' suspett ta' ksur serju.”

(60) fit-*Titolu VII*, il-*Kapitolu I* huwa sostitwit kif ġej:

“**KAPITOLU I**

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 74

Twettiq tal-ispezzjonijiet

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornata lista ta' uffiċjali responsabbli għat-twettiq tal-ispezzjonijiet.
2. L-uffiċjali għandhom iwettqu dmirijiethom f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Dawn għandhom iħejju u jmexxu l-ispezzjonijiet b'mod nondiskriminatorju fuq il-baħar, fil-portijiet, matul it-trasport, fuq il-postijiet tal-proċessar u tul il-katina ta' provvista tal-prodotti tas-sajd.

3. L-uffiċjali għandhom jivverifikaw il-konformità tal-attivitajiet imwettqa mill-operaturi u mill-kaptani mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd, u b'mod partikolari:
 - (a) il-legalità tal-prodotti tas-sajd miżmuma abbord, mażżuna, trasbordati, trasferiti, li nħattu l-art, proċessati jew kummerċjalizzati u l-akkuratezza tad-dokumentazzjoni jew tat-trażmissjonijiet elettroniċi relatati magħhom;
 - (b) il-legalità tal-irkaptu tas-sajd użat għall-ispeċijiet fil-mira u għall-qabdiet miżmuma abbord u t-tagħmir użat għas-sejbien tal-irkapti tas-sajd kif imsemmi fl-Artikolu 48;
 - (c) jekk xieraq, il-pjan tal-istivar u l-istivar separat tal-ispeċijiet;
 - (d) il-markar tal-bastimenti u tal-irkapti;
 - (e) l-informazzjoni dwar il-magna msemmija fl-Artikolu 40;
 - (f) l-użu ta' CCTVs u ta' apparati elettroniċi oħra ta' monitoraġġ;
 - (g) il-konformità mal-miżuri tekniċi għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u għall-protezzjoni tal-ekosistemi marini.
4. L-uffiċjali għandhom ikunu kapaċi jeżaminaw iż-żoni, il-gverti u l-kmamar rilevanti kollha. Huma għandhom ikunu jistgħu jeżaminaw ukoll il-qabdiet, proċessati jew le, ix-xbieki jew irkaptu ieħor, it-tagħmir, il-kontenituri u l-pakketti li fihom jinżammu l-ħut jew il-prodotti tas-sajd u kwalunkwe dokument jew trażmissjoni elettronika rilevanti li huma jqisu meħtieġa biex jivverifikaw il-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd. Għandhom ikunu jistgħu wkoll jinterrogaw persuni li huma jaħsbu li għandhom informazzjoni dwar il-kwistjoni li hija s-suġġett tal-ispezzjoni.
5. L-uffiċjali għandhom iwettqu l-ispezzjonijiet b'tali mod li jikkawża l-anqas tfixkil jew inkonvenjenza għall-bastiment jew għall-vettura tat-trasport u għall-attivitajiet tagħhom, u għall-ħażna, għall-proċessar u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-qabda. Huma għandhom jevitaw kemm jista' jkun kwalunkwe degradazzjoni tal-qabda matul l-ispezzjoni.
6. Il-Kummissjoni hi mogħija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 119a biex tistabbilixxi regoli speċifiċi dwar it-twettiq tal-ispezzjonijiet. Dawn ir-regoli għandhom jikkonċernaw:
 - (a) l-awtorizzazzjoni u l-kwalifikazzjoni tal-uffiċjali responsabbli biex imexxu spezzjoni fuq il-baħar jew fuq l-art;
 - (b) l-adozzjoni mill-Istati Membri ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskji għall-għażla ta' miri tal-ispezzjoni;
 - (c) il-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' kontroll, spezzjoni u infurzar fost l-Istati Membri;
 - (d) id-dmirijiet tal-uffiċjali matul it-tnejn tal-ispezzjoni;
 - (e) id-dmirijiet tal-uffiċjali awtorizzati biex iwettqu l-ispezzjonijiet;
 - (f) l-obbligi tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd dwar ir-relazzjoni mat-twettiq tal-ispezzjonijiet;

- (g) l-ispezzjonijiet fil-baħar u fil-portijiet, l-ispezzjonijiet tat-trasport, u l-ispezzjoni tas-suq.

Artikolu 75

Dmirijiet tal-operatur u tal-kaptan

1. L-operatur u l-kaptan għandhom jikkooperaw mal-uffiċjali fit-twettiq ta' dmirijiethom. Dawn għandhom jiffaċilitaw l-aċċess sikur għall-bastiment, għall-vettura tat-trasport jew għall-kamra fejn il-prodotti tas-sajd huma maħżuna, proċessati jew kummerċjalizzati. Dawn għandhom jiżguraw is-sikurezza tal-uffiċjali u ma għandhomx ifixklu, jintimidaw jew jinterferixxu mal-uffiċjali fit-twettiq ta' dmirijiethom.
2. Il-Kummissjoni hi mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 119a rigward id-dmirijiet tal-operaturi u tal-kaptani matul l-ispezzjonijiet.

Artikolu 76

Rapport tal-ispezzjoni

1. L-uffiċjali għandhom iħejju rapport tal-ispezzjoni wara kull spezzjoni u għandhom jibagħtuh lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Id-data li tinsab f'dan ir-rapport għandha tiġi reġistrata u trażmessa b'mezzi elettroniċi. F'każ li l-ispezzjoni ta' bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru ieħor, kopja tar-rapport tal-ispezzjoni għandha tintbagħat b'mezzi elettroniċi u mingħajr dewmien lill-Istat Membru tal-bandiera.

Fil-każ tal-ispezzjoni ta' bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru ieħor, għandha tintbagħat b'mezzi elettroniċi u mingħajr dewmien kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat u lill-Kummissjoni fil-każ ta' ksur serju identifikat.

F'każ li spezzjoni mwettqa fl-ibħra jew fil-portijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru ieħor li mhuwiex l-Istat Membru tal-ispezzjoni jew ta' pajjiż terz f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali, għandha tintbagħat kopja tar-rapport tal-ispezzjoni b'mezzi elettroniċi u mingħajr dewmien lil dak l-Istat Membru jew dak il-pajjiż terz.

2. L-uffiċjali għandhom jikkomunikaw is-sejbiet tagħhom mill-ispezzjoni lill-operatur jew lill-kaptan, li għandu jkollhom il-possibbiltà li jikkumentaw dwar l-ispezzjoni u s-sejbiet tagħha. Il-kummenti tal-operatur jew tal-kaptan għandhom jitniżżlu fir-rapport tal-ispezzjoni. L-uffiċjali għandhom jindikaw fil-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd li tkun saret spezzjoni.
3. Għandha tintbagħat kopja tar-rapport tal-ispezzjoni malajr kemm jista' jkun lill-operatur jew lill-kaptan, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 15-il jum tax-xogħol wara li titlesta l-ispezzjoni.
4. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi regoli komuni dwar il-format minimu u l-kontenut tar-rapporti tal-ispezzjoni, dwar it-tlestija tar-rapporti tal-ispezzjoni u dwar it-trażmissjoni tar-rapporti tal-ispezzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2).

Artikolu 77

Ammissibilità tar-rapporti tal-ispezzjoni u tas-sorveljanza

Ir-rapporti tal-ispezzjoni u tas-sorveljanza mħejjija minn spetturi tal-Unjoni jew minn uffiċjali ta' Stat Membru ieħor jew minn uffiċjali tal-Kummissjoni jew minn awtoritajiet kompetenti minn pajjiż terz għandhom jikkostitwixxu xhieda ammissibbli fi proċedimenti amministrattivi jew ġuridiċi ta' kwalunkwe Stat Membru. Għall-istabbiliment tal-fatti, dawn għandhom jiġu ttrattati bħala ekwivalenti għar-rapporti tal-ispezzjoni u tas-sorveljanza tal-Istati Membri.

Artikolu 78

Bażi ta' data elettronika

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornata bażi ta' data elettronika fejn itellgħu r-rapporti tal-ispezzjoni u r-rapporti ta' sorveljanza kollha li jikkonċernaw il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom imfassla mill-uffiċjali tagħhom jew minn uffiċjali ta' Stati Membri oħra jew minn uffiċjali ta' pajjiżi terzi, kif ukoll rapporti ta' spezzjonijiet oħra u rapport ta' sorveljanza mfassla mill-uffiċjali tagħhom.
2. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-operat tal-bażi ta' data elettronika. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2).

Artikolu 79

Spetturi tal-Unjoni

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinnotifikaw lista ta' uffiċjali lill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' spetturi tal-Unjoni. L-Aġenzija għandha żżomm u taġġorna l-lista ta' spetturi tal-Unjoni inklużi l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-uffiċjali tal-Aġenzija. L-Aġenzija għandha tagħmel din il-lista disponibbli għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri.
2. Mingħajr ħsara għar-responsabbiltà primarja tal-Istati Membri kostali, l-ispetturi tal-Unjoni jistgħu jwettqu l-ispezzjonijiet f'konformità ma' dan ir-Regolament fit-territorju tal-Istati Memrbi u fl-ibħra tal-Unjoni, u fuq bastimenti tas-sajd tal-Unjoni 'l barra mill-ibħra tal-Unjoni.
3. L-ispetturi tal-Unjoni jistgħu jiġu assenjati b'mod partikolari għal:
 - (a) l-implimentazzjoni tal-programmi speċifiċi ta' kontroll u ta' spezzjoni adottati f'konformità mal-Artikolu 95;
 - (b) programmi internazzjonali ta' kontroll tas-sajd, fejn l-Unjoni għandha obbligu li ttiprovdi għall-kontrolli.
4. Għat-twettiq tal-kompiti tagħhom u soġġetti għall-paragrafu 5, l-ispetturi tal-Unjoni għandu jkollhom aċċess mingħajr dewmien:
 - (a) għaż-żoni kollha abbord il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u kwalunkwe bastiment ieħor li jwettaq attivitajiet tas-sajd, il-bini jew il-postijiet pubbliċi u l-mezzi ta' trasport; u
 - (b) għall-informazzjoni u għad-dokumenti kollha li huma meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħhom, b'mod partikolari l-ġurnali ta' abbord dwar is-sajd, il-liċenzja tas-sajd, iċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-magna, id-data

tas-CCTVs, id-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art, iċ-ċertifikati tal-qabda, id-dikjarazzjonijiet ta' trasbord, in-noti tal-bejgħ, u informazzjoni u dokumenti rilevanti oħra;

sal-istess punt u taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk tal-uffiċjali tal-Istat Membru li fih issir l-ispezzjoni.

5. L-ispetturi tal-Unjoni ma għandux ikollhom il-poteri ta' pulizija u ta' infurzar lil hinn mit-territorju tal-Istat Membru tal-orġini jew 'il barra mill-ibħra tal-Unjoni taħt is-sovranità u l-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru tal-orġini tagħhom.
6. Meta jkunu assenjati bħala spetturi tal-Unjoni, l-uffiċjali tal-Kummissjoni jew tal-korp innominat minnha ma għandu jkollhom l-ebda poteri ta' pulizija u ta' infurzar.
7. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli dettaljati dwar:
 - (a) in-notifika tal-ispetturi tal-Unjoni lill-Aġenzija;
 - (b) l-adozzjoni u ż-żamma tal-lista tal-ispetturi tal-Unjoni;
 - (c) in-notifika tal-ispetturi tal-Unjoni lill-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd;
 - (d) is-setgħat u d-dmirijiet tal-ispetturi tal-Unjoni;
 - (e) ir-rapporti tal-ispetturi tal-Unjoni;
 - (f) is-segwitu tar-rapporti tal-ispetturi tal-Unjoni.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2)."

(61) fl-Artikolu 80, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Stat Membru jista' jispezzjona bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tiegħu stess jew il-bandiera ta' Stat Membru ieħor fl-ibħra jew fil-portijiet ta' pajjiżi terzi f'konformità ma' ftehimiet internazzjonali."

(62) l-intestatura tal-Kapitolu III hija sostitwita b'dan li ġej:

"Proċedimenti fil-każ ta' ksur"

(63) l-Artikolu 82 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 82

Dmirijiet ta' uffiċjali fil-każ ta' ksur

1. Jekk l-informazzjoni miġbura matul spezzjoni jew kwalunkwe data jew informazzjoni oħra rilevanti twassal biex l-uffiċjal jemmen li tkun twettqet infrazzjoni tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd, l-uffiċjal għandu:
 - (a) jagħmel nota tal-ksur identifikat fir-rapport tal-ispezzjoni;
 - (b) jieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jiżgura t-tutela tal-prova relatata ma' tali ksur identifikat;
 - (c) jibgħat immedjatement ir-rapport tal-ispezzjoni lill-awtorità kompetenti tiegħu;
 - (d) jinforma lill-persuna fiżika jew ġuridika suspettata li tkun wettqet il-ksur jew li tkun inqabdet fl-att waqt li kienet qed twettaq il-ksur li l-

infrazzjoni tista' tirriżulta f'sanzjonijiet u fl-assenjazzjoni tan-numru xieraq ta' punti f'konformità mal-Artikolu 92. Din l-informazzjoni għandha titniżżel fir-rapport tal-ispezzjoni.

2. F'każ ta' ksur serju identifikat, l-uffiċjali għandhom ikunu jistgħu jibqgħu abbord bastiment tas-sajd sakemm titwettaq l-investigazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 85."

(64) jitħassar l-Artikolu 84.

(65) Fit-Titolu VII, jitħassar il-kliem:

"KAPITOLU IV

Proċedimenti ta' ksur identifikat matul

l-ispezzjonijiet".

(66) l-Artikoli 85 u 86 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 85

Proċedimenti

1. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 72, għall-Artikolu 83(2) u għall-Artikolu 86, l-Istat Membru kompetenti għandu minnufih jagħmel investigazzjoni fejn jiġi identifikat kwalunkwe ksur matul spezzjoni mwettqa mill-uffiċjali tiegħu, mill-uffiċjali ta' Stati Membri oħra, mill-ispetturi tal-Unjoni jew minn uffiċjali ta' pajjiżi terzi, jew fejn kwalunkwe data jew informazzjoni rilevanti twassal biex l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jemmnu li seħħ ksur tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd.
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri immedjati kif previsti fl-Artikolu 91.

Artikolu 86

Trasferiment tal-proċedimenti

1. L-Istat Membru li fit-territorju jew l-ibħra tiegħu jkun ġie identifikat ksur jista' jittrasferixxi l-proċedimenti relatati ma' dak il-ksur lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera jew tal-Istat Membru li t-trasgressur hu ċittadin tiegħu, bil-qbil tal-Istat Membru kkonċernat u bil-kundizzjoni li t-trasferiment jista' jggarantixxi aħjar il-kisba tar-riżultat imsemmi fl-Artikolu 89.
2. L-Istat Membru tal-bandiera jista' jittrasferixxi l-proċedimenti relatati ma' ksur lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jkun identifika l-ksur, bil-qbil tal-Istat Membru kkonċernat u bil-kundizzjoni li t-trasferiment ikollu probabbiltà akbar li jikseb ir-riżultat imsemmi fl-Artikolu 89."

(67) jitħassar l-Artikolu 87.

(68) l-Artikolu 88 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 88

Miżuri korrettivi fl-assenza ta' proċedimenti mill-Istat Membru tal-ħatt l-art jew tat-trasbord

1. Jekk l-Istat Membru tal-ħatt l-art jew tat-trasbord mhuwiex l-Istat Membru tal-bandiera u l-awtoritajiet kompetenti tiegħu ma jiddux il-miżuri xierqa kontra l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli, jew ma jittrasferux il-proċedimenti f'konformità mal-Artikolu 86, il-kwantitajiet ta' ħut maqbud, li jinħatt l-art jew

trasbordat bi ksur tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd jistgħu jingħaddu fid-dawl tal-kwota allokata lill-Istat Membru tal-ħatt l-art jew tat-trasbord.

2. Wara konsultazzjoni tal-Istat Membru tal-bandiera jew tal-Istat Membru tal-ħatt l-art jew tat-trasbord, il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha tiddeċiedi dwar il-kwantitajiet ta' ħut li għandhom jingħaddu fid-dawl tal-kwota tal-Istat Membru tal-ħatt l-art jew tat-trasbord wara li l-Kummissjoni tkun ikkonsultat liż-żewġ Stati Membri kkonċernati.
3. Għandu japplika l-Artikolu 37 jekk l-Istat Membru tal-ħatt l-art jew tat-trasbord ma jkunx għad għandu kwota korrispondenti għad-dispożizzjoni tiegħu. Għal dak l-għan il-kwantitajiet ta' ħut maqbud, li jinħatt l-art jew trasbordat bi ksur tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd għandhom jitqiesu ekwivalenti għall-ammont tal-preġudizzju mġarrab, kif imsemmi f'dak l-Artikolu, mill-Istat Membru tal-bandiera.”

(69) it-Titolu VIII huwa sostitwit b'dan li ġej:

“TITOLU VIII

INFURZAR

Artikolu 89

Miżuri għall-iżgurar tal-konformità

1. Mingħajr ħsara għas-setgħat tal-Istati Membri li jifihom proċedimenti kriminali u jimponu sanzjonijiet kriminali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-miżuri u s-sanzjonijiet amministrattivi u jiżguraw li dawn jiġu applikati b'mod sistematiku, f'konformità mad-dritt nazzjonali tagħhom, kontra l-persuna fiżika li tkun kisret ir-regoli tal-politika komuni tas-sajd jew persuna ġuridika li tinżamm responsabbli għat-tali ksur.
2. Sa [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda f'dawn.

Artikolu 89a

Sanzjonijiet

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna fiżika li tkun wettqet ksur tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd jew persuna ġuridika li tinżamm responsabbli għat-tali ksur tkun punibbli b'sanzjonijiet amministrattivi effettivi, proporzjonati u dissważivi.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-livell ġenerali tas-sanzjonijiet u tas-sanzjonijiet li jakkumpanjaw stabbiliti f'konformità ma' dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali jkun adegwat fis-severità tiegħu biex jiskoraġġixxi ksur ulterjuri u jċaħħad b'mod effettiv lil dawk responsabbli mill-benefiċċju ekonomiku miksub jew mistenni mill-ksur tagħhom mingħajr ħsara għad-dritt leġittimu li jeżerċitaw il-professjoni tagħhom. Għal dan il-għan, għandhom jiġu kkunsidrati l-miżuri immedjati meħuda skont l-Artikolu 91.
3. Meta jiddeterminaw dawn is-sanzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni partikolari l-gravità tal-ksur, inklużi l-livell ta' ħsara

ambjentali mwettqa, il-valur tal-ħsara għar-riżorsi tas-sajd, in-natura u l-firxa tal-ksur, id-durata jew ir-ripetizzjoni tiegħu, jew l-akkumulazzjoni ta' każijiet simultanji ta' ksur.

4. L-Istati Membri jistgħu japplikaw sistema li biha multa tkun proporzjonata għall-fatturat tal-persuna ġuridika, jew inkella għall-benefiċċju ekonomiku miksub jew previst mit-twettiq tal-ksur.

Artikolu 90

Ksur serju

1. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, "ksur serju" tfisser kwalunkwe ksur serju elenkat fil-paragrafu 2 jew meqjus bħala serju skont il-paragrafu 3.
2. L-attivitajiet li ġejjin għandhom jikkostitwixxu ksur serju:
 - (a) sajd mingħajr liċenzja, awtorizzazzjoni jew permess validi maħruġa mill-Istat tal-bandiera jew mill-Istat kostali rilevanti; jew
 - (b) falsifikazzjoni jew ħabi ta' marki tal-bastimenti tas-sajd jew tal-irkaptu tas-sajd, tal-identità jew tar-reġistrazzjoni ta' bastiment tas-sajd; jew
 - (c) ħabi, tbaġħbis jew twarrib ta' evidenza li jkollha x'taqsam ma' investigazzjoni; jew
 - (d) ostruzzjoni tal-ħidma tal-uffiċjali jew tal-osservaturi matul l-eżerċitar ta' dmirijiethom; jew
 - (e) trasbord mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa jew fejn it-tali trasbord hu pprojbit; jew
 - (f) twettiq ta' operazzjonijiet ta' trasferiment bi ksur tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd jew tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd; jew
 - (g) trasbord minn jew lil, jew twettiq ta' operazzjonijiet ta' trasferiment ma', parteċipazzjoni f'operazzjonijiet konġunti ta' sajd, ma', l-għoti ta' appoġġ jew il-forniment lil bastimenti involuti f'sajd IUU kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008, b'mod partikolari dawk elenkati fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Unjoni jew ta' organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd, kif imsemmija fl-Artikoli 29 u 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008; jew
 - (h) involviment fl-operazzjoni, fil-ġestjoni, fis-sjieda ta', jew fuq il-ħatra fuq bastiment involut f'sajd IUU kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008, b'mod partikolari dawk elenkati fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Unjoni jew ta' organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd, kif imsemmija fl-Artikoli 29 u 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 jew provvista ta' servizzi lil operaturi marbuta ma' bastiment involut f'sajd IUU; jew
 - (i) sajd f'żona ristretta jew magħluqa, jew żona ta' rkupru tal-istokkijiet ta' ħut, matul staġun magħluq, jew mingħajr jew wara l-ksib ta' kwota jew lil hinn minn fond magħluq; jew

- (j) attività ta' sajd dirett, żamma abbord, trasbord, trasferiment jew ħatt l-art ta' speċijiet li huma soġġetti għal moratorju, għal staġun magħluq jew li għalihom is-sajd hu pprojbit; jew
 - (k) bastiment li ma jkollu ebda nazzjonalità u, għaldaqstant, ikun bastiment mingħajr Stat, f'konformità mad-dritt internazzjonali; jew
 - (l) użu ta' rkaptu projbit tas-sajd; jew
 - (m) ħatt l-art f'portijiet ta' pajjiżi terzi mingħajr notifika minn qabel kif imsemmi fl-Artikolu 19a ta' dan ir-Regolament jew ħatt ta' prodotti tas-sajd miksuba minn attivitajiet tas-sajd IUU; jew
 - (n) nuqqas ta' trażmissjoni ta' dikjarazzjoni ta' ħatt l-art jew ta' nota tal-bejgħ lill-Istat Membru tal-bandiera meta seħħ il-ħatt l-art tal-qabda fil-port ta' pajjiż terz, jew dikjarazzjoni ta' trasbord jew dikjarazzjoni ta' trasferiment, meta l-operazzjoni tkun seħħet barra mill-ibħra tal-Unjoni; jew
 - (o) falsifikazzjoni ta' dokumenti, ta' data jew ta' informazzjoni jew użu ta' dokumenti, ta' data jew ta' informazzjoni ffalsifikati jew invalidi li huma meħtieġa skont ir-regoli tal-politika komuni tas-sajd, li jinkludu dokumenti, data u informazzjoni kif imsemmija fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008; jew
 - (p) twettiq ta' negozju marbut b'mod dirett ma' sajd IUU, inkluż il-kummerċ fi prodotti tas-sajd miksuba minn attivitajiet tas-sajd IUU, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, il-proċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd bħal dawn; jew
 - (q) manipulazzjoni ta' magna jew ta' apparati ta' monitoraġġ tas-saħħa kontinwa tal-magna bl-għan li tiżdied is-saħħa tal-bastiment aktar fuq mis-saħħa massima kontinwa tas-saħħa tal-magna skont iċ-ċertifikat tal-magna.
3. L-attivitajiet li ġejjin għandhom jikkostitwixxu ksur serju skont il-gravità tal-ksur inkwistjoni li għandha tiġi ddeterminata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat b'kunsiderazzjoni ta' wieħed jew aktar mill-kriterji alternattivi definiti f'konformità mal-Anness IV:
- (a) nuqqas ta' ssodisfar tal-obbligi ta' reġistrazzjoni u ta' rapportar preċiżi ta' data relatata ma' attivitajiet tas-sajd, inkluża data li għandha tintbagħat mis-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti u avviżi minn qabel, kif meħtieġ mir-regoli tal-politika komuni tas-sajd; jew
 - (b) nuqqas ta' tqegħid għad-dispożizzjoni ta' dikjarazzjoni tal-qabda jew ta' dikjarazzjoni tal-ħatt l-art lill-pajjiż terz u nuqqas ta' trażmissjoni ta' kopja elettronika ta' din lill-Istati Membri tal-bandiera tagħhom kif meħtieġ skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2017/2403(*); jew
 - (c) użu ta' rkaptu tas-sajd mhux konformi; jew
 - (d) nuqqas ta' ssodisfar tal-obbligi relatati mal-użu tal-irkapti kif stipulat fir-regoli tal-politika komuni tas-sajd; jew
 - (e) nuqqas ta' tluġħ jew ta' żamma abbord il-bastimenti tas-sajd, inkluż permezz ta' tħarrib, u ta' trasbord, ta' trasferiment u ta' ħatt l-art ta'

kwalunkwe qabda ta' daqs iżgħar milli suppost bi ksur tal-leġislazzjoni fis-seħħ jew ta' kwalunkwe qabda ta' speċijiet soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, sakemm it-tluġ u ż-żamma abbord u l-ħatt l-art tat-tali qabdiet ma jkun imur kontra l-obbligi inkluż għal żoni ta' organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd jew soġġetti għal eżenzjonijiet previsti fir-regoli tal-politika komuni tas-sajd fiż-żoni ta' sajd fejn japplikaw it-tali regoli; jew

- (f) twettiq ta' attivitajiet tas-sajd fiż-żona ta' organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd b'mod li mhuwiex konsistenti mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni ta' dik l-organizzazzjoni jew bi ksur ta' dawn fil-każ li fih dawn l-attivitajiet ma tqisux li huma ksur serju skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu; jew
- (g) tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti tas-sajd li jksur r-regoli tal-politika komuni tas-sajd f'każ li fih din l-attività ma titqiesx li hi ksur serju skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu; jew
- (h) twettiq ta' attivitajiet tas-sajd rikreazzjonali bi ksur tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd jew bejgħ ta' qabdiet minn sajd rikreazzjonali; jew
- (i) twettiq ta' diversi atti ta' ksur li flimkien jikkostitwixxu injorar serju tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd.

Artikolu 91

Miżuri ta' infurzar immedjati għal ksur serju

1. Meta persuna fiżika tkun suspettata li wettqet li tinqabad fl-att filwaqt li tkun qed twettaq ksur serju jew persuna ġuridika tkun suspettata li hi responsabbli għal tali ksur serju, l-Istati Membri, minbarra l-investigazzjoni tal-ksur f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 85, minnufih u f'konformità mad-dritt nazzjonali tagħhom, għandhom jieħdu miżuri rilevanti u immedjati bħal:
 - (a) il-waqfien immedjat tal-attivitajiet tas-sajd;
 - (b) it-teħid ta' rotta ġdida minnufih lejn port;
 - (c) it-teħid ta' rotta ġdida lejn post ieħor għal spezzjoni tal-vettura tat-trasport;
 - (d) l-ordni ta' garanzija;
 - (e) il-qbid ta' rkaptu tas-sajd, ta' qabdiet jew ta' prodotti tas-sajd jew il-profitt li jsir mill-bejgħ tal-qabdiet jew tal-prodotti tas-sajd;
 - (f) ir-restrizzjoni jew il-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq tal-prodotti tas-sajd;
 - (g) l-immobilizzazzjoni temporanja tal-bastiment tas-sajd jew tal-vettura tat-trasport ikkonċernata;
 - (h) is-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni għas-sajd;
 - (i) il-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd.
2. Il-miżuri ta' infurzar immedjati msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu ta' natura tali li jipprevjenu l-issoktar tal-ksur serju identifikat ikkonċernat, biex tittieħed kull azzjoni neċessarja bl-għan li tiġi żgurata s-salvagwardja tal-

evidenza li tappartjeni għat-tali ksur serju suspettat u biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jlestu l-investigazzjoni tagħhom.

3. L-Istat Membru għandu immedjament u f'konformità mal-proċeduri tiegħu skont id-dritt nazzjonali, jinnotifika lill-Istat tal-bandiera kkonċernat dwar il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 91a

Sanzjonijiet għal ksur serju

1. Mingħajr ħsara għal sanzjonijiet oħra applikati f'konformità ma' dan ir-Regolament u mad-dritt nazzjonali, fil-każ ta' ksur serju stabbilit fejn il-ksur serju jkun wassal għall-kisba ta' prodotti tas-sajd, l-Istati Membri għandhom jimponu multi li għalihom:
 - il-minimu għandu jkun tal-anqas tliet darbiet il-valur tal-prodotti tas-sajd miksuba bit-twettiq tal-ksur serju, u
 - il-massimu għandu jkun tal-anqas ħames darbiet il-valur tal-prodotti tas-sajd miksuba bit-twettiq tal-ksur serju.
2. F'każ ta' kwalunkwe ksur serju ripetut fejn il-ksur serju jwassal għall-kisba ta' prodotti tas-sajd fi ħdan perjodu ta' tliet snin, l-Istati Membri għandhom jimponu multi li għalihom:
 - il-minimu għandu jkun tal-anqas ħames darbiet il-valur tal-prodotti tas-sajd miksuba meta sar il-ksur serju, u
 - il-massimu għandu jkun tal-anqas tmien darbiet il-valur tal-prodotti tas-sajd miksuba meta sar il-ksur serju.
3. L-ammonti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu kkalkolati fuq il-valur tal-prodotti tas-sajd skont il-prezzijiet tal-pjattaforma tal-Osservatorju Ewropew tas-Suq tal-Prodotti tas-Sajd u tal-Akkwakultura (EUMOFA) fil-mument tal-identifikazzjoni tal-ksur, jekk disponibbli. Fis-sitwazzjoni li fiha l-valuri tal-EUMOFA ma jkunux disponibbli jew ma jkunux rilevanti, għandhom ikunu applikabbli l-prezzijiet nazzjonali fis-swali tal-irkanti jew il-prezzijiet identifikati fis-swieq internazzjonali prinċipali rilevanti għall-ispeċijiet u għaż-żona tas-sajd ikkonċernati u għandu jirbaħ l-oġġla prezz.
4. Meta l-ksur serju ma jkunx wassal għall-kisba ta' prodotti tas-sajd, il-multi għandhom jiġu ddeterminati mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 89a, f'livell li jwassal għal effett ta' deterrent simili għall-effett tal-multi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 91b

Sanzjonijiet komplementari

Is-sanzjonijiet previsti fl-Artikoli 89, 89a u 91a u l-miżuri previsti fl-Artikolu 91 jistgħu jkunu akkumpanjati minn sanzjonijiet jew minn miżuri dissważivi oħra, b'mod partikolari:

- (1) is-sekwestru tal-bastiment(i) tas-sajd involut fil-ksur;
- (2) l-immobilizzazzjoni temporanja tal-bastiment tas-sajd;
- (3) il-konfiska tal-bastiment(i), tal-irkaptu tas-sajd, tal-qabdiel jew tal-prodotti tas-sajd projbiti;

- (4) is-sospensjoni jew l-irtirar tal-liċenzja tas-sajd jew tal-awtorizzazzjoni tas-sajd;
- (5) it-tnaqqis fid-drittijiet tas-sajd jew l-irtirar tagħhom;
- (6) l-esklużjoni temporanja jew permanenti mid-dritt għall-ksib ta' drittijiet tas-sajd ġodda;
- (7) it-twaqqif temporanju jew permanenti tal-aċċess għal assistenza pubblika jew għal sussidji pubbliċi;
- (8) is-sospensjoni jew l-irtirar tal-istatus ta' operatur ekonomiku approvat mogħti skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;
- (9) l-irtirar taċ-ċertifikat tal-bastiment mir-reġistru nazzjonali;
- (10) is-sospensjoni temporanja tal-attività ekonomika jew il-waqfien permanenti ta' din;
- (11) l-irtirar temporanju jew permanenti tal-awtorizzazzjoni ta' involviment f'attivitajiet ta' kummerċ tal-ħut.

Artikolu 92

Sistema ta' punti għal ksur serju

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw sistema ta' punti għall-ksur imsemmi fl-Artikolu 90, ħlief għall-ksur serju msemmi fil-punti (k) u (p) tal-paragrafu 1 u fil-punti (g) u (h) tal-paragrafu (2) ta' dak l-Artikolu.
2. Meta persuna fiżika tkun wettqet ksur serju jew persuna ġuridika tinżamm responsabbli għal ksur serju, numru ta' punti kkalkolat f'konformità mal-Anness III għandu jiġi assenjat lid-detentur tal-liċenzja tas-sajd għall-bastiment tas-sajd ikkonċernat.
3. Filwaqt li jibqgħu marbuta mad-detentur tal-liċenzja li jkun biegħ il-bastiment tas-sajd, il-punti assenjati għandhom jiġu assenjati lil kwalunkwe detentur ġdid tal-liċenzja tas-sajd għall-bastiment tas-sajd ikkonċernat f'każ li l-bastiment jinbiegħ, jiġi ttrasferit jew b'mod ieħor jinbidel is-sid tiegħu wara d-data tal-ksur.
4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu wkoll sistema ta' punti li skont din il-kaptan ta' bastiment jiġi assenjat in-numru ta' punti bħad-detentur tal-liċenzja tas-sajd wara ksur serju mwettaq abbord il-bastiment taħt il-kmand tiegħu.
5. Meta fi spezzjoni waħda jiġu osservati żewġ okkorrenzi ta' ksur serju jew aktar mill-istess persuna fiżika jew ġuridika li tkun id-detentur tal-liċenzja, il-punti għal kull ksur serju kkonċernat għandhom jiġu assenjati f'konformità mal-paragrafu 2 sa massimu ta' 12-il punt għal dawk l-okkorrenzi kollha.
6. Meta n-numru totali ta' punti jkun ekwivalenti għal 18-il punt jew aktar, il-liċenzja tas-sajd u/jew id-dritt ta' kkmendar ta' bastiment tas-sajd għandhom jiġu sospiżi b'mod awtomatiku għal perjodu minimu ta' xahrejn. Dak il-perjodu għandu jkun ta' erba' xhur jekk is-sospensjoni sseħħ it-tieni darba u l-punti jkunu ekwivalenti għal 36 punt jew aktar, ta' tmien xhur jekk is-sospensjoni sseħħ it-tielet darba u n-numru ta' punti jkun ekwivalenti għal 54 punt jew aktar u ta' sena jekk is-sospensjoni sseħħ ir-raba' darba u n-numru ta' punti jkun ekwivalenti għal 72 punt jew aktar. F'każ li s-sospensjoni sseħħ għall-ħames darba u n-numru ta' punti jkun ekwivalenti għal 90 punt jew aktar, il-liċenzja tas-sajd għandha tiġi rtirata b'mod permanenti u l-bastiment tas-sajd

ma għandux jibqa' jintuża għall-isfruttament kummerċjali ta' riżorsi bijoloġiċi marini.

7. L-akkumulazzjoni ta' 90 punt mid-detentur ta' liċenzja tas-sajd jew minn kaptan għandha tiskatta b'mod awtomatiku l-irtirar permanenti tal-liċenzja tas-sajd jew tad-dritt ta' kkmandar ta' bastiment tas-sajd bħala kaptan.
8. Jekk id-detentur ta' liċenzja tas-sajd jew il-kaptan ma jwettaqx reat serju fi żmien tliet snin mid-data tat-twettiq tal-aħħar ksur serju kkonfermat, għandhom jitħassru l-punti kollha.
9. L-Istat kostali hu kompetenti biex jiddetermina skont id-dritt nazzjonali tiegħu jekk twettaqx ksur serju fl-ibħra tiegħu u jiddeċiedi dwar in-numru ta' punti li għandhom jiġu assenjati f'konformità mal-Anness III.
10. Meta jiġi identifikat il-ksur serju fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat tal-bandiera, il-punti assenjati f'konformità ma' dan l-Artikolu għandhom jiġu rikonossuti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera.
11. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li għandhom ikunu responsabbli għat-twaqqif tas-sistema għall-attribuzzjoni tal-punti għal ksur serju, jassenjaw in-numru xieraq ta' punti lid-detentur ta' liċenzja tas-sajd u ta' kaptan u jittrasferixxu l-punti f'konformità mal-paragrafu 3.
12. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjoni ta' proċedimenti nazzjonali ma trendix is-sistema ta' punti ineffettiva.
13. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 119a rigward:
 - (a) l-emendar tal-limitu ta' punti li jiskatta s-sospensjoni u l-irtirar permanenti ta' liċenzja tas-sajd jew tad-dritt ta' kkmandar ta' bastiment tas-sajd bħala kaptan.
 - (b) is-segwitu ta' sospensjoni u tal-irtirar permanenti ta' liċenzja tas-sajd jew ta' dritt ta' eżerċitar ta' attività tas-sajd bħala kaptan;
 - (c) il-miżuri li għandhom jittieħdu fil-każ ta' attivitajiet illegali tas-sajd matul il-perjodu ta' sospensjoni jew wara l-irtirar permanenti ta' liċenzja tas-sajd jew ta' dritt ta' eżerċitar ta' attività tas-sajd bħala kaptan;
 - (d) il-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw it-tħassir ta' punti;
 - (e) ir-reġistrazzjoni ta' kaptani awtorizzati jeżerċitaw attività tas-sajd.
14. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli dettaljati dwar:
 - (a) in-notifiki ta' deċizzjonijiet dwar l-assenjament tal-punti;
 - (b) it-trasferiment tal-punti meta tiġi ttrasferita s-sjieda ta' bastimenti li għalihom ġew assenjati l-punti;
 - (c) it-tħassir ta' liċenzji tas-sajd jew tad-dritt ta' kkmandar ta' bastiment tas-sajd bħala kaptan, għall-persuna responsabbli għall-ksur serju mil-listi rilevanti;
 - (d) l-obbligi ta' informazzjoni dwar is-sistema ta' punti għall-kaptani ta' bastimenti tas-sajd stabbiliti mill-Istati Membri.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2).

Artikolu 92a

Responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi

1. Il-persuni ġuridiċi għandhom jinżammu responsabbli għal ksur serju fejn dan il-ksur ikun twettaq għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna fiżika, li tkun aġixxiet waħeda jew bħala parti minn organu tal-persuna ġuridika, u li kellha pożizzjoni determinanti fi ħdan il-persuna ġuridika, abbażi ta':
 - (a) prokura tal-persuna ġuridika,
 - (b) l-awtorità li tiegħu deċiżjonijiet għan-nom tal-persuna ġuridika, jew
 - (c) awtorità biex teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.
2. Persuna ġuridika tista' tinżamm responsabbli fejn in-nuqqas ta' sorveljanza jew ta' kontroll, minn persuna fiżika msemmija fil-paragrafu 1, ikun għamel possibli it-twettiq ta' ksur serju għall-benefiċċju ta' dik il-persuna ġuridika minn persuna fiżika li taqa' taħt l-awtorità tagħha.
3. Ir-responsabbiltà ta' persuna ġuridika ma għandhiex teskludi proċedimenti kontra persuni fiżiċi meta jkunu l-awturi, l-instigaturi jew il-kompliċi fil-ksur ikkonċernat.

Artikolu 92b

Obbligu ta' notifika ta' deċiżjoni definittiva

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jkollhom ġurisdizzjoni fil-każ ta' ksur għandhom, mingħajr dewmien u f'konformità mal-proċeduri tagħhom skont id-dritt nazzjonali, jinnotifikaw lill-Istati tal-bandiera, lill-Istat li t-trasgressur hu ċittadin tiegħu jew hu inkorporat fih, jew kwalunkwe Stat ieħor li għandu interess fis-segwitu tal-proċedimenti amministrattivi u kriminali rilevanti oħrajn jew ta' miżuri oħra meħuda, u ta' kwalunkwe deċiżjoni definittiva relatata mat-tali ksur, inkluż in-numru ta' punti assenjati f'konformità mal-Artikolu 92.

Dawn għandhom jinnotifikaw ukoll lill-Kummissjoni Ewropea mingħajr dewmien dwar deċiżjonijiet definittivi fil-każ ta' ksur serju identifikat fl-ibħra tal-Unjoni jew f'portijiet tal-Unjoni b'rabta mal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-pajjiżi terzi.

2. Fil-każ ta' notifika mill-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jassenja n-numru xieraq ta' punti lid-detentur tal-liċenzja tas-sajd u lill-kaptan għall-bastiment tas-sajd ikkonċernat.

Artikolu 93

Reġistru nazzjonali dwar il-każijiet ta' ksur

1. L-Istati Membri għandhom jinnotaw f'reġistru nazzjonali kull ksur suspettat u konfermat tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd imwettaq minn bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom jew il-bandiera ta' pajjiż terz jew minn ċittadini tagħhom, inklużi d-deċiżjonijiet u s-sanzjonijiet kollha li ġarrbu u n-numru ta' punti assenjati. Ksur minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom jew minn ċittadini tagħhom li jiġu mħarrka fi Stati Membri oħra għandhom jiġu rreġistrati wkoll mill-Istati Membri fir-reġistru nazzjonali tagħhom dwar il-

ksur, malli ssir in-notifikata dwar id-deċiżjoni definittiva mill-Istat Membru li jkollu ġurisdizzjoni, skont l-Artikolu 92b.

2. Meta jkun qed isegwi każ ta' ksur tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd, Stat Membru jista' jitlob lil Stati Membri oħra biex jipprovdu informazzjoni li tinsab fir-reġistri nazzjonali tagħhom, dwar il-bastimenti tas-sajd u l-persuni suspettati li jkunu wettqu l-ksur ikkonċernat jew li jkunu nqabdu fl-att ta' twettiq tal-ksur inkwistjoni.
3. Meta Stat Membru jitlob informazzjoni mingħand Stat Membru ieħor b'rabta ma' ksur, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jipprovdi mingħajr dewmien l-informazzjoni rilevanti dwar il-bastimenti tas-sajd u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi involuti fil-ksur.
4. Id-data li tkun tinsab fir-reġistru nazzjonali dwar il-każijiet ta' ksur għandha tinżamm biss għal kemm żmien ikun meħtieġ għall-iskop ta' dan ir-Regolament, iżda dejjem għal minimu ta' ħames snin kalendarji, li jibdw mis-sena ta' wara dik li fiha tiġi rreġistrata l-informazzjoni.

(*) Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).”

(70) fit-Titolu IX, jiddaħħal l-Artikolu 93a li ġej:

“Artikolu 93a

Programmi nazzjonali ta' kontroll u rapporti annwali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi nazzjonali annwali jew pluriennali ta' kontroll għall-ispezzjonijiet u għall-kontroll tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd.

Il-programmi nazzjonali ta' kontroll għandhom ikunu msejsa fuq ir-riskji u għandhom jiġu aġġornati tal-anqas darba fis-sena b'mod partikolari b'kunsiderazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni u ta' kontroll adottati ġodda.

Il-programmi nazzjonali ta' kontroll għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni qabel il-31 ta' Diċembru ta' kull sena u għandhom ikopru tal-anqas is-sena kalendarja segwenti.

2. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport dwar l-ispezzjonijiet u l-kontrolli mwettqa fis-sena ta' qabel, f'konformità mal-programmi nazzjonali ta' kontroll u f'konformità ma' dan ir-Regolament.
3. Il-Kummissjoni hi mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 119a biex tadotta rekwiżiti minimi għall-programmi nazzjonali ta' kontroll u għar-rapporti annwali u tistabbilixxi l-parametri referenzjarji għall-kontrolli b'kunsiderazzjoni tal-oġettivi tal-politika Komuni tas-Sajd u tal-progress tekniku u tal-iżviluppi xjentifiċi.”

(71) fl-Artikolu 95, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- “1. Ċerti tipi ta' sajd jistgħu jkunu soġġetti għal programmi speċifiċi ta' kontroll u ta' spezzjoni; Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni u flimkien mal-Istati Membri kkonċernati, il-Kummissjoni tista' tiddetermina liema sajd għandu

jkun soġġett għal programmi speċifiċi ta' kontroll u ta' spezzjoni abbażi tal-ħtieġa għal kontroll speċifiku u koordinat tat-tipi ta' sajd inkwistjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2)."

(72) fl-Artikolu 102, il-paragrafi 3 u 4 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

- “3. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-riżultati tal-inkjesta u għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni ppreparat mhux aktar tard minn tliet xhur wara t-talba tal-Kummissjoni. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, fuq it-talba motivata kif jixraq mill-Istat Membru, għal perjodu ta' żmien raġonevoli.
4. Jekk l-inkjesta amministrattiva msemmija fil-paragrafu 2 ma twassalx għat-neħhija tal-irregolaritajiet jew jekk il-Kummissjoni tidentifika xi nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll ta' Stat Membru matul il-verifiki jew l-ispezzjonijiet awtonomi msemmija fl-Artikoli 98 u 99 jew fl-awditjar imsemmi fl-Artikolu 100, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, pjan ta' azzjoni ma' dak l-Istat Membru. L-Istat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jimplimenta dak il-pjan ta' azzjoni.”

(73) l-Artikolu 104 hu emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Meta Stat Membru ma jirrispettax l-obbligi tiegħu għall-implimentazzjoni ta' pjan pluriennali, u meta l-Kummissjoni jkollha evidenza li n-nuqqas ta' rispett ta' dawk l-obbligi jikkostitwixxi theddida serja għall-konservazzjoni ta' stokk jew ta' grupp ta' stokkijiet, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tagħlaq b'mod proviżorju s-sajd affetwat minn dawk in-nuqqasijiet għall-Istat Membru kkonċernat.”

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tneħħi l-għeluq wara li l-Istat Membru juri bil-miktub u b'mod li jissodisfa lill-Kummissjoni, li r-riżorsi tas-sajd jistgħu jiġu sfruttati b'mod sikur.”

(74) l-Artikolu 105 hu emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 2, is-sentenza introduttorja tal-ewwel subparagrafu hija sostitwita b'dan li ġej:

“Fil-każ ta' sajd eċċessiv li bih jinqabżu kwota, allokkazzjoni jew sehem ta' stokk jew ta' grupp ta' stokkijiet disponibbli għal Stat Membru f'sena speċifika, il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha topera tnaqqis fis-sena jew fis-snin li jsegwu mill-kwota, mill-allokkazzjoni jew mis-sehem annwali tal-Istat Membru li stad żejjed billi tapplika fattur ta' multiplikazzjoni skont it-tabella li ġejja:”

(b) il-paragrafi 4, 5 u 6 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

“4. F'każ ta' sajd eċċessiv li bih jinqabżu l-kwota, l-allokkazzjoni jew sehem ta' stokk jew ta' grupp ta' stokkijiet disponibbli għal Stat Membru fi snin preċedenti, il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni,

tista' tnaqqas il-kwoti minn kwoti futuri ta' dak l-Istat Membru biex jittieħed kont tal-livell ta' sajd eċċessiv.

5. Jekk tnaqqis skont il-paragrafi 1 u 2 ma jistax jiġi operat fuq il-kwota, fuq l-allokkazzjoni jew fuq is-sehem ta' stokk jew grupp ta' stokkijiet fejn ikun sar is-sajd eċċessiv minħabba li daww il-kwota, l-allokkazzjoni jew is-sehem ta' stokk jew ta' grupp ta' stokkijiet mhuwiex disponibbli b'mod suffiċjenti għall-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tnaqqas il-kwoti, fis-sena jew fis-snin ta' wara, għal stokkijiet jew għal gruppi ta' stokkijiet oħra disponibbli għal dak l-Istat Membru fl-istess żona ġeografika, jew bl-istess valur kummerċjali skont il-paragrafu 1.
6. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi regoli dettaljati rigward il-valutazzjoni tal-kwota adattata li fl-isfond tagħha għandu jiġi kkalkolat l-eċċess ta' użu. Daww l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2)."

(75) l-Artikolu 106 hu emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru ikun qabeż l-isforz tas-sajd li ġie allokat lilu, il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha topera tnaqqis mill-isforz tas-sajd futur ta' dak l-Istat Membru.

(b) fil-paragrafu 2, il-frażi ta' introduzzjoni hija sostitwita b'dan li ġej:

"Jekk ikun hemm eċċess tal-isforz tas-sajd f'żona ġeografika jew f'sajd disponibbli għal Stat Membru, il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha topera tnaqqis fis-sena jew fis-snin ta' wara mill-isforz tas-sajd disponibbli għal dak l-Istat Membru għaż-żona ġeografika jew għas-sajd ikkonċernat billi tapplika fattur ta' multiplikazzjoni skont it-tabella li ġejja:"

(c) il-paragrafi 3 u 4 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"3. Jekk ma jkunx jista' jsir tnaqqis skont il-paragrafu 2 fl-isforz tas-sajd massimu permissibbli għal stokk li ġie mistad b'mod eċċessiv minħabba li l-isforz tas-sajd massimu permissibbli ma jkunx disponibbli jew ma jkunx disponibbli biżżejjed għall-Istat Membru kkonċernat, fis-sena jew fis-snin ta' wara l-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tnaqqas l-isforz tas-sajd disponibbli għal dak l-Istat Membru fl-istess żona ġeografika f'konformità mal-paragrafu 2.

4. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi regoli dettaljati rigward il-valutazzjoni tal-isforz massimu disponibbli li fl-isfond tiegħu għandu jiġi kkalkolat l-eċċess ta' użu. Daww l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2)."

(76) l-Artikolu 107 hu emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Fejn ikun hemm evidenza li Stat Membru mhux qed jirrispetta r-regoli dwar il-politika komuni tas-sajd u li dan jista’ jwassal għal theddida serja għall-konservazzjoni tal-istokkijiet soġġetti għall-opportunitajiet tas-sajd, fis-sena jew fis-snin ta’ wara l-Kummissjoni, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, tista’ topera tnaqqis mill-kwoti, mill-allokkazzjonijiet jew mill-ishma annwali ta’ stokk jew ta’ grupp ta’ stokkijiet disponibbli għal dak l-Istat Membru, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità billi tiegħu f’kunsiderazzjoni l-ħsara kkaġunata lill-istokkijiet.”

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“4. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 119a rigward id-data ta’ skadenza għall-Istati Membri biex juru li s-sajd jista’ jiġi sfruttat b’mod sikur, il-materjal li għandu jiġi inkluż mill-Istati Membri fir-risposta tagħhom u l-istabbiliment tal-kwantitajiet biex jitnaqqsu billi jitqiesu:

- (a) sa fejn jasal in-nuqqas ta’ konformità u n-natura tiegħu,
- (b) il-gravità tat-theddida għall-konservazzjoni,
- (c) il-ħsara kkawżata lill-istokk min-nuqqas ta’ konformità.”

(77) l-Artikolu 109 hu emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma ssostitwiti b’dan li ġej:

“1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu bażi tad-data kompjuterizzata għall-fini ta’ validazzjoni tad-data rreġistrata f’konformità ma’ dan ir-regolament. Il-validazzjoni tad-data rreġistrata tinkludi l-kontroverifika, l-analiżi u l-verifika tad-data.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data kollha rreġistrata f’konformità ma’ dan ir-Regolament tkun preċiża, kompluta u sottomessa mill-operaturi sal-iskadenzi stabbiliti fir-regoli tal-politika komuni tas-sajd. B’mod partikolari:

- (a) L-Istati Membri għandhom jivvalidaw id-data li ġejja permezz ta’ algoritmi u ta’ mekkaniżmi kompjuterizzati awtomatizzati:
 - (i) data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment;
 - (ii) data dwar l-attivitajiet tas-sajd, b’mod partikolari l-ġurnal ta’ abbord dwar is-sajd, id-dikjarazzjoni ta’ trasbord u n-notifika minn qabel;
 - (iii) data minn dikjarazzjonijiet ta’ akkwizzizzjoni, dokumenti tat-trasport u noti tal-bejgħ;
- (b) L-Istati Membri għandhom jivvalidaw ukoll id-data elenkata hawn fuq mad-data li ġejja fejn applikabbli:
 - (i) data mis-sistema ta’ detezzjoni tal-bastimenti;
 - (ii) data dwar l-avvistamenti;
 - (iii) data relatata mal-attività tas-sajd fil-kuntest tal-ftehimiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 3;
 - (iv) data dwar id-dħul fiż-żoni tas-sajd u l-ħruġ minnhom,

- (v) data tas-sistema ta' identifikazzjoni awtomatika;
- (vi) data minn liċenzji tas-sajd u minn awtorizzazzjonijiet tas-sajd;
- (vii) data minn rapporti ta' spezzjoni u data li tinsab f'reġistru nazzjonali dwar il-każijiet ta' ksur;
- (viii) data dwar is-saħħa tal-magna;
- (ix) rapporti tal-osservaturi tal-kontrolli;
- (x) data minn sistemi ta' televiżjoni b'ċirkwit magħluq abbord bastimenti tas-sajd u monitoraġġ elettroniku ieħor tal-obbligu ta' ħatt l-art f'konformità mal-Artikolu 25a."

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Jekk tiġi identifikata inkonsistenza fid-data, l-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel u jiddokumenta l-investigazzjonijiet, l-analiżi u l-kontroverifiki neċessarji. Ir-riżultati tal-investigazzjonijiet u d-dokumentazzjoni korrispondenti għandhom jiġu trażmessi lill-Kummissjoni fuq talba. Jekk ikun hemm raġunijiet għaliex jista' jiġi ssuspettat li twettaq ksur, l-Istat Membru għandu jagħmel investigazzjonijiet u jieħu l-miżuri immedjati neċessarji f'konformità mal-Artikoli 85 u 91."

(c) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornat pjan nazzjonali għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' validazzjoni li tkopri d-data elenkata taħt il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 u s-segwitu tal-inkonsistenzi. Il-pjan għandu jiddefinixxi l-prijoritajiet tal-Istati Membri għall-validazzjoni tad-data u għas-segwitu sussegwenti tal-inkonsistenzi, skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju."

(78) l-Artikoli 110 u 111 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 110

L-aċċess għad-data u l-ħżin u l-proċessar ta' din

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-aċċess mill-bogħod f'kull ħin u mingħajr avviż minn qabel, mill-Kummissjoni jew mill-korp(i) iddeżinjat(i) minn din, għad-data li ġejja f'forma mhux aggregata:

(a) data dwar l-attivitajiet tas-sajd:

- (i) data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment;
- (ii) data dwar l-attivitajiet tas-sajd, b'mod partikolari l-ġurnali ta' abbord dwar is-sajd, id-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art, id-dikjarazzjonijiet ta' trasbord u n-notifiki minn qabel;
- (iii) data minn dikjarazzjonijiet ta' akkwiżizzjoni, minn dokumenti tat-trasport u minn noti tal-bejgħ;
- (iv) data dwar l-isforz tas-sajd.

(b) data oħra ta' kontroll;

- (i) data dwar l-avvistamenti;

- (ii) data relatata mal-attività tas-sajd fil-kuntest tal-ftehimiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 3;
 - (iii) data dwar id-dħul fiż-żoni tas-sajd u l-ħruġ minnhom,
 - (iv) data minn liċenzji tas-sajd u minn awtorizzazzjonijiet tas-sajd;
 - (v) rapporti tal-ispezzjonijiet;
 - (vi) data dwar is-saħħa tal-magna;
 - (vii) rapporti tal-osservaturi tal-kontrolli;
 - (viii) programmi nazzjonali ta' azzjoni ta' kontroll;
 - (ix) lista ta' uffiċjali nazzjonali.
- (c) il-bażi ta' data elettronika għall-verifika tal-kompletezza u tal-kwalità tad-data miġbura kif imsemmi fl-Artikolu 109;
- (d) ir-reġistru nazzjonali ta' ksur kif imsemmi fl-Artikolu 93.
2. Il-Kummissjoni jew il-korp iddeżinjat minnha jista' jiġbor data, fejn ikun hemm bżonn anki data personali, biex iwettqu dmirijiethom skont ir-regoli tal-politika komuni tas-sajd, b'mod partikolari biex iwettqu spezzjonijiet, verifiki, awditi u inkjesti, jew skont ir-regoli tal-ftehimiet ma' pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.
 3. L-Istati Membri għandhom jagħtu aċċess lill-uffiċjali tal-Kummissjoni jew lil persunal tal-korp iddeżinjat mill-Kummissjoni għad-data msemmija fil-paragrafu 1.
 4. Data dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti tista' tiġi pprovduta lil korpi xjentifiċi tal-Istati Membri u lil korpi xjentifiċi tal-Unjoni, u tista' tintuża minn dawn, biex huma jwettqu riċerka xjentifika u jipprovdu pariri xjentifiċi jekk din id-data ma jibqax ikun fiha r-referenza għan-numri ta' identifikazzjoni tal-bastiment u ma tkunx tippermetti għall-identifikazzjoni tal-persuni fiżiċi.
Id-data elenkata fil-paragrafu 1(a)(ii) u (iii) tista' tiġi pprovduta lil korpi xjentifiċi tal-Istati Membri, lil korpi xjentifiċi tal-Unjoni u lill-Eurostat.
 5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, jimplimentaw u jospitaw il-bażijiet ta' data rilevanti dwar is-sajd li fihom id-data msemmija fil-paragrafu 1. L-aċċess għal dawn il-bażijiet ta' data għandu jingħata permezz ta' aċċess sigur b'kontroll tal-aċċess u bi profili ta' utenti speċifiċi, unikament għall-fini ta' rapportar, ta' statistika, ta' spezzjonijiet u tal-investigazzjoni tal-ksur.

(79) *Artikolu 111*

Skambju ta' data

1. Kull Stat Membru tal-bandiera għandu jiżgura l-iskambju elettroniku dirett ta' informazzjoni rilevanti ma' Stati Membri oħra, u fejn xieraq, mal-Kummissjoni jew mal-korp(i) iddeżinjat(i) minnha, b'mod partikolari:
 - (a) id-data dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti meta l-bastimenti tiegħu jkunu preżenti fl-ibħra ta' Stat Membru ieħor;
 - (b) l-informazzjoni tal-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd meta l-bastimenti tiegħu jkunu qed jistadu, iħottu l-art jew jittrasbordaw fl-ibħra ta' Stat Membru ieħor;

- (c) id-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art u d-dikjarazzjonijiet ta' trasbord meta tali operazzjonijiet iseħħu f'portijiet ta' Stat Membru ieħor;
 - (d) notifika minn qabel meta l-port intenzjonat ikun jinsab fi Stat Membru ieħor;
 - (e) in-noti tal-bejgħ, id-dokumenti tat-trasport u d-dikjarazzjonijiet ta' akkwiżizzjoni meta waħda jew aktar minn fost dawk l-operazzjonijiet iseħħu fi Stat Membru ieħor;
 - (f) rapporti tal-ispezzjonijiet u ta' sorveljanza;
 - (g) ir-reġistru nazzjonali ta' każijiet ta' ksur.
2. Kull Stat Membru kostali għandu jiżgura l-iskambju elettroniku dirett ta' informazzjoni rilevanti ma' Stati Membri oħra u, fejn xieraq, mal-Kummissjoni jew mal-korp(i) iddeżinjat(i) minnha, b'mod partikolari billi jibgħat:
- (a) informazzjoni dwar in-noti tal-bejgħ lill-Istat Membru tal-bandiera meta l-ewwel bejgħ joriġina minn bastiment tas-sajd ta' Stat Membru ieħor;
 - (b) informazzjoni dwar dikjarazzjonijiet ta' akkwiżizzjoni meta l-ħut jinħażen fi Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru tal-bandiera jew l-Istat Membru tal-ħatt l-art;
 - (c) informazzjoni dwar in-noti ta' bejgħ u dwar id-dikjarazzjoni ta' akkwiżizzjoni lill-Istat Membru fejn seħħ il-ħatt l-art;
 - (d) id-dokumenti tat-trasport lill-Istat Membru tal-bandiera, lill-Istat Membru ta' destinazzjoni u ta' tranżitu tat-trasport.
 - (e) rapporti tal-ispezzjonijiet u ta' sorveljanza;
 - (f) ir-reġistru nazzjonali ta' każijiet ta' ksur.”

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).”

(80) jiddaħħal l-Artikolu 111a li ġej:

“*Artikolu 111a*

Kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet dwar id-data

Għall-fini ta' implimentazzjoni tal-Artikoli 110 u 111, il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tistabbilixxi regoli dettaljati dwar

- il-kwalità tad-data, il-konformità mal-iskadenzi għas-sottomissjoni tad-data mill-operaturi, il-validazzjoni tad-data, inklużi l-kontroverifiki, l-analiżi, il-verifika,
- l-iskambju tad-data bejn l-Istati Membri,
- l-aċċess għad-data mill-Kummissjoni jew minn korp iddeżinjat minnha,

- l-aċċess għad-data minn korpi xjentifiċi tal-Unjoni u mill-Eurostat,
- l-interoperabilità u l-istandardizzazzjoni tal-bażijiet ta' data
- id-data elenkata fl-Artikolu 110(1) u (2), inklużi salvagwardji speċifiċi addizzjonali għall-proċessar ta' data personali u regoli dwar is-sigurtà applikabbli għall-bażijiet ta' data.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2).”

(81) l-Artikolu 112 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“*Artikolu 112*

Protezzjoni ta' data personali

1. Id-data msemmija fl-Artikolu 110(1) bl-eċċezzjoni tad-data msemmija fil-paragrafu 1(b)(viii), u fl-Artikolu 110(2) tista' tinkludi data personali.
2. Il-Kummissjoni tista' tipproċessa data personali li għaliha għandha aċċess skont l-Artikolu 110(1) u (2) għall-finijiet li ġejjin:
 - (a) il-monitoraġġ tal-opportunitajiet tas-sajd inkluż il-konsum tal-kwota;
 - (b) il-validazzjoni tad-data;
 - (c) il-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, jew tal-attivitajiet tas-sajd ta' bastimenti fi ħdan l-ibħra tal-Unjoni;
 - (d) il-monitoraġġ tal-kontroll tal-Istati Membri tal-attivitajiet tas-sajd u fil-katina ta' provvista;
 - (e) l-ispezzjonijiet, il-verifiki, l-awditi u l-inkjesti;
 - (f) it-tnejn ta' ftehimiet internazzjonali u ta' miżuri ta' konservazzjoni u l-konformità ma' dawn;
 - (g) l-evalwazzjonijiet u l-valutazzjonijiet tal-impatt ta' politiki;
 - (h) ir-riċerka xjentifika u l-pariri xjentifiċi;
 - (i) l-inkjesti relatati ma' lmenti u ma' ksur.
3. Data personali li tinsab fl-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 110(1) u (2) ma għandhiex tinħażen għal perjodu itwal minn 5 snin, ħliet għal data personali li hi neċessarja biex ikun jista' jingħata segwitu għal ilment, għal ksur, għal spezzjoni, għal verifika jew għal awditu jew għal proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi kurrenti, li tista' tinżamm għal 10 snin. Jekk l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 110(1) u (2) tinżamm għal perjodu ta' żmien itwal, id-data għandha tiġi anonimizzata.
4. L-Istati Membri għandhom jitqiesu bħala kontrollur kif definit fl-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679(*) b'rabta mal-proċessar ta' data personali li huma jiġbru skont dan ir-Regolament.
5. Il-Kummissjoni għandha titqies bħala kontrollur kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2018/2018 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(**) b'rabta mal-proċessar ta' data personali li hi tiġbor skont l-Artikolu 110(1) u (2) ta' dan ir-Regolament.

6. Il-Kummissjoni jew il-korp iddeżinjat minnha u l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sigurtà tal-proċessar ta' data personali li jseħħ skont l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni jew il-korp deżinjat minnha u l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw f'kompiti relatati mas-sigurtà.
7. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri neċessarji, inklużi pjan għas-sigurtà, pjan tal-kontinwità tan-negozju u pjan ta' rkupru minn diżastru, biex:
 - (a) tipproteġi fiżikament id-data, inkluż billi tagħmel pjanijiet ta' kontinġenza għall-protezzjoni ta' infrastruttura kritika;
 - (b) timpedixxi l-qari, l-ikkupjar, il-modifika jew it-tneħħija mhux awtorizzata tal-mezzi tad-data;
 - (c) timpedixxi t-tidhli mhux awtorizzati ta' data u l-ispezzjoni, il-modifika jew it-tħassir mhux awtorizzati ta' data personali reġistrata;
 - (d) timpedixxi l-proċessar mhux awtorizzati ta' data u kwalunkwe kkupjar, modifika jew tħassir mhux awtorizzati ta' data;
 - (e) tiżgura li persuni awtorizzati biex jaċċessaw il-bażijiet ta' data rilevanti dwar is-sajd ikollhom aċċess biss għad-data koperta mill-awtorizzazzjoni tal-aċċess tagħhom, permezz ta' identitajiet tal-utenti individwali u permezz ta' modalitajiet ta' aċċess kunfidenzjali biss;
 - (f) tiżgura li jkun possibbli li jiġi vverifikat u stabbilit lil liema korpi tista' tintbagħat id-data personali u x' data tkun ġiet proċessata fil-bażijiet ta' data rilevanti dwar is-sajd, meta, minn min u għal liema skop;
 - (g) timpedixxi l-qari, l-ikkupjar, il-modifika jew it-tħassir mhux awtorizzati ta' data personali matul it-trażmissjoni ta' data personali lejn il-bażijiet ta' data rilevanti dwar is-sajd jew minn dawn jew matul it-trasport ta' mezz tad-data, b'mod partikolari permezz ta' tekniki xierqa ta' kriptaġġ;
 - (h) timmonitorja l-effettività tal-miżuri tas-sigurtà msemmija f'dan il-paragrafu u tiegħu l-miżuri organizzazzjonali meħtieġa marbuta mal-monitoraġġ intern biex tiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament.
8. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri ekwivalenti għal dawk imsemmija fil-paragrafu 7 fir-rigward tas-sigurtà b'rabta mal-proċessar ta' data personali mill-awtoritajiet li jkollhom dritt li jaċċessaw kwalunkwe waħda mill-bażijiet ta' data rilevanti dwar is-sajd.

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(**) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi, mill-uffiċċji u mill-aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu tat-tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (COM (2017)8 final, 10.1.2017)”

(82) l-Artikoli 114 u 115 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

“*Artikolu 114*

Sit web uffiċjali

“Għall-fini ta’ dan ir-Regolament, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jżomm aġġornat sit web uffiċjali għall-operaturi u għall-pubbliku ġenerali, li bħala minimu jkun fih l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 115.

Artikolu 115

Kontenut tas-sit web

Fuq is-siti web tagħhom, l-Istati Membri għandhom jipubblikaw mingħajr dewmien jew jipprovdu link diretta għall-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-liċenzji tas-sajd, u l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd msemmija fl-Artikolu 7;
 - (b) il-lista ta’ portijiet magħżula għall-iskopijiet ta’ trasbord bl-ispeċifikazzjoni tal-ħinijiet operattivi tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 20;
 - (c) xahar wara d-dħul fis-seħħ ta’ pjan pluriennali, u wara l-approvazzjoni mill-Kummissjoni, il-lista tal-portijiet magħżula, bl-ispeċifikazzjoni tal-ħinijiet operattivi kif imsemmi fl-Artikolu 43, u fi żmien 30 ġurnata wara, il-kundizzjonijiet assoċjati għar-reġistrazzjoni u għar-rappurtar tal-kwantitajiet tal-ispeċijiet taħt il-pjan pluriennali għal kull haht l-art;
 - (d) id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-għeluq fil-ħin reali, u li tiddefinixxi biċ-ċar iż-żona ġeografika taż-żoni tas-sajd affettwati, it-tul ta’ żmien tal-għeluq u l-kundizzjonijiet li jirregolaw is-sajd f’dik iż-żona matul l-għeluq, kif imsemmi fl-Artikolu 53 (2);
 - (e) id-dettalji tal-punt tal-kuntatt għat-trażmissjoni jew għas-sottomissjoni tal-ġurnali ta’ abbord dwar is-sajd, in-notifiki minn qabel, id-dikjarazzjonijiet ta’ trasbord, id-dikjarazzjonijiet tal-haht l-art, in-noti tal-bejgħ, id-dikjarazzjonijiet ta’ akkwiżizzjoni u d-dokumenti tat-trasport kif imsemmija fl-Artikoli 14, 17, 20, 23, 55, 62, 66 u 68;
 - (f) mappa bil-koordinati taż-żona tal-għeluq temporanju fil-ħin reali kif imsemmija fl-Artikolu 54, bl-ispeċifikazzjoni tad-dewmien tal-għeluq u l-kundizzjonijiet li jirregolaw is-sajd f’dik iż-żona matul l-għeluq;
 - (g) id-deċiżjoni biex jingħalaq is-sajd skont l-Artikolu 35 u d-dettalji kollha meħtieġa;
 - (h) lista taż-żoni ristretti għas-sajd u r-restrizzjonijiet korrispondenti
 - (i) lista tal-piżaturi reġistrati filwaqt li jiġu speċifikati l-port u l-faċilità tal-użin f’konformità mal-Artikolu 59a.”
- (83) jitħassar l-Artikolu 116.
- (84) fl-Artikolu 117, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“4. Permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista’ tistabbilixxi regoli dwar l-assistenza reċiproka li jikkonċernaw:

- (a) il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi, il-Kummissjoni u l-korp iddeżinjat minnha;
- (b) l-ispejjeż għall-eżekuzzjoni ta’ talbiet għall-għajnuna;

- (c) id-deżinjazzjoni tal-awtorità unika tal-Istati Membri;
- (d) il-komunikazzjoni ta' miżuri ta' segwitu meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali b'riżultat tal-iskambju ta' informazzjoni;
- (e) it-talba għall-għajnuna, inklużi talbiet għall-informazzjoni, talbiet għal miżuri u talbiet għal notifikazzjoni amministrattivi u l-istabbiliment ta' dati ta' skadenzi għat-tweġibiet;
- (f) l-informazzjoni mingħajr talba minn qabel;
- (g) ir-relazzjonijiet tal-Istati Membri mal-Kummissjoni u ma' pajjiżi terzi.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2).”

(85) fl-Artikolu 118, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. Permezz ta' att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi regoli li jikkonċernaw il-kontenut u l-format tar-rapporti mill-Istati Membri.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2).”

(86) l-Artikolu 119 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“*Artikolu 119*

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġġuna mill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura mwaqqaf bl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) 1380/2013. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)”

(87) jiddaħħal l-Artikolu 119a li ġej:

“*Artikolu 119a*

Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
2. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 7(6), 9(7), 9a(4), 15a(1), 17(6), 21(6), 22(4), 24(5), 39a(4), 58(9), 59a(4), 60a(1) u (2), 73(9), 74(6), 75(2), 92(10), 93a(3), u 107(4) għandhom jingħataw għal perjodu ta' żmien indeterminat.
3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 7(6), 9(7), 9a(4), 15a(1), 17(6), 21(6), 22(4), 24(5), 39a(4), 58(9), 59a(4), 60a(1) u (2), 73(9), 74(6), 75(2), 92(10), 93a(3), u 107(4) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjm id-delegazzjoni tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-

seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċizzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hi ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwaru.
 5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 7(6), 9(7), 9a(4), 15a(1), 17(6), 21(6), 22(4), 24(5), 39a(4), 58(9), 59a(4), 60a(1) u (2), 73(9), 74(6), 75(2), 92(10), 93a(3), u 107(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn (2) min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn li huma jkunu informaw lill-Kummissjoni li mhuma ser iressqu l-ebda oġġezzjoni. Dak il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn (2) fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill."
- (88) jitħassar l-Anness I.
- (89) It-testi stipulati fl-Anness I għal dan ir-Regolament huma miżjuda bħala l-Annessi III u IV.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 768/2005

- (1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “Artikolu 1*
- Objettiv
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (“l-Aġenzija”) għall-fini ta' żgurar ta' livell għoli, uniformi u effettiv ta' kontroll u ta' konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd, inkluża d-dimensjoni esterna tagħha.
 2. Għal dak l-għan, l-Aġenzija għandha tikkoopera mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni u tipprovdihom assistenza teknika, operattiva u xjentifika rigward l-oqsma msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fi ħdan il-limiti tal-missjonijiet u tal-kompiti stabbiliti fil-Kapitolu II.”
- (2) l-Artikolu 3 hu emendat kif ġej:
- (a) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(e) li tkun ta' assistenza għall-Istati Membri u l-Kummissjoni fl-armonizzazzjoni tal-applikazzjoni tal-politika komuni tas-sajd;”
 - (b) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(f) li tagħti kontribut għall-ħidma tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni fir-riċerka u fl-iżvilupp ta' tekniki ta' kontroll u ta' spezzjoni u tniedi riċerka u żvilupp ta' tekniki ta' kontroll u ta' spezzjoni;”
 - (c) jiżdied il-punt (k) li ġej:

“(k) li tassisti lill-Kummissjoni fit-twettiq tal-kompiti assenjati lill-Kummissjoni fl-atti leġiżlattivi tal-Unjoni fir-rigward tal-objettivi tal-Aġenzija.”

(3) l-Artikolu 16 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“Artikolu 16

Skambju u proċessar ta' data u ta' informazzjoni

1. Il-Kummissjoni, l-Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jagħmlu skambju ta' data u ta' informazzjoni rilevanti disponibbli għalihom rigward l-attivitajiet konġunti ta' kontroll u ta' spezzjoni fi ħdan l-ibħra tal-Unjoni u internazzjonali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
2. F'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, l-Aġenzija għandha tiegħu miżuri biex tiżgura protezzjoni xierqa tal-informazzjoni li tasal, u dan skont dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 113 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
3. Ir-Regolament (UE) 2018/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*) għandhom japplikaw għall-proċessar ta' data personali mwettaq mill-Aġenzija.
4. B'rabta mal-proċessar ta' data personali msemmi fl-Artikolu 110(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Aġenzija għandha titqies bħala kontrollur kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2018/XX.
5. L-Aġenzija għandha tipproċessa data personali msemmija fl-Artikolu 110(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għall-fini ta' koordinazzjoni tal-kontrolli u tal-ispezzjonijiet, ta' assistenza lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fit-twettiq tal-kompiti tagħhom skont il-politika komuni tas-sajd, u ta' koordinazzjoni tal-operazzjonijiet għall-ġlieda kontra sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat.
6. Data personali msemmija fl-Artikolu 110(1) u (2) tar-Regolament (KE) 1224/2009 ma għandhiex tinħażen għal perjodu itwal minn 5 snin, ħlief għal data personali li hi neċessarja biex ikun jista' jingħata segwitu għal ilment, għal ksur, għal spezzjoni, għal verifika jew għal awditu jew għal proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi kurrenti, li tista' tinżamm għal 10 snin.
Jekk l-informazzjoni tinżamm għal perjodu ta' żmien itwal, id-data għandha tiġi anonimizzata.
7. It-trasferiment tad-data personali li ġejja li tinsab fid-data dwar l-attivitajiet tas-sajd lil Pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali għandu jsir biss f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/XX u f'konformità mal-ftehim ma' dak il-pajjiż terz jew mar-regoli applikabbli ta' dik l-organizzazzjoni internazzjonali.

(*) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi, mill-uffiċċji u mill-aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu tat-tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċizzjoni Nru 1247/2002/KE (COM (2017)8 final, 10.1.2017)”

(4) l-Artikolu 17a huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“Artikolu 17a

Assenjazzjoni ta' uffiċjali tal-Aġenzija bħala spetturi tal-Unjoni

L-uffiċjali tal-Aġenzija jistgħu jiġu assenjati bħala spetturi tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.”

(5) fl-Artikolu 23, il-paragrafu 2 hu emendat kif ġej:

(a) fil-punt (b), it-termini “30 ta’ April” huma ssostitwiti bi “30 ta’ Ġunju”.

(b) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(i) jiżgura li s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-evalwazzjonijiet imwettqa f’konformità mal-Artikolu 39 jingħataw segwitu adegwat fl-investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) u f’awditi interni jew esterni.”

(6) l-Artikolu 26 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 26*

Laqgħat

1. Il-laqgħat tal-Bord Amministrattiv għandhom jissejħu mill-President tiegħu. L-aġenda għandha tiġi determinata mill-President, li għandu jieħu kont tal-proposti tal-membri tal-Bord Amministrattiv u tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija.
2. Id-Direttur Eżekuttiv u r-rappreżentant maħtur mill-Bord Konsultattiv għandu jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet mingħajr id-dritt għal vot.
3. Il-Bord Amministrattiv għandu jagħmel laqgħa ordinarja mill-inqas darba fis-sena. Barra minn hekk, għandu jiltaqa’ fuq l-inizjattiva tal-President jew fuq talba tal-Kummissjoni jew ta’ terz tal-Istati Membri rappreżentati fil-Bord Amministrattiv.
4. Il-Bord Amministrattiv jista’ jistieden lil rappreżentant tal-istituzzjonijiet rilevanti biex jattendu l-laqgħat tiegħu.
5. Il-Bord Amministrattiv jista’ jistieden lil kwalunkwe persuna li l-opinjoni tagħha tista’ tkun ta’ interess biex tattendi l-laqgħat tiegħu bħala osservatur.
6. Meta jkun hemm kwistjoni ta’ kunfidenzjalità jew ta’ kunflitt ta’ interess, il-Bord Amministrattiv jista’ jiddeċiedi li jeżamina punti speċifiċi fl-aġenda tiegħu mingħajr il-preżenza tar-rappreżentant maħtur mill-Bord Konsultattiv, tar-rappreżentanti maħtura mill-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni kif imsemmi fil-paragrafu 4 u mill-persuna/i msemmija fil-paragrafu 5. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta’ din id-dispożizzjoni jistgħu jitqiegħdu fir-regoli tal-proċedura.
7. Il-membri tal-Bord Amministrattiv jistgħu, soġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-regoli ta’ proċedura tiegħu, ikunu assistiti minn konsulenti jew minn esperti.
8. Is-segretarjat tal-Bord Amministrattiv għandu jiġi pprovdut mill-Aġenzija.”

(7) Fl-Artikolu 29(3), il-punt (a) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(a) għandu/ħa j/tħejji l-abbozz tal-programm annwali ta’ ħidma u l-abbozz tal-programm pluriennali ta’ ħidma u tissottomettihom/jissottomettihom/jissottomettuhom lill-Bord Amministrattiv wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni u l-Istati Membri. Għandu/ħa j/tiegħu l-passi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm ta’ ħidma u tal-programm pluriennali

ta' ħidma fi ħdan il-limiti stabbiliti minn dan ir-Regolament, mir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu u minn kwalunkwe dritt applikabbli ieħor;"

(8) fl-Artikolu 35, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-dħul tal-Aġenzija għandu jikkonsisti, mingħajr preġudizzju għal tipi oħra ta' introjtu, minn:

- (a) kontribuzzjoni mill-Unjoni mdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (it-taqsimha tal-Kummissjoni);
- (b) ħlasijiet għal servizzi pprovduti mill-Aġenzija lill-Istati Membri skont l-Artikolu 6;
- (c) ħlasijiet għal pubblikazzjonijiet, għal taħriġ u/jew għal servizzi oħra pprovduti mill-Aġenzija;
- (d) finanzjament mill-Unjoni fil-forma ta' ftehimiet ta' delega jew ta' għotjiet ad hoc f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-Aġenzija msemmija fl-Artikolu 38 u mad-dispożizzjoni tal-istrumenti rilevanti li jappoġġaw il-politiki tal-Unjoni."

(9) l-Artikolu 39 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 39

Evalwazzjoni

1. Fi żmien ħames snin mid-data li fiha l-Aġenzija bdiet tibda teżegwixxi r-responsabbiltajiet tagħha, u minn hemm 'il quddiem kull ħames snin, għandha ssir evalwazzjoni tal-Aġenzija. Il-Kummissjoni għandha tikkummissjona evalwazzjoni esterna indipendenti biex b'mod partikolari tivvaluta:
 - (a) ir-riżultati miksuba mill-Aġenzija b'kunsiderazzjoni tal-oġettivi, tal-missjoni u tal-kompiti tagħha;
 - (b) l-impatt, l-effettività u l-effiċjenza tal-prestazzjoni tal-Aġenzija u l-prattiki ta' ħidma tagħha b'rabta mal-għanijiet, mal-missjoni u mal-kompiti tagħha.
2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport ta' evalwazzjoni flimkien mal-konklużjonijiet tagħha dwar ir-rapport, lill-Parlament Ewropew u lill-Bord Amministrattiv. Il-Bord amministrattiv jista' joħroġ rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' tibdil f'dan ir-Regolament lill-Kummissjoni. Ir-rapport ta' evalwazzjoni u l-konklużjonijiet dwar ir-rapport għandhom isiru pubbliċi."

Artikolu 3

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1967/2006

Ir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 hu emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 17, jitħassru l-paragrafi 2 sa 6.
- (2) fl-Artikolu 20(1), tithassar it-tieni sentenza.
- (3) jitħassru l-Artikolu 21.

Artikolu 4

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1005/2008

Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 hu emendat kif ġej:

- (1) Fit-titolu tar-Regolament, fl-Artikoli, fl-intestaturi tal-Artikoli u tal-Kapitoli u fl-Annessi, in-nom “Komunità” jew l-aġġettiv korrispondenti huwa sostitwit minn “Unjoni”, bi kwalunkwe tibdil grammatikali li jsir.
- (2) fl-Artikolu 2, il-punt (17) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“17. “avvistament” tfisser kull osservazzjoni minn awtorità kompetenti ta’ Stat Membru responsabbli mill-ispezzjonar ta’ fuq il-baħar, jew mill-kaptan ta’ bastiment tas-sajd Komunitarju jew ta’ pajjiż terz ta’ bastiment tas-sajd involut f’attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala sajd IUU f’konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3.”
- (3) l-Artikolu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 3

Bastimenti tas-sajd involuti f’sajd IUU

Bastiment tas-sajd għandu jiġi preżunt li hu involut f’sajd IUU jekk jintwera li, kuntrarju għall-miżuri ta’ konservazzjoni u ta’ ġestjoni applikabbli fiż-żona kkonċernata, hu wettaq waħda jew aktar minn fost l-attivitajiet:

- elenkati fil-punti minn (a) sa (n) tal-Artikolu 90(2) tar-Regolament (UE) 1224/2009, jew
- meqjusa bħala ksur serju skont il-punti (a), (c), (e), (f) u (i) tal-Artikolu 90(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.”

- (4) l-Artikolu 10 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 10

Il-proċedura ta’ spezzjoni

Biex jivverifikaw il-konformità mad-dritt applikabbli, mar-regolamenti u mal-miżuri internazzjonali rilevanti ta’ konservazzjoni u ta’ ġestjoni, l-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu I tat-Titolu VII tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.”

- (5) fl-Artikolu 11, il-paragrafi 1 u 2 huma ssostitwiti b’dan li ġej:

“1. Jekk l-informazzjoni miġbura matul l-ispezzjoni tipprovdi evidenza li ġġiegħel lill-uffiċjal jemmen li bastiment tas-sajd kien involut f’sajd IUU f’konformità mal-Artikolu 3, l-uffiċjal għandu:

- (1) jirreġistra l-ksur suspettat fir-rapport tal-ispezzjoni;
- (2) jieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jiżgura t-tutela tal-prova relatata ma’ tali ksur suspettat;
- (3) jibgħat immedjatament ir-rapport tal-ispezzjoni lill-awtorità kompetenti.

2. Jekk ir-riżultati tal-ispezzjoni jipprovdu evidenza li bastiment tas-sajd ta’ pajjiż terz involva ruħu f’sajd IUU skont l-Artikolu 3, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-port ma għandhiex tawtorizza lil dawn il-bastimenti li jħottu l-art jew jittrasbordaw il-qabda tagħhom jew ikollhom aċċess għas-servizzi portwarji.”

- (6) jiddaħħlu l-Artikoli 12a sa 12e li ġejjin:

“Artikolu 12a

Skambju, ġestjoni u ħżin integrati kompjuterizzati ta’ informazzjoni, sottomissjoni, validazzjoni u ġestjoni tal-kwantitajiet skont l-Iskema ta’ Ċertifikazzjoni tal-Qabda għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni ta’ prodotti tas-sajd (CATCH)

1. Għall-fini ta’ awtorizzazzjoni tal-ġestjoni, tal-immaniġġjar, tal-ħżin u tal-iskambju integrati ta’ informazzjoni u ta’ dokumenti rilevanti għal sfharrigijiet, għal verifiki u għal kontrolli uffiċjali u għal attivitajiet uffiċjali rilevanti oħra li jikkonċernaw l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta’ prodotti tas-sajd, sistema diġitali ta’ ġestjoni tal-informazzjoni (CATCH) għall-Iskema ta’ Ċertifikazzjoni tal-Qabda għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 12b sa 12d. Il-CATCH għandha tkun integrata fis-Sistema ta’ Ġestjoni tal-Informazzjoni għall-Kontrolli Uffiċjali (IMSOC) stabbilita mir-Regolament 2017/625(*).
2. L-iskambji kollha ta’ informazzjoni b’rabta mal-importazzjoni ta’ prodotti tas-sajd u mal-verifiki relatati, il-ġestjoni tar-riskju, il-verifiki u l-kontrolli, id-dokumenti bħad-dikjarazzjonijiet tal-importatur, iċ-ċertifikati tal-qabda, id-dikjarazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet ta’ trasbordi, id-dikjarazzjonijiet ta’ proċessar, l-applikazzjonijiet jew id-deċiżjonijiet, bejn l-importatur u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni kif previst f’dan ir-Regolament, għandhom isiru bil-CATCH.
3. Il-Kummissjoni hi mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 54b rigward il-każijiet u l-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jiġu stabbiliti eżenzjonijiet temporanji mill-applikazzjoni tal-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu.
4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jużaw l-informazzjoni sottomessa mill-importaturi bl-użu tal-CATCH, kif stabbilit skont il-paragrafu 16(1), għall-ġestjoni tal-kwalità kif ukoll, fuq il-bażi tal-ġestjoni tar-riskju, għat-twettiq tal-kontrolli u tal-verifiki tagħhom u għat-teħid ta’ deċiżjonijiet kif stabbilit skont dan il-Kapitolu u l-atti delegati u ta’ implimentazzjoni msemmija f’dan il-Kapitolu u fl-Artikolu 54a ta’ dan ir-Regolament.

Artikolu 12b

Funzjonalitajiet ġenerali tal-CATCH

Il-CATCH għandha:

- (a) tippermetti li jsiru s-sottomissjoni, l-immaniġġjar, il-ġestjoni u l-iskambju kompjuterizzati tal-informazzjoni, tad-data u tad-dokumenti neċessarji għat-twettiq ta’ sfharrigijiet, ta’ ġestjoni tar-riskju, ta’ verifiki, ta’ kontrolli u ta’ deċiżjonijiet kif imsemmi f’dan il-Kapitolu, fir-regoli relatati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1010/2009 u fl-atti delegati u ta’ implimentazzjoni msemmija f’dan il-Kapitolu u fl-Artikolu 54a ta’ dan ir-Regolament, fost l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni u, fejn xieraq, bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati tal-bandiera, il-pajjiżi tal-proċessar u l-pajjiżi terzi l-oħra kkonċernati, l-importaturi u l-esportaturi;

- (b) tipprovdi għal mekkaniżmu ta' ġestjoni tal-kwantitajiet, li jiżgura li l-piż tal-prodott iddikjarat mill-importaturi għal importazzjonijiet taħt ċertifikat wieħed tal-qabda ma jkunx oġġa mill-piż reġistrat u validat fit-tali ċertifikat tal-qabda;
- (c) tipprovdi għall-possibbiltà ta' skambju ta' informazzjoni, ta' data u ta' dokumenti rilevanti għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni ta' prodotti tas-sajd f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni msemmija f'dan il-Kapitolu u fl-Artikolu 54a ta' dan ir-Regolament, mal-awtoritajiet tal-Istati Membri l-oħra u mal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri permezz tat-Tieqa Unika tal-UE;
- (d) tipprovdi għall-possibbiltà ta' ġestjoni u ta' analiżi elettroniċi tar-riskju.

Artikolu 12c

Il-funzjonament tal-CATCH

F'konformità mar-regoli stabbiliti għall-IMSOC, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-funzjonament tal-CATCH li jistabilixxu:

- (a) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-CATCH bħala komponent tas-sistema tal-IMSOC, inkluż il-mekkaniżmu elettroniku ta' skambju ta' data għall-iskambji ma' sistemi nazzjonali eżistenti, l-identifikazzjoni ta' standards applikabbli, id-definizzjoni ta' strutturi ta' messaġġi, dizżjunarji tad-data, skambju ta' protokollu u ta' proċeduri;
- (b) ir-regoli speċifiċi għall-funzjonament tal-CATCH u tal-komponenti tas-sistema tagħha biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data personali u s-sigurtà tal-iskambju ta' informazzjoni;
- (c) l-arranġamenti ta' kontinġenza li għandhom jiġu applikati f'każ ta' indisponibbiltà ta' kwalunkwe funzjonalità tal-CATCH;
- (d) il-każijiet fejn, u l-kundizzjonijiet li fihom, il-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament jistgħu jingħataw aċċess parzjali għall-funzjonalitajiet tal-CATCH u tal-arranġamenti prattiċi ta' tali aċċess;
- (e) ir-regoli li skont dawn id-dokumenti elettroniċi, inkluża l-firma elektronika, validati jew approvati mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi jistgħu jiġu aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti;
- (f) id-dokumenti mudelli, il-formoli u r-regoli, inkluż għal formats elettroniċi, għall-ħruġ ta' dokumenti uffiċjali previsti skont dan ir-Regolament, apparti l-mudell previst fl-Anness II u fl-Appendiċi tiegħu kif ukoll il-formola prevista fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(2).

Artikolu 12d

Protezzjoni ta' data personali

1. Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(**) u r-Regolament (UE) 2018/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(***) għandhom japplikaw meta l-informazzjoni proċessata permezz tal-CATCH ikun fiha data personali kif definita fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679.

2. Fir-rigward tar-responsabbiltajiet tagħhom li jibagħtu l-informazzjoni rilevanti lill-CATCH u l-proċessar ta' kwalunkwe data personali li tista' tirriżulta minn din l-attività, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jitqiesu bħala kontrolluri kif definit fl-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679.
3. Il-Kummissjoni għandha titqies bħala kontrollur kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2018/XX b'rabta mar-responsabbiltà tagħha li timmaniġġja l-CATCH u l-proċessar ta' kwalunkwe data personali li tista' tirriżulta minn dik l-attività.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-CATCH tikkonforma mar-regoli dwar il-protezzjoni ta' data personali stabbiliti skont l-Artikoli 134 u 135 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Artikolu 12e

Sigurtà tad-data

(7) L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-CATCH tikkonforma mar-regoli dwar is-sigurtà tad-data stabbiliti skont l-Artikoli 134 u 136 tar-Regolament (UE) 2017/625.

(8) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Biex ikun jista' jimporta prodotti tas-sajd li jikkostitwixxu kunsinna waħda u li ġew proċessati f'pajjiż terz, l-importatur għandu jippreżenta lill-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' importazzjoni, ta' dikjarazzjoni stabbilita mill-impjant ta' proċessar f'dak il-pajjiż terz u approvat mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu f'konformità mal-formola fl-Anness IV:

- (a) li jkun jagħti deskrizzjoni eżatta tal-prodotti mhux proċessati u l-prodotti proċessati u l-kwantitajiet rispettivi tagħhom;
- (b) li jindika li l-prodotti proċessati ġew proċessati f'dak il-pajjiż terz minn qabdiet akkumpanjati minn ċertifikat(i) tal-qabda vvalidati mill-Istat tal-bandiera; u
- (c) ikun akkumpanjat minn:
 - (i) iċ-ċertifikat(i) oriġinali tal-qabda fejn it-totalità tal-qabdiet ikkonċernati ntużat għall-proċessar tal-prodotti tas-sajd esportati f'kunsinna waħda; jew
 - (ii) kopja taċ-ċertifikat(i) oriġinali tal-qabda, fejn parti mill-qabdiet ikkonċernati ġiet użata parzjalment għall-proċessar tal-prodotti tas-sajd esportati f'kunsinna waħda.

Għall-finijiet ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ, l-approvazzjoni tad-dikjarazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti mhix meħtieġa jekk:

- (d) il-prodotti tas-sajd ikkonċernati jinqabdu minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-pajjiż fejn jiġu proċessati dawk il-prodotti tas-sajd u;
- (e) l-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni hi l-istess awtorità kompetenti tal-bandiera tal-Istat għall-validazzjoni taċ-ċertifikat tal-qabda kif notifikata lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 20(1) ta' dan ir-Regolament.

Fejn l-ispeċijiet kkonċernati huma soġġetti għal skema tad-dokumentazzjoni tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd, li ġiet rikonossuta skont l-Artikolu 13, id-dikjarazzjoni tista' tiġi ssostitwita biċ-ċertifikat ta' riesportazzjoni ta' dik l-iskema ta' dokumentazzjoni tal-qabda, dment li l-pajjiż terz tal-proċessar ikun issodisfa ir-rekwiżiti ta' notifika tiegħu kif xieraq.

(*) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-ġhalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1)

(**) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-proċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(***) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi, mill-uffiċċji u mill-aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu tat-tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (COM (2017)8 final, 10.1.2017).”

(9) fl-Artikolu 16, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-importatur ta' prodotti tas-sajd fl-Unjoni għandu jissottometti ċ-ċertifikat tal-qabda, kif stabbilit fl-Artikolu 12(4), flimkien mad-dettalji dwar it-trasport tiegħu kif speċifikati fl-Anness II, id-dikjarazzjoni tal-impjant tal-proċessar kif stabbilita fl-Artikolu 14(2) u informazzjoni oħra kif meħtieġa fl-Artikoli 12, 14 u 17 b'mod elettroniku permezz tal-CATCH lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih hu maħsub li jiġi importat il-prodott. Iċ-ċertifikat tal-qabda flimkien mad-dettalji dwar it-trasport tiegħu, id-dikjarazzjoni tal-impjant tal-proċessar u informazzjoni oħra kif meħtieġa fl-Artikoli 12 u 14 iridu jiġu sottomessi tal-anqas tlett ijiem tax-xogħol qabel iż-żmien stmat tal-wasla fil-post tad-dħul fit-territorju tal-Unjoni. L-iskadenza ta' tlett ijiem tax-xogħol tista' tkun adattata skont it-tip ta' prodott tas-sajd, id-distanza għall-post ta' dħul fit-territorju tal-Unjoni jew il-mezz tat-trasport użat. Dawk l-awtoritajiet kompetenti għandhom, abbażi ta' ġestjoni tar-riskju, jivverifikaw id-dokumenti sottomessi kollha, b'mod partikolari ċ-ċertifikat tal-qabda fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta fin-notifika rċevuta mill-Istat tal-bandiera skont l-Artikoli 20 u 22.”

(10) fl-Artikolu 27, il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“8. Il-bastimenti tas-sajd tal-Komunità ma għandhomx jiġu inklużi fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità jekk l-Istat Membru tal-bandiera jkun ħa azzjoni skont dan ir-Regolament u r-Regolament 1224/2009 kontra abbuż li jikkostitwixxi ksur serju kif stabbilit fl-Artikolu 42(1) mingħajr preġudizzju għall-azzjoni meħuda mill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd.”

(11) L-intestatura tal-Kapitolu IX hija sostitwita b'dan li ġej:

“KAPITOLU IX

PROĊEDIMENTI U INFURZAR”

- (12) l-Artikolu 42 huwa sostitwit b’dan li ġejj:

“*Artikolu 42*

Ksur serju

“Għall-fini ta’ dan ir-Regolament, “ksur serju” tfisser kwalunkwe ksur elenkat fil-punti (a) sa (n), (o) u (p) tal-Artikolu 90(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jew meqjus bħala ksur serju skont il-punti (a), (c), (e), (f) u (i) tal-Artikolu 90(3) ta’ dak ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009.”

- (13) Jiddaħħal l-Artikolu 42a li ġejj:

“*Artikolu 42a*

Proċedimenti fil-każ ta’ ksur serju

Mingħajr ħsara għall-Artikoli 11(4) u 50 ta’ dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 85 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 fejn jiġi identifikat ksur serju.”

- (14) l-Artikolu 43 huwa sostitwit b’dan li ġejj:

“*Artikolu 43*

Miżuri għall-iżguraw tal-konformità

1. Mingħajr ħsara għas-setgħat tal-Istati Membri li jifftu proċedimenti kriminali u jimponu sanzjonijiet kriminali, l-Istati Membri, f’konformità mad-dritt nazzjonali tagħhom, għandhom japplikaw b’mod sistematiku l-miżuri u s-sanzjonijiet amministrattivi kontra l-persuna fiżika li tkun wettqet jew persuna ġuridika miżmuma responsabbli għal ksur serju kif definit f’dan ir-Regolament.
2. Meta persuna fiżika tkun suspettata li wettqet jew tinqabad fl-att filwaqt li tkun qed twettaq ksur serju jew persuna ġuridika tkun suspettata li hi responsabbli għal tali ksur serju f’konformità ma’ dan ir-Regolament, l-Istati Membri, f’konformità mad-dritt nazzjonali tagħhom, minnufih għandhom jieħdu l-miżuri rilevanti u immedjati f’konformità mal-Artikolu 91 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna fiżika li tkun wettqet ksur serju jew persuna ġuridika miżmuma responsabbli għal ksur serju tkun punibbli permezz ta’ sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, f’konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 89a, 91a, 91b u 92a tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. L-Istati Membri għandhom japplikaw ukoll il-miżuri f’konformità mal-Artikoli 92 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.”

- (15) jitħassru l-Artikoli 44 sa 47.

- (16) jiddaħħlu l-Artikoli 54a u 54b li ġejjin;

“*Artikolu 54a*

Emendar tal-Annessi

Il-Kummissjoni hi mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 54b li jemenda l-Anness II bl-Appendiċi u bl-Anness IV tiegħu, biex jittieħdu f’kunsiderazzjoni l-iżviluppi internazzjonali fl-iskemi ta’ dokumentazzjoni tal-qabda,

l-iżviluppi xjentifiċi u l-progress tekniku inklużi l-adattamenti għall-fini tal-implimentazzjoni tal-CATCH.

Artikolu 54b

Eżerċizzju tad-delega

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
 2. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 12a(3) u 54a għandha tingħata għal perjodu indeterminat ta' żmien.
 3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 12a(3) u 54a tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delegazzjoni tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hi ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.
 4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwaru.
 5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 12a(3) u 54a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn (2) minn meta l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiġu notifikati dwar dan l-att jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn (2) fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill."
- (17) L-Anness II u l-Appendiċi tiegħu huma ssostitwiti bit-test stipulat fl-Anness II għal dan ir-Regolament.
- (18) fl-Anness IV, is-sentenza ta' introduzzjoni hija sostitwita b'dan li ġej:
"Jien nikkonferma li l-prodotti tas-sajd proċessati: ... (deskrizzjoni tal-prodott u kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda) inkisbu minn qabdiet skont iċ-ċertifikat(i) tal-qabda li ġej(jin):"

Artikolu 5

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 2016/1139

Fir-Regolament (KE) Nru 2016/1139 jitħassru l-Artikoli 12 u 13.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli 1, 3, 4, 5 għandhom japplikaw minn [24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*